## SEZZJONI 2

## POLITIKA MONETARJA

### ARTIKOLU III-185

1. L-għan prinċipali tas-Sistema Ewropea ta’ Banek Ċentrali hu li tinżamm l-istabbilta’ tal-prezzijiet. Bla preġudizzju għal dan il-għan, is-Sistema Ewropea ta’ Banek Ċentrali għandha ssostni l-linji ta’ politika ekonomika ġenerali fl-Unjoni biex tikkontribwixxi sabiex jintlaħqu l-għanijiet tagħha kif stipulati fl-Artikolu I-3. Is-Sistema Ewropea ta’ Banek Ċentrali għandha taġixxi skond il-prinċipju ta’ ekonomija ta’ suq miftuh b’kompetizzjoni libera, li tiffavorixxi l-allokazzjoni effiċjenti ta’ riżorsi, u skond il-prinċipji previsti fl-Artikolu III-177.

2. Il-kompiti fundamentali li għandhom jitwettqu fis-Sistema Ewropea ta’ Banek Ċentrali għandhom ikunu:

a) li tiġi definita u implimentata l-politika monetarja ta’ l-Unjoni;

b) li jiġu mwettqa operazzjonijiet ta’ kambju konsistenti ma’ l-Artikolu III-326;

ċ) li jinżammu u jiġu amministrati r-riżervi barranin uffiċjali ta’ l-Istati Membri;

d) li tiġi promossa l-operazzjoni bla xkiel tas-sistemi ta’ pagament.

3. Il-paragrafu 2(ċ) għandu jkun bla preġudizzju għaż-żamma u l-amministrazzjoni ta’ bilanċi operattivi ta’ kambju mill-gvernijiet ta' l-Istati Membri.

4. Il-Bank Ċentrali Ewropew għandu jiġi kkonsultat:

a) dwar kull att propost ta’ l-Unjoni fl-oqsma ta’ setgħat tiegħu;

b) minn awtoritajiet nazzjonali fir-rigward ta’ kull abbozz ta’ disposizzjoni leġislattiva fl-oqsma ta’ setgħat tiegħu, imma fil-limiti u taĦt il-kondizzjonijiet stabbiliti mill-Kunsill skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu III-187(4).
Il-Bank Ċentrali Ewropew jista’ jissottometti opinjonijiet lill-istituzzjonijiet, il-korpi jew l-aġenziji ta’ l-Unjoni jew lil awtoritajiet nazzjonali dwar kwistjonijiet fl-oqsma ta’ setgħat tiegħu.

5. Is-Sistema Ewropea ta’ Banek Ċentrali għandha tikkontribwixxi għall-kondotta bla xkiel ta’ politika mwettqa minn awtoritajiet kompetenti li għandhom x'jaqsmu mas-supervizjoni prudenzjali ta’ istituzzjonijiet ta’ kreditu u għall-istabbilta’ tas-sistema finanzjarja.

6. Liġi Ewropea tal-Kunsill tista' tagħti lill-Bank Ċentrali Ewropew kompiti speċifiċi li jikkonċernaw politika dwar is-superviżjoni prudenzjali ta’ istituzzjonijiet ta’ kreditu u istituzzjonijiet finanzjarji oħra bl-eċċezzjoni ta’

**impriżi ta' l-assigurazzjoni. Il-Kunsill għandu jaġixxi b'mod unanimu wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew u mal-Bank Ċentrali Ewropew.**

**Kollox f'Idejn l-Istituzzjonijiet Ewropej**

Artikolu ieħor li jagħmel dak kollu li għamlu Artikoli oħra qablu li jagħtu l-jeddijiet u s-setgħat kollha lill-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea, f'dan il-każ lill-Bank Ċentrali Ewropew, liema jeddijiet u setgħat jittieħdu mingħand l-Istati Membri.

Innutaw li anki hawnhekk kollox jingħad li għandu jsir skond il-prinċipju tas-suq ħieles u miftuh mingħajr l-ebda rażan li huwa l-aqwa principju ta' l-Unjoni Ewropea li ma tibdlu ma xejn minkejja t-tbatijiet kbar li dan dejjem ikkawża speċjalment fl-Istati Membri tagħha u fuq iċ-ċittadini tagħhom.

Innutaw ukoll kif fis-subartikolu 2(ċ) jingħad li **"jinżammu u jiġu amministrati r-riżervi barranin uffiċjali ta' l-Istati Membri".**

Fi kliem ieħor il-banek ċentrali ta' l-Istati Membri ma jamministrawx u jmexxu r-riservi barranin uffiċjali tagħhom stess, jiġifieri ta' l-Istati Membri individwalment, imma kollox jitmexxa mis-sistema federali tal-Banek Ċentrali Ewropej.

Subartikolu 6 jfisser li liġi Ewropea tista' tagħti kompiti lill-Bank Ċentrali Ewropew biex jagħmel politika u jgħasses fuq istituzzjonijiet ta' kreditu u oħra barra impriżi ta' assigurazzjoni.

Fi kliem ieħor, politika dwar kull bank jew istituzzjoni oħra li tislef flus f'kull Stat Membru barra minn impriżi ta' assigurazzjoni kif ukoll superviżjoni jew, bil-Malti, għassa fuqhom.

**ARTIKOLU III-186**

**1. Il-Bank Ċentrali Ewropew għandu d-dritt esklużiv li jawtorizza l-ħruġ ta' karti tal-flus euro fl-Unjoni. Il-Bank Ċentrali Ewropew u l-banek ċentrali nazzjonali jistgħu joħorġu dawn il-karti. Il-karti tal-flus maħruġa mill-Bank Ċentrali Ewropew u l-banek ċentrali nazzjonali biss għandhom valuta legali fl-Unjoni.**

**2. L-Istati Membri jistgħu joħorġu muniti euro bla ħsara għall-approvazzjoni mill-Bank Ċentrali Ewropew tal-volum tal-ħruġ.**

**Il-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni, jista' jadotta regolamenti Ewropej li jistabbilixxu miżuri għall-armonizzazzjoni tad-denominazzjonijiet u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-muniti kollha maħsuba għal cirkolazzjoni sal-limitu meħtieġ biex tkun permessa ċ-ċirkolazzjoni bla xkiel fl-Unjoni. Il-Kunsill għandu jaġixxi wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew u l-Bank Ċentrali Ewropew.**

**Il-Bank Ċentrali Ewropew Jiddeċiedi Kollox**

Innutaw kif ikun il-Bank Ċentrali Ewropew li joħroġ u jawtorizza l-ħruġ tal-munita ewro f'karti. Jekk il-Banek Ċentrali ta' l-Istati Membri jingħataw il-permess li joħorġuh, jingħataw l-ammont ta' kemm jistgħu joħorġu u mhux joħorġu kemm iridu.

L-Istati Membri nfushom jistgħu joħorġu wkoll muniti, imma nnutaw li jrid ikollhom il-permess tal-Bank Ċentrali Ewropew li jrid jara li jkunu skond il-valur, qisien u materjal li jordna biex kollha jkunu l-istess fl-Istati Membri kollha, u ma jistgħux jagħmlu kemm iridu, imma kemm jagħtihom permess il-Bank Ċentrali Ewropew.

Huwa għalhekk li l-Unjoni Ewropea trid li jkun hemm munita waħda għal kulħadd, biex hija tkun tista' żżomm kontroll sħiħ fuq l-Istati Membri għaliex wara li jadottaw l-ewro, tispiċċa l-munita tagħhom darba għal dejjem u jispiċċa kull kontroll li huma jkollhom fuq il-munita tagħhom u fuq kemm jistampaw minnha.

Innutaw kif jingħad li huma biss il-karti ta' flus maħruġa mill-Bank Ċentrali Ewropew u l-banek ċentrali nazzjonali li għandu jkollhom status ta' kors legali fl-Unjoni Ewropea.

Dan ifisser ukoll li l-ebda munita oħra ma tista' tintuża bħala valuta legali fit-territorju ta' l-Istati Membri, la barranija u lanqas ta' l-Istat Membri, u huwa għalhekk li lanqas l-Istati Membri ma jistgħu jżommu l-munita' tagħhom, għaliex inkella l-Unjoni Ewropea ma jkollhiex kontroll assolut fuqhom.

Innutaw ukoll li jingħad li l-karti ta' l-ewro maħruġa mill-istituzzjonijiet imsemmija għandu jkollhom status ta' kors legali **<u>fit-territorju ta' l-Unjoni,</u>** u ma jingħadx **<u>fit-territorju ta' l-Istati Membri.</u>**

Jista' jkun ċar aktar minn hekk li t-territorju nazzjonali ta' l-Istati Membri jispiċċa darba għal dejjem u jsir territorju ta' l-Unjoni Ewropea darba li Stat isir membru ta' l-Unjoni Ewropea?

Jista' jkun ċar aktar minn hekk li l-Unjoni Ewropea hija diġa' Stat Federali Ewropew li jekk tiġi approvata l-Kostituzzjoni tagħha li qegħdin naraw flimkien tkun tfisser biss l-aħħar pass u l-konferma tat-twettieq fil-prattika ta' dan l-Istat Federali?

Qegħdin taraw kif pass wara pass wara pass dak kollu li sar sa mill-bidu ta' l-ewwel Trattat u t-twaqqif ta' l-ewwel komunita' Ewropea, l-għan dejjem kien li jitwaqqaf Stat Federali Ewropew bħala l-Istati Uniti ta' l-Ewropa kif kienu ppjanaw il-federalisti internazzjonali u dawk Ewropej sa minn qabel l-ewwel gwerra dinjija?

**ARTIKOLU III-187**

**1. Is-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali għandha tkun regolata mill-korpi deċiżjonali tal-Bank Ċentrali Ewropew, li għandhom ikunu l-Kunsill tal-Gvernaturi u l-Bord Eżekuttiv.**

**Kollox Regolat mill-Bank Ċentrali Ewropew**

Ħalli ngħaddu xi kummenti fuq dan is-subartikolu qabel ma nkomplu naraw l-oħrajn.

Innutaw li minkejja li jingħad li s-sistema tal-Banek Ċentrali Ewropej għandha tkun magħmula wkoll mill-Banek Ċentrali nazzjonali, huwa l-Kunsill Governattiv u l-Bord Esekuttiv li jirregola s-sistema u mhux il-Banek Ċentrali ta' l-Istati Membri.

Innutaw ukoll li s-sistema tal-Bank Ċentrali Ewropew tkun regolata mill-korpi msemmija, u għaldaqstant ma jista' jkun hemm l-ebda influwenza mill-Istati Membri jew xi istituzzjonijiet tagħhom kif jidher aktar ċar mis-subartikli li jmiss.

**Protokoll tal-Bank Ċentrali**

**2. L-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali huwa stabbilit fil-Protokoll dwar l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u l-Bank Ċentrali Ewropew.**

Innutaw li kif ġara f'Artikoli oħra, l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u l-Bank Ċentrali Ewropew hija mwaqqfa fil-Protokoll imsemmi li huwa parti minn din il-Kostituzzjoni li trid il-qbil ta' l-Istati Membri u ċ-ċittadini tagħhom fejn huma sejrin jiġu kkonsultati.

Madankollu, dan sejjer ikun jista' jinbidel b'liġijiet Ewropej fuq proposta mill-Kummissjoni jew fuq rakkomandazzjoni tal-Bank Ċentrali Ewopew mingħajr ma l-Istati Membri u ċ-ċittadini tagħhom jerġgħu jagħtu l-qbil u l-kunsens tagħhom.

Dan ifisser li bħal ma jiġri dejjem fl-Unjoni Ewropea, ma dak li l-Istati Membri jew ir-rappreżentanti tagħhom ikunu qegħdin jaqblu jkun hemm ukoll l-għoti tal-jedd u s-setgħa lill-Unjoni Ewropea li tkun tista' tibdel dak li jkunu qablu fuqu mingħajr ma terġa' titlob il-qbil u l-kunsens tagħhom.

Dan ifisser li mhux biss il-mexxejja federalisti ta' l-Unjoni Ewropea ma tistax tafdahom, mhux biss trid toqgħod attent u tifli dak li tkun qiegħed taqbel miegħu, imma li kif jgħid il-qawl Malti, fl-Unjoni Ewropea tkun "**qiegħed tixtri l-ħut fil-baħar**", għaliex tkun qiegħed tagħtiha l-jedd u s-setgħa tagħmel xi ħaġa li inti ma tkunx taf x'inhija.

Qegħdin taraw il-qerq ta' l-Unjoni Ewropea u l-mexxejja tagħha li jitolbu l-qbil fuq xi ħaġa u fl-istess waqt ikunu qegħdin jitolbu wkoll baxx baxx li huma jkollhom il-jedd u s-setgħa li jibdlu dak kollu li jkun jidrilhom mingħajr ma jerġgħu jikkonsultaw lill-Istati Membru u ċ-ċittadini tagħhom?

Innutaw li kif għedna aktar qabel, il-fatt li l-affarijiet isiru fi Protokoll u ma nsibuhomx f'dawn l-Artikoli jew f'din is-sezzjoni jfisser li aktarx min ikun qiegħed jaqra jibqa' għaddej, ma joqgħodx ifittex x'jgħid il-protokoll.

Protokoll normalment ikun jinsab fl-aħħar tad-dokument, u speċjalment meta taqra dokument twil bħal ma hija din il-Kostituzzjoni tibda tgħejja u lanqas tinduna li ma

tibqax attent daqs kemm tkun fil-bidu għal dawn l-affarijiet u affarijiet u għanijiet oħra li jkunu moħbija.

Barra minn hekk, jekk toqgħod tmur tara x'fih il-Protokoll, aktarx titlef il-konċentrazzjoni li inti tkun qiegħed tagħmel fuq il-parti tal-Kostituzzjoni li tkun qiegħed tara, u b'hekk ukoll ma tinnutax affarijiet oħra fil-parti li tkun qiegħed tara.

Dan isir apposta mill-Unjoni Ewropea biex l-affarijiet jintnesew u jkunu jistgħu jdaħħlu affarijiet illi kieku jagħmluhom f'dawn l-Artikolu jew f'din is-sezzjoni kienu jidhru koroh.

B'hekk, l-Unjoni Ewropea tikseb il-kunsens għall-Protokoll ukoll barra mill-kunsens għal affarijiet oħra fl-istess dokument li tkun qiegħed tara qabel mingħajr ma tkun flejtu sewwa.

**Emendi għall-Istatut b'Liġi Ewropea**

**3. L-Artikolu 5(1), (2) u (3), l-Artikoli 17 u 18, l-Artikolu 19(1), l-Artikoli 22, 23, 24 u 26, l-Artikolu 32(2), (3), (4) u (6), l-Artikolu 33(1)(a) u l-Artikolu 36 ta' l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew jistgħu jiġu emendati b'liġi Ewropea:**

**a) kemm fuq proposta mill-Kummissjoni u wara konsultazzjoni mal-Bank Ċentrali Ewropew;**

**b) kif ukoll fuq rakkomandazzjoni mill-Bank Ċentrali Ewropew u wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni.**

Innutaw kif il-ħin kollu ssir referenza għal-Artikoli ta' l-Istatut tas-Sistema tal-Banek Ċentrali Ewropej u li dan ma jinsabux f'din il-parti imma fil-Protokoll imsemmi. Dak li għedna għall-protokoll qabel jgħodd ukoll għal dan is-subartikolu. Hekk isiru l-affarijiet fl-Unjoni Ewropea.

Innutaw ukoll kif l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea, f'dan il-każ il-Kummissjoni u l-Bank Ċentrali Ewropew, iħokku dahar xulxin biex issir il-liġi biex jiġu emendati l-Artikli msemmija.

**Regolamenti u Deċiżjonijiet mill-Kunsill**

**4. Il-Kunsill għandu jadotta r-regolamenti u d-deċiżjonijiet Ewropej li jistabbilixxu l-miżuri previsti fl-Artikolu 4, l-Artikolu 5(4), l-Artikolu 19(2), l-Artikolu 20, l-Artikolu 28(1), l-Artikolu 29(2), l-Artikolu 30(4), u l-Artikolu 34(3) ta' l-Istatut tas-Sistema ta' Banek Ċentrali Ewropej u tal-Bank Ċentrali Ewropew. Għandu jaġixxi wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew.**

**a) jew fuq proposta mill-Kummissjoni u wara konsultazzjoni mal-Bank Ċentrali Ewropew;**

**b) jew fuq rakkomandazzjoni mill-Bank Ċentrali Ewropew u wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni.**

L-istess kummenti li għamilna għas-subartikoli l-oħra nagħmluhom ukoll għal dan is-subartikolu, imma neġġħu niġbdu wkoll l-attenzjoni li kollox isir mill-istituzzjonijiet ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea u mhux mill-Istati Membri.

## ARTIKOLU III-188

**Meta jeżerċitaw il-poteri u jwettqu l-kompiti u d-dmirijiet mogħtija lilhom mill-Kostituzzjoni u mill-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, la l-Bank Ċentrali Ewropew, la bank ċentrali nazzjonali, u lanqas kwalunkwe membru tal-korpi deċiżjonali tagħhom m'għandhom ifittxu jew jieħdu struzzjonijiet minn istituzzjonijiet, korpi jew aġenziji ta' l-Unjoni, minn kwalunkwe gvern ta' Stat Membru jew minn xi korp ieħor. L-istituzzjonijiet, il-korpi jew l-aġenziji ta' l-Unjoni u l-gvernijiet ta' l-Istati Membri jimpenjaw ruħhom li jirrispettaw dan il-prinċipju u li ma jfittxux li jinfluwenzaw membri tal-korpi deċiżjonali tal-Bank Ċentrali Ewropew jew tal-banek ċentrali nazzjonali fil-qadi tad-dmirijiet tagħhom.**

### Il-Bank Ċentrali Ewropew Indipendenti

Kif tistgħu taraw, il-Bank Ċentrali Ewropew u l-banek l-oħra msemmija ma jieħdu l-ebda istruzzjonijiet, la mingħand l-Unjoni Ewropea u lanqas mill-Istati Membri jew xi istituzzjonijiet tagħhom, imma dejjem jaħdmu biss għall-għanijiet ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea.

Fi kliem ieħor, ikunu kemm ikunu qegħdin ibatu l-Istati Membri u ċ-ċittadini tagħhom, huma ma jistgħu bl-ebda mod jippruvaw jinfluwenzaw il-politika tal-Bank Ċentrali Ewropew biex forsi jtaffu l-problemi, anki jekk ikunu l-aktar serji u jkunu qegħdin jikkawżawlhom l-aktar danni serji.

Tinsewx li "**Is-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali għandha taġixxi skond il-prinċipju ta' ekonomija ta' suq miftuh b'kompetizzjoni libera**", il-lealta' hija biss lejn dan il-prinċipju u lejn l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea.

Għaldaqstant ma jistax ikun jinteressahom mid-danni li jistgħu jkunu qegħdin jiġi kkawżati lill-Istati Membri u ċ-ċittadini tagħhom.

L-aqwa li jinżamm sħiħ u mingħajr mittiefes il-prinċipju ta' l-Alla falz tas-suq ħieles mingħajr l-ebda rażan ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea.

## ARTIKOLU III-189

**Kull Stat Membru għandu jassigura li l-leġislazzjoni nazzjonali tiegħu, inklużi l-istatuti tal-bank ċentrali nazzjonali tiegħu, tkun kompatibbli mal-Kostituzzjoni u l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew.**

**Liġijiet Nazzjonali bilfors skond il-Kostituzzjoni**

Qegħdin taraw kif kollox irid ikun l-istess fl-Unjoni Ewropea u li l-Istati Membri ma jistgħu jagħmlu xejn li ma jkunx skond kif tkun ordnat l-Unjoni Ewropea, lanqas il-liġijiet nazzjonali tagħhom dwar il-banek ċentrali tagħhom stess?

L-arroganza tal-mexxejja ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea tkompli tidher minħabba li mhux biss din il-Kostituzzjoni, imma anki l-Istatut tal-Bank Ċentrali Ewropew jista' jinbidel mingħajr ma l-Istati Membri jkollhom xi sehem fid-deċiżjoni.

Dan għaliex waqt li issa l-Istati Membri qegħdin jiġu konsultati, u f'ċerti Stati Membri fejn il-membri parlamentari ma kienux arroganti anki ċ-ċittadini tagħhom biex jaqblu jew le ma din il-Kostituzzjoni, imbagħad ma jiġux ikkonsultati aktar, u l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea jistgħu jibdlu din il-Kostituzzjoni u l-Istatut tal-Bank Ċentrali Ewropew kif ikun jaqblilhom.

Qegħdin taraw kif l-Unjoni Ewropea tqarraq b'kulħadd biex tieħu dak li trid bil-qerq, jew kif "**mis-subgħa tieħu l-id"** u kif "**turik id-debba u tqabbżek il-ħmara**"?

**ARTIKOLU III-190**

**1. Sabiex iwettaq il-kompiti mogħtija lis-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali, il-Bank Ċentrali Ewropew għandu, skond il-Kostituzzjoni u taħt il-kondizzjonijiet previsti fl-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, jadotta:**

**a) regolamenti Ewropej sa fejn meħtieġ biex jiġu implimentati l-kompiti definiti fl-Artikolu 3(1)(a), l-Artikolu 19(1), l-Artikolu 22 u l-Artikolu 25(2) ta' l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew u f'każijiet li għandhom jiġu stabbiliti fir-regolamenti u d-deċiżjonijiet Ewropej kif previsti fl-Artikolu III-187(4);**

**b) deċiżjonijiet Ewropej meħtieġa għat-twettiq tal-kompiti mogħtija lis-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali taħt il-Kostituzzjoni u l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew;**

**ċ) rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet.**

**2. Il-Bank Ċentrali Ewropew jista' jiddeċiedi li jippubblika d-deċiżjonijiet Ewropej, ir-rakkomandazzjonijiet u l-opinjonijiet tiegħu.**

**3. Il-Kunsill għandu, taħt il-proċedura stabbilita fl-Artikolu III-187(4), jadotta r-regolamenti Ewropej li jistabbilixxu l-limiti u l-kondizzjonijiet li taħthom il-Bank Ċentrali Ewropew għandu jkun intitolat li jimponi ammendi jew penali għal dewmien fuq impriżi għal nuqqas ta' ħarsien ta' l-obbligi taĦt ir-regolamenti u d-deċiżjonijiet Ewropej tiegħu.**

**Regolamenti u Deċiżjonijiet mill-Bank Ċentrali Ewropew**

Artikolu ieħor li jgħid x'jeddijiet u setgħat għandu l-Bank Ċentrali Ewropew, imma nnutaw ukoll li bħall-Artikoli oħra, hemm referenza għall-Artikoli li jinsabu fil-Protokoll, biex b'hekk ħadd ma joqgħod ifittixhom u jara x'jgħidu.

Mhux biss imma nnutaw li kollox huwa f'idejn il-Bank Ċentrali Ewropew, jagħmel kull regolament, jeħu kull deċiżjoni Ewropea li jkun jinħtieġ, u jagħmel rakkomandazzjonijiet u jagħti l-opinjonijiet Ewropej. Għalkemm għal xi affarijiet irid jaħdem mal-Kummissjoni, taħsbu li din sejra tikser qalb il-mexxejja l-oħra tal-Bank Ċentrali Ewropew?

Tinsewx li r-regolamenti kollha li jagħmel u d-deċiżjonijiet kollha li jieħu mhux biss ikunu jorbtu lill-Banek Ċentrali ta' l-Istati Membri, imma anki jekk jibdel l-Istatut tiegħu ikun jorbot lil-Banek Ċentrali ta' l-Istati Membri għaliex tinsewx li l-istatuti tagħhom iridu jkunu skond l-Istatut tal-Bank Ċentrali Ewropew.

Innutaw ukoll kif il-Bank Ċentrali Ewropew jista' jimmulta anki impriżi jekk ma jimxux skond l-ordnijiet tiegħu. Tistgħu timmaġinaw xi impriża f'Malta li minħabba li ma tkunx imxiet ma xi ħaġa ordnata mill-Bank Ċentrali Ewropew titwaħħal multa?

Irridu li nibqgħu taħt dan il-jasar ġdid impost mill-mexxejja federalisti barranin ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea u l-istituzzjonijiet tagħha?

**ARTIKOLU III-191**

**Mingħajr preġudizzju għall-poteri tal-Bank Ċentrali Ewropew, liġijiet jew liġijiet kwadru Ewropej għandhom jistabbilixxu l-miżuri meħtieġa għall-użu tal-euro bħala l-munita unika. Dawn il-liġijiet jew liġijiet kwadru għandhom ikunu adottati wara konsultazzjoni mal-Bank Ċentrali Ewropew.**

**L-Użu ta' l-Ewro Regolat b'Liġijiet Ewropej**

Innutaw l-arroganza ta' l-Unjoni Ewropea li tista' tagħmel liġi Ewropea biex tordna li mhux biss l-ewro tkun il-munita li jkollha status ta' kors legali fit-territorju ta' l-Unjoni, imma biex tkun aktar żgura, il-liġi Ewropea tkun tordna li tkun l-unika munita ta' l-Istati Membri.

Fi kliem ieħor, lanqas jekk iridu ma jkun jistgħu l-Istati Membri joħorġu xi munita' fit-territorju tagħhom ħlief il-munita' ewro. Imma bilħaqq it-territorju tagħhom spiċċa għaliex kif tgħid l-Unjoni Ewropea stess, it-territorju tagħhom huwa territorju ta' l-Unjoni.

Qed taraw kemm jibqgħu **Indipendenti, Ħielsa u Sovrani** l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea?

Se nibqgħu taħt dan id-dittatorjat kolonjalista ta' l-Unjoni Ewropea jew se nibgħatuhom isaqqu l-ħass tal-Marsa u ta' Brussell u nfittxu nitilqu u nerġgħu nieħdu l-Indipendenza, il-Ħelsien u s-Sovranita' tagħna lura? Qum ja poplu qabel ikun tard wisq.

## SEZZJONI 3

## DISPOSIZZJONIJIET ISTITUZZJONALI

## ARTIKOLU III-192

**1. Sabiex tiġi promossa l-kordinazzjoni tal-politika ta' Stati Membri sa fejn hu meħtieġ għall-funzjonament tas-suq intern, Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju huwa hawn stabbilit.**

**2. Il-Kumitat għandu d-dmirijiet li gejjin:**

**a) li jagħti opinjonijiet fuq talba tal-Kunsill jew tal-Kummissjoni, jew fuq l-inizjattiva tiegħu, lil dawk l-istituzzjonijiet;**

**b) li jżomm taħt reviżjoni s-sitwazzjoni ekonomika u finanzjarja ta' l-Istati Membri u ta' l-Unjoni u li jirrapporta dwarha regolarment lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, b'mod partikolari fir-rigward ta' relazzjonijiet finanzjarji ma' pajjiżi terzi u istituzzjonijiet internazzjonali;**

**ċ) mingħajr preġudizzju għall-Artikolu III-344, li jikkontribwixxi għall-preparazzjoni tax-xogħol tal-Kunsill imsemmi fl-Artikolu III-159, l-Artikolu III-179(2), (3), (4) u (6), l-Artikoli III-180, III-182, III-183 u III-184, l-Artikolu III-185(6), l-Artikolu III-186(2), l-Artikolu III-187(3) u (4), l-Artikoli III-191 u III-196, l-Artikolu III-198(2) u (3), l-Artikolu III-201, l-Artikolu III-202(2) u (3) u l-Artikoli III-322 u III-326, u li jwettaq kompiti oħra konsultattivi u preparatorji mogħtija lilu mill-Kunsill;**

**d) li jeżamina, ta' l-anqas darba fis-sena, s-sitwazzjoni dwar il-moviment ta' kapital u l-libertà ta' pagamenti, kif jirriżultaw mill-applikazzjoni ta' din il-Kostituzzjoni u l-atti ta' l-Unjoni; l-eżami għandu jkopri l-miżuri kollha dwar movimenti ta' kapital u pagamenti; il-Kumitat għandu jirrapporta lill-Kummissjoni u lill-Kunsill dwar ir-riżultat ta' dan l-eżami.**

**L-Istati Membri, il-Kummissjoni u l-Bank Ċentrali Ewropew għandhom, kull wieħed u waħda minnhom, jaħtru mhux iktar minn żewġ membri tal-Kumitat.**

**Għassa minn Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju**

Ħolqien ta' Kumitat ieħor biex bl-iskuża ta' kontroll ta' l-Unjoni jkun jista', kif jingħad fis-subartikolu 2(b), jagħrbel u jżomm kontroll sħiħ kull ħin u kull mument fuq l-Istati Membri, il-finanzi u l-ekonomija tagħhom u biex jinħolqu postijiet għal tal-qalba mħallsa bl-eluf kbar mit-taxxi mposti fuq iċ-ċittadini ta' l-Istati Membri.

Innutaw kif xogħol dan il-Kumitat huwa "**li jżomm taħt reviżjoni s-sitwazzjoni ekonomika u finanzjarja ta' l-Istati Membri u ta' l-Unjoni**".

Għalhemm huwa tajjeb li jkun hemm min jgħasses fuq l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea, aħna hawnhekk jimpurtana aktar mill-Istati Membri, għaliex dan huwa kumitat ta' l-Unjoni Ewropea li mhux imtella mill-ebda vot taċ-ċittadini ta' l-Istati

Membri li qiegħed għassa bħal seqer u jagħmel dak ix-xogħol kollu ta' spjunaġġ fuq Istati Membri.

Dan għandu jsir, kif jingħad fl-istess provvediment "**kif jirriżultaw mill-applikazzjoni ta' din il-Kostituzzjoni u l-atti ta' l-Unjoni"**.

Mhux biss, imma "**l-eżami għandu jkopri l-miżuri kollha dwar movimenti ta' kapital u pagamenti."**

Biex jiżguraw li l-Istati Membri jagħmlu dak kollu ordnati u jimxi strettament mar-regolamenti ta' l-Unjoni Ewropea, **il-Kumitat għandu jirrapporta lill-Kummissjoni u lill-Kunsill dwar ir-riżultat ta' dan l-eżami."**

Qegħdin taraw kemm jibqgħu **Indipendenti, Ħielsa u Sovrani** l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea meta biċċa kumitat ta' l-Unjoni Ewropea se jkun bħal seqer fuqhom biex jara li huma jimxu mar-regolamenti msemmija ta' l-Unjoni Ewropea, imma se jagħmel rapport fuqhom kull sena lill-Kummissjoni u lill-Kunsill?

Innutaw ukoll kif fl-aħħar tas-suninċiż **(ċ)** jingħad li "**u li jwettaq kompiti ohra konsultattivi u preparatorji mogħtija lilu mill-Kunsill."**

Mela hawnhekk għandna provvediment ieħor li waqt li issa qiegħed jintalab il-qbil ta' l-Istati Membri u taċ-ċittadini tagħhom fejn il-membri parlamentari ma kienux arroganti u kkonsultawhom permezz ta' referendum, qiegħda tingħata s-setgħa lill-Kunsill biex ikun jista' jkabbar u jagħti kompiti oħra, għalkemm konsultattivi u preparatorji, lil dan il-Kumitat.

B'hekk, il-Kunsill sejjer ikun qiegħed jagħti u jkabbar l-oqsma tax-xogħol ta' dan il-Kumitat u b'hekk effettivament jemenda din il-Kostituzzjoni mingħajr ma qabel ikun hemm il-qbil ta' l-Istati Membri u ċ-ċittadini tagħhom fejn il-membri parlamentari tagħhom ma kienux arroganti u kkonsultawhom permezz ta' referendum.

Imma l-aktar li rridu niġbdu l-attenzjoni tagħkom huwa li dan il-provvediment qiegħed jiddaħħal u jagħmel parti mill-Kostituzzjoni ta' l-Unjoni Ewropea li qiegħda tiġi proposta.

Tinsewx li l-**Kostituzzjoni** ta' kull **Stat Indipendenti, Ħieles u Sovran** hija meqjusa bħala l-għola liġi ta' dak l-Istat u li kull liġi oħra trid tkun taqbel magħha.

Jew, fi kliem ieħor, trid tkun skond il-provvidementi tal-Kostituzzjoni, għaliex jekk xi liġi oħra jkun fiha xi ħaġa kontra l-kKostituzzjoni, dik il-liġi ma tkunx tgħodd safejn ma tkunx taqbel mal-Kostituzzjoni.

Mela la dawn l-affarijiet qegħdin jissemmew fil-Kostituzzjoni ta' l-Unjoni Ewropea, dawn huma kollha indikazzjonijiet u provi li l-Kostituzzjoni ta' l-Unjoni Ewropea hija l-aħħar pass biex l-Unjoni Ewropea formalment issir Stat Federali.

Mela la qegħda ssir Kostituzzjoni għall-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea, dan ifisser li mhux biss l-Unjoni Ewropea sejra tkun meqjusa bħala Stat Federali, imma li hija tkun meqjusa bħala **Stat Indipendenti, Ħieles u Sovran** distint u separat mill-Istati Membri tiegħu.

Mhux biss, imma ftakru li l-Istati Membri ta' Stat Federali mhux biss jispiċċawlhom **l-Indipendenza u l-Ħelsien**, imma anki **s-Sovranita'**, li tittieħed mill-Istat Federali, f'dan il-każ l-Unjoni Ewopea bħala l-Istati Uniti ta' l-Ewropa.

Qegħdin taraw kemm huwa tassew dak li dejjem ngħidulkom biex taraw u tiflu kull ma taqraw li jkun qiegħed jingħad, taqraw bejn il-linji, u anki dak li ma jkunx inkiteb u tistaqsu għalfejn ma jkunx inkiteb, għaliex il-qerq tal-mexxejja federalisti ta' l-Unjoni Ewropea, tat-tradituri **ĠUDIET** u tal-**QUISLINGS** fl-Istati Membri li jaċċettaw u jmexxu pajjiżhom skond l-ordnijiet tal-mexxejja ta' l-Unjoni Ewropea?

<u>**Deċiżjoni Ewropea mill-Kunsill**</u>

**3. Il-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni, għandu jadotta deċiżjoni Ewropea li tistabbilixxi disposizzjonijiet dettaljati dwar il-komposizzjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju. Għandu jaġixxi wara konsultazzjoni mal-Bank Ċentrali Ewropew u mal-Kumitat. Il-President tal-Kunsill għandu jinforma lill-Parlament Ewropew bid-deċiżjoni adottata.**

Innutaw kif waqt li fis-subartikolu 2 qiegħed jingħad x'għandu jkun ix-xogħol li jagħmel dan il-kumitat u li l-Istati Membri, il-Kummissjoni u l-Bank Ċentrali Ewropew jaħtru mhux aktar minn żewġ membri, fis-subartikolu 3 qiegħed jingħad li l-Kunsill tal-Ministri, fuq proposta tal-Kummissjoni, sejjer ikun jista' jieħu deċiżjoni dwar kif ikun magħmul dan il-Kumitat.

Dan ifisser li bħal ma rajna aktar qabel, waqt li issa qiegħed jintalab il-qbil ta' l-Istati Membri taċ-ċittadini tagħhom fejn il-membri parlamentari tagħhom ma kienux arroganti u kkonsultawhom permezz ta' referendum, l-Unjoni Ewropea permezz tal-Kunsill sejra tkun tista' tibdel u tordna kif għandu jkun magħmul dan il-Kumitat mingħajr ma terġa' titlob il-qbil ta' l-Istati Membri u taċ-ċittadini tagħhom.

Xejn ħlief arroganza mingħajr limiti mill-mexxejja federalisti ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea, u mill-**ĠUDIET** u l-**QUISLINGS** fl-Istati Membri li jaċċettaw u jmexxu pajjiżhom skond l-ordnijiet tal-mexxejja ta' l-Unjoni Ewropea.

<u>**Il-Kumitat Għassa fuq l-Istati Membri**</u>

**4. Minbarra d-dmirijiet previsti fil-paragrafu 2, jekk u sakemm hemm Stati Membri b'deroga kif previst fl-Artikolu III-197, il-Kumitat għandu jżomm taħt revizjoni s-sitwazzjoni monetarja u finanzjarja u s-sistema ta' pagamenti ġenerali ta' dawk l-Istati Membri u jirrapporta regolarment lill-Kunsill u lill-Kummissjoni dwar il-kwistjoni.**

Qegħdin taraw kif dan il-Kumitat sejjer ikun bħal seqer u spjun biex jara kif dawk l-Istati Membri li jkunu qegħdin b'dik imsejħa deroga għaliex ma jkunux għadhom laħqu l-kriterji biex idaħħlu l-ewro jkunu qegħdin jimxu u xi tkun is-sitwazzjoni monetarja u finanzjarja tagħhom u jirraporta kollox lill-Kunsill tal-Ministri u lill-Kummissjoni?

Fi kliem ieħor, anki **Malta** sakemm iddaħħal l-ewro, u nittamaw li dan qatt ma jiġri għaliex inkunu tlaqna mill-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea, sejrin inkunu taħt l-

għassa ta' dan il-Kumitat biex jara s-sitwazzjoni finanzjarja u ekonomika tagħna u jirraporta lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

Taħsbu li l-Gvern Malti m'huwiex sejjer jiġi ordnat, jew bil-pulit jingħata pariri jew rakkomandazzjonijiet, biex ikompli jnaqqas l-infiq tiegħu fuq is-servizzi soċjali biex inaqqas l-iżbilanċ u jkompli jsallab lill-poplu Malti biż-żieda fit-taxxi bl-addoċċ fuq kull ħaġa possibbli biex jagħmel tajjeb għad-dejn li dejjem qiegħed jiżdied?

Qegħdin taraw kemm l-Istati Membri jibqgħu **Indipendenti, Ħielsa u Sovrani** biex jieħdu dawk il-passi li jqisu tajba għalihom skond iċ-ċirkostanzi tagħhom, imma mhux biss ikollhom jagħmlu dak kollu ordnat mill-Unjoni Ewropea, imma saħansitra jkollhom kumitati għassa tagħhom jispjunaw fuqhom u jirrapurtawhom lill-istituzzjonijiet l-oħra ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea?

Tridu li nibqgħu f'dan il-madmad u jasar ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea?

## ARTIKOLU III-193

**Għall-kwistjonijiet fil-kamp ta' l-applikazzjoni ta' l-Artikolu III-179(4), l-Artikolu III-184 bl-eċċezzjoni tal-paragrafu 13, l-Artikoli III-191, III-196 u III-197, l-Artikolu III-198(3) u l-Artikolu III-326, il-Kunsill jew Stat Membru jistgħu jitolbu lill-Kummissjoni biex tagħmel rakkomandazzjoni jew proposta, skond il-każ. Il-Kummissjoni għandha teżamina din it-talba u tissottometti l-konklużjonijiet tagħha lill-Kunsill mingħajr dewmien.**

### Talba lill-Kummissjoni

Artikolu ieħor li jsemmi ħafna Artikoli oħra biex ikollok toqgħod tara x'jgħidu biex tkun tista' tinduna u tifhem għal liema raġuni u għal x'hiex ikun qiegħed jirreferi.

Madankollu innutaw kif dejjem ikunu l-istituzzjonijiet ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea li jistgħu jieħdu xi deċiżjoni, waqt li l-Istati Membri jistgħu biss jistaqsuhom jew jitolbuhom.

Fil-qosor, Artikolu 179 huwa dwar il-politika ekonomika komuni u dwar kif l-Istati Membri jiġu mwissija biex jimxu.

L-Artikolu 184 huwa dwar id-defiċit jew aħjar l-iżbilanċ fil-kontijiet tal-gvern, l-ordnijiet li jista' jingħata u l-multi li jista' jitwaħħal.

L-Artikolu 191 huwa dwar liġijiet Ewropew biex l-ewro tkun il-munita legali unika. L-Artikli l-oħra narawhom aktar 'il quddiem.

## SEZZJONI 4

## DISPOSIZZJONIJIET SPEĊIFIĊI GĦALL-ISTATI MEMBRI LI L-MUNITA TAGĦHOM HIJA L-EURO

## ARTIKOLU III-194

**1. Sabiex jiġi żgurat il-funzjonament tajjeb ta' l-unjoni ekonomika u monetarja, u skond id-disposizzjonijiet rilevanti tal-Kostituzzjoni, il-Kunsill għandu, skond il-proċedura rilevanti minn fost dawk previsti fl-Artikoli III-179 u III-184, bl-eċċezzjoni tal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 184(13), jadotta miżuri speċifiċi għal dawk l-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro:**

**a) biex tissaħħah il-kordinazzjoni u s-sorveljanza tad-dixxiplina tal-budget tagħhom;**

**b) biex jiġu stabbiliti linji gwida ta' politika ekonomika għalihom, waqt li jkun assigurat li huma kompatibbli ma' dawk adottati għall-Unjoni kollha u jinżammu taħt sorveljanza.**

**2. Għal dawk il-miżuri stabbiliti fil-paragrafu 1, għandhom jieħdu sehem fil-vot biss membri tal-Kunsill li jirrappreżentaw Stati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro.**

**Maġġoranza kwalifikata għandha tkun definita bħala li hija ugwali għal mill-inqas 55% ta' dawn il-Membri tal-Kunsill li jirrappreżentaw lil Stati Membri li flimkien jinkludu mill-inqas 65% tal-popolazzjoni ta' dawn l-Istati.**

**Minoranza li timblokka għandha tinkludi mill-inqas in-numru minimu ta' dawn il-membri tal-Kunsill li jirrappreżentaw iktar minn 35% tal-popolazzjoni ta' l-Istati Membri parteċipanti, u membru iehor, u fin-nuqqas ta' dan, il-maġġoranza kwalifikata tkun meqjusa li nkisbet.**

**Miżuri mill-Kunsill għall-Istati Membru fl-Ewro**

Innutaw kif jingħad li l-Kunsill għandu jaddotta miżuri speċifiċi "**biex jiġu stabbiliti linji gwida ta' politika ekonomika għalihom, waqt li jkun assigurat li huma kompatibbli ma' dawk adottati għall-Unjoni kollha u jinżammu taħt sorveljanza.**"

Hemm bżonn ta' provi oħra kemm l-istituzzjonijiet ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea jordnaw kif l-Istati Membri li jkunu adottaw l-ewro jagħmlulhom linji gwida dwar kif imexxu l-politika ekonomika tagħhom, imma jinżammu taħt sorveljanza, jiġifieri jkunu mgħassa l-ħin kollu mill-isqra ta' l-Unjoni Ewropea biex jiġi żgurat li huma jkunu qegħdin jimxu mal-linji gwida?

Infakkru li waqt li kien hemm Stati Membri li żammew il-jedd li ma jdaħħlux l-ewro, Malta trid iddaħħal l-ewro bilfors fl-iqsar żmien possibbli. Tinsewx li l-qagħad, l-inflazzjoni, jiġifieri kemm tgħola l-ħajja, hija għola fl-Istati Membri li daħħlu l-ewro, waqt li l-iżvilupp huwa anqas.

Innutaw ukoll kif anki f'dan il-qasam spiċċa l-jedd tal-veto, jiġifieri li jekk xi Stat Membru ma jaqbilx ma jsir xejn, imma kollox jgħaddi b'dik li qiegħda tissejjaħ maġġoranza kwalifikata ta' dawk l-Istati Membri li jkunu fiż-żona ta' l-ewro.

Qegħdin taraw kif dawk il-**ĠUDIET** u **QUISLINGS** li kienu jgħidulkom li Malta sejra tkun tista' twaqqaf dak kollu li ma taqbilx miegħu kienu qegħdin jigdbulkom, riedu jqarrqu bikom u jgħaddukom biż-żmien?

Tistgħu qatt tafdaw lil min gidbilkom, qarraq bikom u għaddiekom biż-żmien?

Irridu li nibqgħu taħt dan il-madmad kolonjali u ta' jasar ġdid impost fuqna mill-mexxejja federalisti barranin ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea, il-**ĠUDIET** li ttradewna u l-**QUISLINGS** li jobdu biss l-ordnijiet tagħhom?

Qum fuq tiegħek ja poplu Malti.

Fittex uri li ma tridx tkompli f'dan il-madmad kolonjali u imperjalista ta' l-Unjoni Ewropea.

Qum u erġa' ħu rajk f'idejk.

Erġa' ħu l-**Indipendenza, il-Ħelsien u s-Sovranita'** tiegħek ħalli tikkmanda inti u ma jikkmandawkx aktar l-Unjoni Ewropea, il-**ĠUDIET** u l-**QUISLINGS** tagħha.

## ARTIKOLU III-195

**Arranġamenti għal laqgħat bejn ministri ta' dawk l-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro għandhom jiġu stabbiliti mill-Protokoll dwar il-Grupp tal-euro.**

**<u>Referenza Oħra għall-Protokoll</u>**

Sempliċiment Artikolu ta' proċedura li minflok ma jgħid kif għandhom isiru l-laqgħat imsemmija, irrefera għall-Protokoll fejn hemm id-dettalji dwarhom.

Din hija t-tattika tal-mexxejja federalisti at' l-Unjoni Ewropea ħalli jħawwdu lil dak li jkun u ma joqgħodx ifittex u sakemm jasal fl-Artikolu relevanti jilħaq jinsa.

## ARTIKOLU III-196

**1. Sabiex jiġi assigurat il-post tal-euro fis-sistema monetarja internazzjonali, il-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni, għandu jadotta deċiżjoni Ewropea li tistabbilixxi posizzjonijiet komuni dwar materji ta' interess partikolari għall-unjoni ekonomika u monetarja fl-istituzzjonijiet u f'konferenzi finanzjarji internazzjonali kompetenti. Il-Kunsill għandu jaġixxi wara li jikkonsulta mal-Bank Ċentrali Ewropew.**

**Pożizzjoni Komuni**

Fi kliem ieħor, l-ebda Stat Membru li jkun adotta l-ewro ma jkun jista' jieħu xi pożizzjoni differenti minn dik ta' l-Unjoni Ewropea. Fuq kollox, ikunu neħħew il-munita tagħhom biex adottaw il-munita ewro, liema munita hija ta' l-Unjoni Ewropea.

Dan ifisser li jekk l-istituzzjonijiet imsemmija ta' Unjoni Ewropea jkunu ħadu deċiżjoni kif għandhom jaġixxu f'xi istituzzjoni jew konferenza internazzjonali, l-ebda Stat Membru ma jista' jieħu pożizzjoni differenti.

Qegħdin taraw kif l-Istati Membri tilfu l-**Indipendenza, il-Ħelsien u s-Sovranita'** tagħhom għaliex il-jedd tal-vot f'istituzzjonijiet u organizzazzjonijiet finanzjarji internazzjonali spiċċa u ttieħed mill-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea għaliex iridu jimxu mal-pożizzjoni komuni?

**Rappreżentazzjoni Unifikata**

**2. Il-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni, jista' jadotta miżuri xierqa sabiex jassigura rappreżentazzjoni unifikata fl-istituzzjonijiet u f'konferenzi finanzjarji internazzjonali. Il-Kunsill għandu jagixxi wara li jikkonsulta mal-Bank Ċentrali Ewropew.**

Innutaw kif mhux biss l-Istati Membri li jkunu adottaw l-ewro għandhom juru għaqda u jivvutaw kif tkun ordnat l-Unjoni Ewropea fl-istituzzjonijiet u organizzazzjonijiet finanzjarji internazzjonali, imma l-Kunsill tal-Ministri fuq proposta tal-Kummissjoni jista' jieħu miżuri xierqa biex dan isir.

Fi kliem ieħor, il-Kunsill jista' jaddotta miżuri biex ikun żgur li l-Istati Membri jivvutaw kif ikunu ordnati jagħmlu f'xi istituzzjoni jew organizzazzjoni internazzjonali u f'konferenzi internazzjonali.

Qegħdin taraw kemm l-Istati Membri ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea jistgħu jibqgħu ħielsa biex jivvutaw skond kif ikun jaqbel lilhom u liċ-ċittadini tagħhom, imma jridu jieħdu l-pożizzjoni ordnata mill-Unjoni Ewropea u jivvutaw skond ma jkunu ordnati jagħmlu mill-Unjoni Ewropea?

L-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea qiegħed jistma lill-Istati Membri tiegħu bħal tfal żgħar li jridu jagħmlu dak kollu li jordnalhom l-għalliem tagħhom, u jekk ma jagħmlux skond kif jordnalhom jagħtihom xi kastig li jiddeċiedi huwa stess.

**Jivvutaw Biss l-Istati Membri fl-Ewro**

**3. Għall-miżuri previsti fil-paragrafi 1 u 2, għandhom jieħdu sehem fil-vot biss membri tal-Kunsill li jirrappreżentaw Stati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro.**

**Maġġoranza kwalifikata għandha tkun definita bħala li hija ugwali għal mill-inqas 55% ta' dawn il-Membri tal-Kunsill, li jirrappreżentaw lil Stati Membri li flimkien jinkludu mill-inqas 65% tal-popolazzjoni ta'dawn l-Istati.**

**Minoranza li timblokka għandha tinkludi mill-inqas in-numru minimu ta’ dawn il-membri tal-Kunsill li jirrappreżentaw iktar minn 35% tal-popolazzjoni ta’ l-Istati Membri parteċipanti, u membru ieħor, u fin-nuqqas ta' dan, il-maġġoranza kwalifikata tkun meqjusa li nkisbet**

Innutaw kif waqt li f’istituzzjonijiet u konferenzi finanzjarji internazzjonali jista’ jkun li jieħdu sehem l-Istati Membri kollha, u b’hekk l-Unjoni Ewropea jkollha l-voti tagħhom kollha, id-deċiżjonijiet jittieħdu biss minn dawk li jkunu adottaw l-ewro.

Dan ifisser li dawk l-Istati Membri li ma jkunux adottaw l-ewro u minkejja li ma jkunux jaqblu mad-deċiżjoni u ma jkunux marbuta biha, xorta waħda sejrin ikunu esposti għall-pressjoni biex jivvutaw kif ikun deċiż f’konferenzi u istituzzjonijiet imsemmija biex l-Unjoni Ewropea tikseb ukoll il-vot tagħhom.

Dwar kif jgħaddu d-deċiżjonijiet, dan huwa subartiklu ieħor li qiegħed jikkonferma li **spiċċa l-jedd tal-veto** imma jgħaddi dak li tgħid il-maġġoranza, f’dan il-każ ta’ dawk l-Istati Membri li jkunu fiż-żona ta’ l-ewro.

Dan huwa eżempju ieħor ta’ kif il-**ĠUDIET** mixtrija ta’ l-Unjoni Ewropea qarrqu bikom biex daħħlukom fin-nasba u taċċettaw il-kolonjaliżmu ta’ l-Unjoni Ewropea.

Se toqgħodu għal dan il-qerq u tradiment?

## SEZZJONI 5

## DISPOSIZZJONIJIET TRANSITORJI

## ARTIKOLU III-197

**1. Stati Membri li dwarhom il-Kunsill ikun iddeċieda li ma jissodisfawx il-kondizzjonijiet meħtieġa għall-adozzjoni tal-euro għandhom minn issa ‘l quddiem jiġu magħrufa bħala "Stati Membri b’deroga".**

**2. Id-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni li ġejjin m’għandhomx japplikaw għal Stati Membri b’deroga:**

**a) l-adozzjoni tal-partijiet tal-linji gwida ġenerali ta’ politika ekonomika li jikkonċernaw iż-żona tal-euro in generali (Artikolu III-179(2));**

**b) mezzi vinkolanti ta’ rimedju għal defiċit eċċessivi (Artikolu III-184(9) u (10));**

**ċ) l-għanijiet u l-kompiti tas-Sistema Ewropea ta’ Banek Ċentrali (Artikolu III-185(1), (2), (3) u (5));**

**d) l-emissjoni tal-euro (Artikolu III-186);**

**e) l-atti tal-Bank Ċentrali Ewropew (Artikolu III-190);**

**f) il-miżuri li jirregolaw l-użu tal-euro (Artikolu III-191);**

**ġ) il-ftehim monetarju u miżuri oħra dwar il-politika tar-rata tal-kambju (Artikolu III-326);**

**h) il-ħatra ta’ membri tal-Bord Eżekuttiv tal-Bank Ċentrali Ewropew (Artikolu III-382(2)(b));**

**i) deċiżjonijiet Ewropej li jistabbilixxu posizzjonijiet komuni dwar kwistjonijiet ta’ interess partikolari għall-unjoni ekonomika u monetarja fl-istituzzjonijiet u f’konferenzi finanzjarji internazzjonali kompetenti (Artikolu III-196(1));**

**j) miżuri li jiżguraw rappreżentanza unifikata fl-istituzzjonijiet u f’konferenzi finanzjarji internazzjonali (Artikolu III-196(2)).**

**Fl-Artikoli previsti fil-punti (a) sa (j), "Stati Membri" għandha għalhekk tfisser Stati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro.**

**<u>Stati Membri mhux fl-Ewro b’Deroga</u>**

Dwar l-ewwel u t-tieni subartikoli, li qiegħed jingħad huwa li dawk l-Istati Membri li ma jkunux fiż-żona ta’ l-ewro jkunu meqjusa bħala Stati Membri b’deroga u dawk l-affarijiet kollha msemmija ma jkunux japplikaw għalihom.

Barra minn hekk, **mezzi koerċivi** jfissru mezzi li b'mod jew ieħor iġielhu lil xi Stat Membru li jobdi u ma jibqax fit-triq li jkun fiha, waqt li l-kelma **emissjoni** tfisser **il-ħruġ**, fil-każ imsemmi, l-ħruġ ta' l-ewro.

Imma għat-tradutturi li qalbu dan id-dokument għall-ilsien Malti u li tħallsu eluf kbar ta' liri flimkien ma' dawk li suppost li raw li kollox kien maqlub tajjeb u tħallsu eluf aktar ma kienux jafu li emissjoni bl-ilsien Malti hija ħruġ.

Innutaw kif din il-Kostituzzjoni sejra tkun tapplika għal dawk l-Istati Membri li jkunu fis-sistema ta' l-ewro u li "**l-adozzjoni tal-partijiet tal-linji gwida ġenerali ta' politika ekonomika li jikkonċernaw iż-żona tal-euro in generali"** japplikaw għalihom bilfors.

Innutaw ukoll kif dawk l-Istati Membri jkunu suġġetti għal "**mezzi vinkolanti ta' rimedju għal defiċit eċċessivi".**

Fi kliem ieħor, ikunu suġġetti għal mezzi li ma jħallulhomx għażla, għaliex vinkolanti tfisser sqaq li minnu ma jkunux jistgħu joħorġu u għalhekk ikollhom jobdu bilfors dak li jordnawlhom l-istituzzjonijiet at' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea.

Innutaw kif ma jkunux l-Istati Membri li jiddeċiedu dwar "**l-użu tal-euro"**, "**il-politika tar-rata tal-kambju"**, għaliex l-ewro mhux il-munita tagħhom imma ta' l-Unjoni Ewropea.

Innutaw il-pożizzjoni komuni li jridu jimxu magħha bilfors "**fl-istituzzjonijiet u f'konferenzi finanzjarji internazzjonali kompetenti"**, kif ukoll "**miżuri li jiżguraw rappreżentanza unifikata fl-istituzzjonijiet u f'konferenzi finanzjarji internazzjonali."**

Qegħdin taraw kemm jibqgħu **Indipendenti, Ħielsa u Sovrani** l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea meta jkollhom jobdu dak kollu li jiġu ordnati jagħmlu minn istituzzjonijiet li ma huma mtella bl-ebda vot taċ-ċittadini tagħhom?

**<u>L-Ebda Drittijiet u Obbligi</u>**

**3. Taħt il-Kapitolu IX ta' l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, Stati Membri b'deroga u l-Banek Ċentrali nazzjonali tagħhom huma esklużi mid-drittijiet u l-obbligi fis-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali.**

Mhux bilfors li jkun hekk? Kienet tkun wiċċha aktar vili milli hija li l-Unjoni Ewropea tippretendi li dawk l-Istati Membri li ma jkunux fiż-żona ta' l-ewro jkunu marbuta bir-regoli li japplikaw fiż-żona ta' l-ewro.

Imma tinsewx li Malta trid tidħol bilfors fis-sistema ta' l-ewro, sakemm il-poplu Malti ma jiddeċiedix li mhux biss ma nidħlux, imma li nfittxu nitilqu mill-Unjoni Ewropea kif għandna kull jedd u setgħa li nagħmlu biex neħilsu mis-saram kollu li daħħluna fih il-**ĠUDIET** tal-poplu Malti u l-**QUISLINGS** li lesti jmexxu u jagħmlu dak kollu li tordnalhom l-Unjoni Ewropea.

<u>L-Istati Membri b’Deroga ma Jivvutawx</u>

**4. Id-drittijiet tal-vot ta’ membri tal-Kunsill li jirrappreżentaw Stati Membri b’deroga għandhom jiġu sospiżi għall-adozzjoni mill-Kunsill tal-miżuri previsti fl-Artikoli elenkati fil-paragrafu 2, u fil-każijiet li ġejjin:**

**a) rakkomandazzjonijiet magħmulin lil dawk l-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro fil-qafas ta’ sorveljanza multilaterali, inklużi dwar il-programmi ta’ stabbilta’ u twissijiet (Artikolu III-179(4));**

**b) miżuri dwar defiċit eċċessiv li jikkonċernaw lil dawk l-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro (Artikolu III-184(6), (7), (8) u (11)).**
**Maġġoranza kwalifikata għandha tkun definita bħala li hija ugwali għal mill-inqas 55% tal-membri l-oħra tal-Kunsill, li jirrappreżentaw lil Stati Membri li flimkien jinkludu mill-inqas 65% tal-popolazzjoni ta’ l-Istati Membri parteċipanti.**

**Minoranza li timblokka għandha tinkludi mill-inqas in-numru minimu ta’ dawn il-membri l-oħra tal-Kunsill li jirrappreżentaw iktar minn 35% tal-popolazzjoni ta’ l-Istati Membri parteċipanti, u membru ieħor, u fin-nuqqas ta' dan, il-maġġoranza kwalifikata tkun meqjusa li nkisbet.**

Innutaw li l-Unjoni Ewropea ma tħalli xejn li jaħirbilha u ma tistriħx fuq dak li jkun jidher li għandu jkun hekk.

Dan għaliex waqt li wieħed jistenna li dawk l-Istati Membri li ma jkunux fis-sistema ta’ l-ewro ma jivvutawx fuq affarijiet li għandhom x’jaqsmu magħha jew ma Stati Membri li qegħdin fis-sistema, dan is-subartiklu qiegħed jagħmel dan ċar biex ħadd ma jkun jista’ jqajjem xi kwistjoni.

Mhux biss, imma nnutaw ukoll li anki hawnhekk **intilef il-jedd tal-veto**, jiġifieri li jekk xi Stat Membru ma jkunx jaqbel ma xi ħaġa dik il-ħaġa ma ssirx, għaliex kollox isir b’vot ta’ maġġoranza.

Dan huwa eżempju ieħor ta’ kif qarrqu bikom il-**ĠUDIET** mixtrija ta’ l-Unjoni Ewropea u l-Unjoni Ewropea.

Se tibqgħu taċċettaw dan il-qerq u t-tradiment ta’ dawn il-**ĠUDIET** u ta’ l-Unjoni Ewropea u tal-**QUISLINGS** li lesti jmexxu skond ma jordnalhom il-barrani kolonjalista arroganti ta’ Brussell?

## ARTIKOLU III-198

**1. Mill-inqas darba kull sentejn, jew fuq it-talba ta’ Stat Membru b’deroga, il-Kummissjoni u l-Bank Ċentrali Ewropew għandhom jirrapportaw lill-Kunsill dwar il-progress magħmul mill-Istati Membri b’deroga fit-twettiq ta’ l-obbligi tagħhom dwar il-kisba ta’ l-unjoni ekonomika u monetarja. Dawn ir-rapporti għandhom jinkludu eżami tal-kompatibilita’ bejn il-leġislazzjoni nazzjonali ta’ kull wieħed minn dawn l-Istati Membri, inklużi l-istatuti tal-bank ċentrali**

**nazzjonali tiegħu, u l-Artikoli III-188 u III-189 u l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew. Ir-rapporti għandhom ukoll jeżaminaw jekk ikunx intlaħaq grad għoli ta' konverġenza sostenibbli, billi janalizzaw sa fejn kull wieħed minn dawn l-Istati Membri jkun issodisfa l-kriterji li ġejjin:**

**Rapport fuq il-Progress ta' l-Istati Membri**

L-ewwel ma jrid jingħad huwa li dawk l-Istati Membri li jkunu għadhom ma daħlux fis-sistema ta' l-ewro, bħal Malta, xorta waħda jridu jirranġaw il-liġijiet tagħhom u r-regolamenti tagħhom u jieħdu l-passi kollha meħtieġa biex jilħqu l-kriterji biex huma jkunu jistgħu jidħlu fis-sistema.

Biex dan isir, mill-anqas kull sentejn, jew jekk dak l-Istat Membru jitlob meta ssir it-talba tiegħu, il-Kummissjoni u l-Bank Ċentrali Ewropew għandhom jagħmlu rapport fuq dawk l-Istat Membri biex jaraw jekk ikunux qegħdin iwettqu l-obbligi tagħhom u jkunu qegħdin jieħdu l-passi kollha meħtieġa biex ikunu jistgħu jidħlu fis-sistema ta' l-ewro.

Dan ifisser li, bħal fil-każ ta' Malta, il-gvernijiet ta' dawk l-Istati Membri jkollhom jieħdu passi iebsa li jikkawżaw ħsara liċ-ċittadini tagħhom, bħal ma huwa tnaqqis ta' l-infiq fuq l-edukazzjoni u s-servizzi soċjali kif ukoll id-dħul ta' taxxi ġodda biex jagħmlu tajjeb għall-infiq tagħhom.

Tinsewx li kemm il-Kummissjoni u kemm il-Bank Ċentrali Ewropew sejrin ikunu qishom klieb ta' l-għassa fuq dawk l-Istati Membri biex jaraw li jkunu qegħdin jagħmlu dak kollu meħtieġ biex jidħlu malajr kemm jista' jkun fis-sistema ta' l-ewro u b'hekk jaqgħu għal kollox taħt il-ħakma tal-mexxejja federalisti ta' qalb ħadra u mingħajr kuxjenza ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea minkejja li jkunu qegħdin jikkawżaw tbatija kbira fuq iċ-ċittadini tagħhom.

Ftakru kemm taxxi qiegħed ikollu jdaħħal il-Gvern fuq l-ordnijiet ta' l-Unjoni Ewropea u kemm għad irid idaħħal taxxi oħra u jnaqqas is-servizzi soċjali biex jilħaq il-kriterji ħalli Malta tkun tista' tadotta l-ewro skond kif miftiehem fit-Trattat tas-Sħubija.

Aktar ma jgħaddi żmien aktar tindunaw kemm aħna qiegħdin ngħidulkom is-sewwa kollu u xejn inqas mis-sewwa waqt li ħaddieħor jaħbilkom kollox ħalli ma tindunawx li kollox ikun qiegħed isir fuq l-ordnijiet ta' l-Unjoni Ewropea li mhux dejjem, anzi ħafna drabi ma jkunux ippubblikati.

L-unika triq biex neħilsu minn dawn it-tbatijiet u l-ordnijiet tal-barrani ta' l-Unjoni Ewropea hija li nfittxu nitilqu l-barra l-lejla qabel għada kif għandna kull jedd u setgħa li nagħmlu minkejja dawk kollha li jbeżżgħukom bih il-bikkejja apoliġisti tal-barrani ta' l-Unjoni Ewropea.

Dan jagħmluh għaliex jew huma beżżiegħa, jew huma **ĠUDIET** u **QUISLINGS** li lesti jobdu dak kollu li l-barrani jordnalhom minkejja t-tbatijiet tal-poplu Malti u li għandhom l-interess tagħhom personali biex nibqgħu membri għaliex jew qegħdin ipappuha tajjeb issa jew se jpappuha tajjeb aktar 'il quddiem.

**<u>Kif Jintlaħqu l-Miri</u>**

Is-subinċiżi li ġejjin juru kif għandhom jilħqu l-miri l-Istati Membri biex huma jkunu meqjusa li huma tajba biex jadottaw il-munita ewro. M'għandniex għalfejn ngħidu li huma sejrin ikunu taħt għassa stretta mill-Kummissjoni u l-Bank Ċentrali Ewropew.

**a) li jintlaħaq livell għoli ta' stabbilta' fil-prezzijiet; dan jirriżulta minn rata ta' inflazzjoni li tixbaħ lil dik tat-tliet Stati Membri li jkunu qed imorru l-aħjar f'dik li hija l-istabbilta' fil-prezzijiet;**

**b) posizzjoni finanzjarja sostenibbli tal-Gvern; dan jirriżulta meta tkun inkisbet posizzjoni tal-budget mingħajr defiċit eċċessiv kif stabbilit skond l-Artikolu III-184(6);**

**ċ) l-osservanza tal-marġini normali ta' varjazzjoni previsti mill-mekkanizmu tar-rata tal-kambju tas-sistema monetarja Ewropea, għal mill-inqas sentejn, mingħajr żvalutazzjoni kontra l-euro;**

**d) it-tul ta' zmien tal-konvergenza milħuqa mill-Istat Membru b'deroga u tal-parteċipazzjoni tiegħu fil-mekkaniżmu tar-rata tal-kambju, riflessi fil-livelli ta' rata ta' imgħax fuq terminu twil.**

**L-erba' kriterji previsti f'dan il-paragrafu u l-perijodi rilevanti li tulhom għandhom jiġu rispettati huma żviluppati aktar fil-Protokoll dwar il-kriterji ta' konverġenza. Ir-rapporti mill-Kummissjoni u l-Bank Ċentrali Ewropew għandhom ukoll jieħdu in kunsiderazzjoni r-riżultati ta' l-integrazzjoni tas-swieq, tas-sitwazzjoni u l-iżvilupp tal-bilanċi tal-pagamenti fuq il-kont kurrenti u ta' eżami ta' l-iżvilupp ta' spejjeż unitarji tax-xogħol u ta' indiċi oħrajn tal-prezzijiet.**

Kif tistgħu tindunaw, il-Gvern sejjer ikollu jagħmel ħafna u ħafna aktar taxxi biex inaqqas id-defiċit, jiġifieri li jonfoq aktar milli jdaħħal, waqt li fl-istess ħin inaqqas l-infieq tiegħu, l-aktar kif qiegħed jagħmel fuq is-servizzi soċjali, waqt li l-poplu Malti sejjer ikompli jitgħakkes taħt il-piżijiet tat-taxxi ordnati mill-Unjoni Ewropea biex Malta tkun tista' ddaħħal l-ewro.

Dak huwa li tfisser is-sħubija fl-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea u dak huwa li qablu fuqu dawk kollha li qablu mat-Trattat tas-Sħubija u dawk kollha li marru Brussell jiddiskutu u qablu mal-ħniżrijiet li fiha din il-Kostituzzjoni.

Il-fatt li l-Istati Membri b'deroga jkunu għadhom ma daħħlux l-ewro bħala munita tagħhom, u fosthom hemm Malta, ma jfissirx li sejrin ikunu huma li jgħidu jekk ikunux laħqu l-kriterji meħtieġa, imma dejjem sejrin ikunu l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea kif jidher ċar fis-subartiklu li jmiss.

**<u>Deċiżjoni mill-Kunsill</u>**

**2. Wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew u wara diskussjoni fil-Kunsill Ewropew, il-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni, għandu jadotta deċiżjoni Ewropea li tistabbilixxi liema Stati Membri b'deroga jissodisfaw il-**

**kondizzjonijiet meħtieġa fuq bażi tal-kriterji previsti fil-paragrafu 1 u għandu jtemm id-derogi ta' l-Istati Membri konċernati.**

**Il-Kunsill għandu jaġixxi wara li jirċievi rakkomandazzjoni minn maġġoranza kwalifikata ta' dawk fost il-membri tiegħu li jirrappreżentaw Stati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro. Dawn il-membri għandhom jaġixxu fi żmien sitt xhur minn meta l-Kunsill jirċievi l-proposta tal-Kummissjoni.**

**Il-maġġoranza kwalifikata prevista fit-tieni subparagrafu għandha tkun definita bħala li hija ugwali għal mill-inqas 55% tal-membri tal-Kunsill, li jirrappreżentaw Stati Membri li flimkien jinkludu mill-inqas 65% tal-popolazzjoni ta' l-Istati Membri parteċipanti. Minoranza li timblokka għandha tinkludi mill-inqas in-numru minimu ta' dawn il-membri tal-Kunsill li jirrappreżentaw iktar minn 35% tal-popolazzjoni ta' l-Istati Membri parteċipanti, u membru ieħor, u fin-nuqqas ta' dan, il-maġġoranza kwalifikata tkun meqjusa li nkisbet.**

Fi kliem ieħor, malli l-Istati Membri meqjusa b'deroga jkunu laħqu l-kriterji u jsiru l-konsultazzjonijiet ta' l-istituzzjonijiet imsemmija ta' l-Unjoni Ewropea, il-Kunsill ifittex jgħaġġel jadotta deċiżjoni Ewropea biex dak l-Istat Membru jfittex jidħol fis-sistema ta' l-ewro, tintemm il-munita nazzjonali tiegħu, u b'hekk jidħol għal kollox taħt il-ħakma ta' l-Istat Federali Ewropew ta' l-Unjoni Ewropea.

**<u>Il-Kunsill Jiddeċiedi r-Rata tal-Kambju</u>**

**3. Jekk jiġi deċiż, skond il-proċedura stabbilita fil-paragrafu 2, li tiġi mitmuma deroga, il-Kunsill għandu, fuq proposta mill-Kummissjoni, jadotta r-regolamenti jew deċiżjonijiet Ewropej li irrevokabbilment jiffissaw ir-rata li biha l-euro għandu jiġi sostitwit għall-munita ta' l-Istat Membru koncernat, u li jistabbilixxu miżuri oħra meħtieġa għall-introduzzjoni tal-euro bħala l-munita unika f'dak l-Istat Membru. Il-Kunsill għandu jaġixxi bil-ftehim unanimu tal-membri li jirrappreżentaw Stati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro u l-Istat Membru konċernat, wara li jikkonsulta mal-Bank Ċentrali Ewropew.**

Innutaw kif ir-rata tal-kambju li biha tiġi mibdula l-munita nazzjonali ma l-ewro tiġi ffissata irrevokabilment, jiġifieri darba għal dejjem u ma tkunx tista' tinbidel.

Fil-każ ta' Malta, il-valur tal-lira Maltija diġa' qiegħed jitnaqqas u sejrin nispiċċaw biex meta naslu, jekk qatt naslu u j'Alla qatt ma naslu biex nadottaw l-ewro, sejrin ikollna nħallsu ħafna aktar għaliex l-ewro sejjer jispiċċa jiswa xi nofs lira jew aktar minflok anqas minn xi 38 ċenteżmu kif kien jiswa qabel.

Innutaw li r-rata tal-kambju tal-Lira Maltija tiġi ffissata meta jiġi deċiż li tintemm id-deroga għaliex ikun meqjuż li lħaqna l-kriterji biex naddattow l-ewro.

Dan ifisser li anki jekk ikun hemm rata fissata qabel ma tintemm id-deroga, dik ir-rata dejjem hija suġġetta għal tibdil aħħari.

Huwa għalhekk li aħna għedna li sejrin nispiċċaw biex jekk Alla ħares qatt nadottaw l-ewro se mmorru ħafna minn taħt għaliex nispiċċaw li r-rata tal-kambju tiġi ffissata xi nofs lira jew aktar minflok xi 38 ċenetżmu.

Fi kliem ieħor biex tifhmu aħjar, waqt li qabel min isarraf Lira Maltija f'ewros kien jingħata aktar minn żewġ ewros u nofs, aktarx jibda jingħata biss żewġ ewros. Stennew u taraw kif hekk jiġri jekk Alla ħares qatt indaħħlu l-ewro.

B'hekk, mhux biss iċ-ċittadini Maltin sejrin ikomplu jitilfu mis-saħħa tal-flus li jistgħu jkollhom fil-banek, mhux biss il-pensjonanti u dawk fuq is-servizzi soċjali sejrin ikomplu jitgħakksu, imma l-ħajja sejra tkompli tisplodi aktar 'il fuq milli hija, barra milli tkompli tisplodi 'l fuq minħabba l-għoli tal-prezzijiet tal-prodotti ta' l-Unjoni Ewropea.

Jekk irridu neħilsu lilna nfusna u lill-familji tagħna minn dan is-saram u tbatijiet li resqin fuqna, kull ma rridu nagħmlu huwa li nibgħatu lill-barrani ta' l-Unjoni Ewropea jixxejjer u jmur isaqqi l-ħass tal-Marsa u ta' Brussell kif għandna kull jedd u setgħa li nagħmlu, u nitilqu mill-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea l-lejla qabel għada jgħidu x'jgħidu l-ġeremija u l-mixtrija tal-barrani.

**ARTIKOLU III-199**

**1. Jekk u sakemm ikun hemm Stati Membri b'deroga, u bla preġudizzju għall-Artikolu III-187(3), il-Kunsill Ġenerali tal-Bank Ċentrali Ewropew previst fl-Artikolu 45 ta' l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew għandu jiġi kkostitwit bħala t-tielet korp deċiżjonali tal-Bank Ċentrali Ewropew.**

**2. Jekk u sakemm ikun hemm Stati Membri b'deroga, il-Bank Ċentrali Ewropew għandu, fir-rigward ta' dawk l-Istati Membri:**

**a) isaħħah il-koperazzjoni bejn il-banek centrali nazzjonali;**

**b) isaħħah il-kordinazzjoni tal-politika monetarji ta' l-Istati Membri, bl-iskop li tiġi assigurata stabbilita' fil-prezzijiet;**

**ċ) jikkontrolla l-funzjonament tal-mekkanizmu tar-rata tal-kambju;**

**d) ikollu konsultazzjonijiet dwar kwistjonijiet li jaqgħu fil-kompetenza tal-banek ċentrali nazzjonali u li jolqtu l-istabbilta' ta' istituzzjonijiet u swieq finanzjarji;**
**e) iwettaq il-kompiti li kellu qabel il-Fond Ewropew ta' Koperazzjoni Monetarja illi wara kienu ttieħdu mill-Istitut Monetarju Ewropew.**

**<u>Korp Deċiżjonali tal-Bank Ċentrali Ewropew</u>**

Innutaw kif minkejja li dawk l-Istati Membri jkunu għadhom mhux fis-sistema tal-munita ewro, huma xorta waħda sejrin ikunu taħt għassa mill-Bank Ċentrali Ewropew.

Innutaw kif il-Bank Ċentrali Ewropew sejjer ikun jista' jindaħal billi jsaħħaħ il-koperazzjoni mal-banek ċentrali tagħhom, jikkontrolla l-funzjonament tal-mekkaniżmu tar-rata tal-kambju, u jagħmel dak kollu li jkompli jingħad f'dan l-Artiklu.

Dan meta jkunu għadhom ma daħlux fis-sistema ta' l-ewro, aħseb u ara kemm jiġu kkontrollati u aktar ma jkunu jistgħu jagħmlu xejn meta jidħlu fis-sistema.

Tridu li nkomplu f'dan il-madmad kolonjali u imperjalista ta' l-Unjoni Ewropea li daħħluna fih il-**ĠUDIET** mixtrija ta' l-Unjoni Ewropea u li jridu jżommuna fih il-**QUISLINGS** li lesti jmexxu skond l-ordnijiet tal-barrani at' l-Unjoni Ewropea?

## ARTIKOLU III-200

**Kull Stat Membru b'deroga għandu jittratta l-politika tar-rata tal-kambju tiegħu bħala kwistjoni ta' interess komuni. Waqt li jagħmel hekk, ghandu jiehu in kunsiderazzjoni l-esperjenza miksuba bħala riżultat tal-koperazzjoni fil-qafas tal-mekkanizmu tar-rata tal-kambju.**

**Interess Komuni fir-Rata tal-Kambju**

Innutaw kif minkejja li Stat Membru jkun għadu mhuwiex fis-sistema ta' l-ewro, huwa xorta waħda marbut biex jittratta l-politika tal-kambju tiegħu bħala kwistjoni li ma tolqotx lilu biss, imma anki Stat Membri oħra.

Fi kliem ieħor, xorta waħda ma jistax jagħmel li jrid u li jkun jaqbel għalih u għaċ-ċittadini tiegħu, imma jrid iqis ukoll l-effett li r-rata tal-kambju tal-munita tiegħu jista' jkollha fuq l-Istati Membri l-oħra.

Biex nieħdu eżempju, Malta ma tistax tgħolli jew tnaqqas il-valur tal-Lira Maltija ma muniti oħra kemm ikun meħtieġ għalina, imma trid tqis jekk b'dak li tagħmel tkunx sejra taffettwa lill-Istati Membri l-oħra għaliex ir-rata tal-kambju hija kwistjoni ta' interess komuni.

Ma tkunx fl-Ewro jikkmandawk, aħseb u ara jekk tkun kemm jikkmandawk aktar!

Tista' ma ssejjaħx dan forma ta' kolonjaliżmu modern li għandna kull jedd u setgħa li nitilqu minnu?

## ARTIKOLU III-201

**1. Meta Stat Membru b'deroga jkollu diffikultajiet jew ikun mhedded b'mod serju b'diffikultajiet fir-rigward tal-bilanċ tal-pagamenti tiegħu jew bħala riżultat ta' skwilibriju ġenerali fil-bilanċ tal-pagamenti tiegħu, jew bħala riżultat tat-tip ta' muniti għad-disposizzjoni tiegħu, u meta dawn id-diffikultajiet b'mod partikolari x'aktarx jipperikolaw il-funzjonament tas-suq intern jew l-implimentazzjoni tal-politika kummerċjali komuni, il-Kummissjoni għandha immedjatament tinvestiga l-posizzjoni ta' l-Istat in kwistjoni u l-azzjoni li, bl-użu**

**tal-mezzi kollha għad-disposizzjoni tiegħu, dak l-Istat ikun ħa jew jista' jieħu skond il-Kostituzzjoni. Il-Kummissjoni għandha tiddikjara liema miżuri tirrakkomanda li l-Istat Membru konċernat għandu jadotta.**

**Jekk l-azzjoni meħuda minn Stat Membru b'deroga u l-miżuri suġġeriti mill-Kummissjoni ma jkunux biżżejjed biex jegħlbu d-diffikultajiet li jkunu nħolqu jew li jistgħu jinħolqu, il-Kummissjoni għandha, wara konsultazzjoni mal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju, tirrakkomanda lill-Kunsill l-għoti ta' għajnuna reċiproka u metodi xierqa.**

**Il-Kummissjoni għandha żżomm lill-Kunsill regolarment infurmat bis-sitwazzjoni u b'kif din tevolvi.**

**<u>Mhux fl-Ewro u l-kummissjoni Xorta Tordna</u>**

L-ewwel parti ta' dan is-subartikolu tfisser li minkejja li dak l-Istat Membru ma jkunx qiegħed fis-sistema ta' l-ewro, il-Kummissjoni xorta waħda sejra tkun qiegħda tinvestiga dak kollu li jkun qiegħed jiġri u jagħmel dak l-Istat Membru u tiddikjara liema miżuri jidrilha li dak l-Istat Membru għandu jieħu.

Madankollu, innutaw li dawk il-passi li dak l-Istat Membru jrid jieħu jridu jkunu "**skond il-Kostituzzjoni.**"

Dan ifisser li dak il-Gvern ma jistax jieħu l-passi meħtieġa jekk dawk il-passi ma jkunux jaqblu ma dak li tgħid il-Kostituzzjoni li trid tagħmel l-Unjoni Ewropea.

Jekk dawk il-passi ma jkunux biżżejjed biex is-sitwazzjoni tirranġa ruħa, il-Kummissjoni tista tirrakomanda li dak l-Istat jingħata xi għajnuna reċiproka, kif ukoll il-metodi li jidrilha xierqa biex jirranġa s-sitwazzjoni tiegħu.

Hawnhekk innutaw li waqt li l-Kummissjoni tirrakkomanda xi għajnuna, hija tirrakkomanda wkoll "**il-metodi li jidrilha xierqa biex jirranġa s-sitwazzjoni tiegħu**."

Tistgħu tibqgħu ċerti li jekk dak l-Istat Membru ma jobdix ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni, imbaghad il-Kummissjoni toħroġlu ordnijiet li jew jobdihom jew inkella jittella biex jiġi kkundannat mill-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea.

M'hemmx għalfejn ngħidu li dawn ir-rakkomandazzjonijiet ikunu jinkludu tnaqqis fis-servizzi soċjali u fl-infieq tal-Gvern, żjieda fit-taxxi, u tbatijiet oħra imposti fuq il-poplu minn Gvern ta' **QUISLINGS** bl-ordni tal-mexxejja federalisti ta' qalb ħadra u xierfa u mingħajr kuxjenza ta' l-Unjoni Ewropea.

Bl-istess mod, il-Kummissjoni trid iżżomm lill-Kunsill tal-Ministri infurmat kif tkun qiegħda tiżviluppa s-sitwazzjoni, għaliex tevolvi hekk tfisser.

Huwa għalhekk li l-Gvern kellu jagħmel pjan kif sejjer jirranġa s-sitwazzjoni ħażina ta' l-ekonomija Maltija u jibgħatu lill-Unjoni Ewropea biex tara jekk taqbilx miegħu qabel ma kkonsulta maċ-ċittadini Maltin.

Ma kkonsultax minn qabel maċ-ċittadini Maltin ħalli ma jkunux jafu x'kien il-pjan tiegħu, u jekk kellux jagħmel affarijiet oħra barra minn dawk li kien qiegħed jippjana fuq l-ordnijiet tal-mexxejja federalisti barranin ta' l-Unjoni Ewropea.

Mhux biss, imma sejjer ikollu joqgħod għal dak kollu li tordna l-Unjoni Ewropea, fosthom it-tnaqqis tas-servizzi soċjali u aktar taxxi mposti fuq il-poplu Malti mill-Unjoni Ewropea biex jagħmel tajjeb għat-tberbiq mingħajr rażan tal-gvern.

Kif rajna aktar qabel, il-mexxejja ta' l-Unjoni Ewropea qalbhom ħadra u xierfa u m'għandomx kuxjenza, u m'hemmx dubju li m'humiex sejrin iqisu t-tbatijiet li se jkollhom jgħaddu minnhom iċ-ċittadini Maltin u Għawdxin bit-taxxi li jordnaw biex Malta tirranġa s-sitwazzjoni finanzjarja tagħha u tidħol fis-sistema ta' l-ewro.

L-unika triq biex neħilsu minn das-saram, dawn l-ordnijiet u l-**ħakma illegali, kolonjali u imperjalista** ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea u l-mexxejja barranin arroganti tagħha hija li nitilqu l-lejla qabel għadha kif għandna kull jedd u setgħa li nagħmlu.

## Jibgħatuk Tissellef

**2. Il-Kunsill għandu jadotta regolamenti jew deċiżjonijiet Ewropej li jagħtu din l-għajnuna reċiproka u jiffissaw il-kondizzjonijiet u d-dettalji tagħha. L-għajnuna reċiproka tista' tieħu l-forma ta':**

**a) azzjoni konċertata fi kwalunkwe organizzazzjoni internazzjonali oħra li għaliha l-Istati Membri b'deroga ikollhom id-dritt li jirrikorru;**

Fi kliem ieħor, l-Istati Membri l-oħra jivvutaw flimkien f'organizzazzjonijiet oħra internazzjonali biex l-Istat Membru li jkun f'diffikultajiet u li jkollu jedd jirikorri għal xi għajnuna mingħand dawn l-organizzazzjonijiet isibhom warajh.

Fi kliem ieħor, m'hijiex l-Unjoni Ewropea li toħroġ il-flus biex tagħti l-għajnuna lil dak l-Istat Membru li jkun f'diffikultajiet, imma flimkien ma' l-Istati Membri oħra jagħtuħ l-appoġġ f'organizzazzjonijiet internazzjonali biex jissellef mingħandhom.

Bħala eżempju, jekk Malta tkun f'diffikultajiet, ma tkunx l-Unjoni Ewropea li tagħtina l-għajnuna finanzjarja, imma Malta tkun tista' bħala eżempju, titlob lill-Fond Monetarju Internazzjonali biex tissellef mingħandu u ssib l-appoġġ ta' l-Istati Membri l-oħra.

Qed taraw kemm qalbhom taħraqhom u tħenn għalina u għal xi Stat Membru ieħor li jkun f'diffikultajiet il-mexxejja ta' qalb ħadra u xierfa u mingħajr kuxjenza ta' l-Unjoni Ewropea? Jibgħatuk tissellef mingħand ħaddieħor.

## L-Ebda Devjazzjoni tal-Kummerċ

**b) miżuri meħtieġa sabiex tiġi evitata devjazzjoni tal-kummerċ meta l-Istat Membru b'deroga, li jkun f'diffikultajiet, iżomm jew jerġa' jdaħħal restrizzjonijiet kwantitattivi kontra pajjiżi terzi;**

Innutaw li dak l-Istat Membru li jkun f'diffikultajiet ma jistax iżomm jew jerġa' jdaħħal restrizzjonijiet kwantitattivi kontra Stati Membri oħra, imma biss kontra pajjiżi terzi.

Dan ifisser li ma jistax jagħmel limitu fuq kemm merkanzija tiddaħħal fit-territorju tiegħu minn Stati Membri oħra, imma biss minn pajjiżi li ma jkunux Stati Membri.

Fi kliem ieħor, dak l-Istat Membru ma jistax, jekk isib jixtri affarijiet irħas mingħand pajjiżi li m'humiex membri, jixtri mingħandhom minflok mingħand l-Istati Membri l-oħra, minkejja li jkollu diffikultajiet finanzjarji kbar u l-affarijiet ikunu għola mingħand l-Istati Membri l-oħra.

Li jista' biss huwa, bħala eżempju, li jagħmel limiti fuq kemm jistgħu jinxtraw affarijiet mingħand pajjiżi terzi, jiġifieri li ma jkunux Stati Membri ta' l-Unjoni Ewropea, minħabba li jkollu diffikultajiet, fosthom biex iħallas.

Kif kien qal xi ħadd, **la l-Unjoni Ewropea trid hekk, hekk ikollu jsir**.

__Krediti Limitati__

**ċ) l-għoti ta' krediti limitati minn Stati Membri ohra, bla ħsara għall-kunsens tagħhom.**

Fi kliem ieħor, Stati Membri oħra jistgħu jħallu lil dak l-Istat Membru li jkollu diffikultajiet kbar jixtri bid-dejn mingħandhom u jħallas aktar tard. Madankollu lanqas jistgħu jagħtuh kemm iridu, għaliex dan is-subinċiż qiegħed jgħid krediti limitati.

Qegħdin taraw kemm il-mexxejja federalisti ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea qalbhom ħadra u xierfa u kif lanqas kuxjenza ma għandhom biex ma jħallux lanqas Stati Membri oħra jagħtu bid-dejn kemm iridu lil Stat Membru ieħor?

__Il-Kummissjoni Tiddetermina Kollox__

**3. Jekk l-għajnuna reċiproka rakkomandata mill-Kummissjoni ma tingħatax mill-Kunsill jew jekk l-għajnuna reċiproka mogħtija u l-miżuri meħuda mhumiex biżżejjed, il-Kummissjoni għandha tawtorizza l-Istat Membru b'deroga, li hu f'diffikultajiet, biex jieħu miżuri protettivi, li l-kondizzjonijiet u d-dettalji tagħhom għandha tiddeterminahom il-Kummissjoni.**

**Din l-awtorizzazzjoni tista' tiġi revokata u dawn il-kondizzjonijiet u d-dettalji jistgħu jinbidlu mill-Kunsill.**

Innutaw kif ma jingħata xejn mill-Unjoni Ewropea, imma l-Kummissjoni tirrakomanda li tingħata għajnuna u jittieħdu miżuri, naturalment skond kif rajna aktar qabel, fosthom kreditu limitat minn Stati Membri oħra.

Madankollu, il-Kunsill tal-Ministri xorta waħda jista' ma jaċċettax ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni, jew il-Kummissjoni jkun jidrilha li m'huwiex biżżejjed.

F’dan il-każ il-Kummissjoni taqbeż lill-Kunsill tal-Ministri u tawtorizza lil dak l-Istat Membru li jieħu miżuri ta’ ħarsien taħt kundizzjonijiet u dettalji kif tgħid l-istess Kummissjoni.

Madankollu, l-istess subartiklu jgħid li min-naħa l-oħra, il-Kunsill tal-Ministri jista’ jħassar din l-awtorizzazzjoni jew jibdel il-kundizzjonijiet u dettalji li tkun għamlet il-Kummissjoni.

Hawnhekk għandna kwistjoni bejn żewġ istituzzjonijiet ta’ l-Unjoni Ewropea, li waħda, jiġifieri l-Kummissjoni tawtorizza lil Stat Membru jieħu miżuri ta’ ħarsien, u istituzzjoni oħra, jiġifieri l-Kunsill tal-Ministri, li jista jħassar jew jibdel dak li għamlet istituzzjoni oħra.

L-imsejken Stat Membru, jew aħjar iċ-ċittadini tiegħu, se jsibu ruħom f’sitwazzjoni ta’ ordnijiet differenti minn żewġ istituzzjonijiet differenti ta’ l-Istat Federali ta’ l-Unjoni Ewropea. Jagħmlu x’jagħmlu, iċ-ċittadini u l-Istat Membru dejjem jaqilgħuha.

Imma l-aktar li jrid jiġi nnutat huwa li minkejja d-diffikultajiet kbar li l-Istat membru jkun għaddej minnhom, huwa ma jista’ jagħmel xejn jekk qabel ma jkollux il-permess mill-istituzzjonijiet ta’ l-Istat Federali ta’ l-Unjoni Ewropea, kif ukoll li hawn mhux qegħdin nitkellmu dwar Stat Membru li jkun adotta l-munita ewro, imma li jkun għad għandu l-munita tiegħu.

Jindaħlu l-istituzzjonijiet ta’ l-Unjoni Ewropea u jordnawlu x’għandu jagħmel u jkun għadu ma daħħalx l-ewro, aħseb u ara jekk ikun diġa’ daħal fis-sistema ta’ l-ewro!

Dak huwa li jiġri meta ssir membru ta’ l-Istat Federali ta’ l-Unjoni Ewropea li l-mexxejja federalisti tagħha ma għandhom l-ebda kuxjenza u li l-istituzzjonjiet tagħha dejjem fi ġlieda għal aktar setgħat bejniethom min jaħkem u jordna l-aktar fuq l-Istati Membri u ċ-ċittadini tagħhom.

## ARTIKOLU III-202

**1. Meta titfaċċa kriżi f’daqqa fil-bilanċ tal-pagamenti u jekk ma tiġix immedjatament adottata deċiżjoni Ewropea prevista fl-Artikolu III-201(2), Stat Membru b’deroga jista’ bħala prekawzjoni, jieħu l-miżuri ta' salvagwardja meħtieġa. Dawn il-miżuri għandhom jikkawżaw l-inqas disturb possibbli lill-funzjonament tas-suq intern u m’għandhomx ikunu iktar wiesa’ fil-kamp ta’ l-applikazzjoni tagħhom milli hu strettament meħtieġ biex jiġu rimedjati d-diffikultajiet li jkunu nħolqu f’daqqa.**

**<u>Każi Urġenti</u>**

B’dan is-subartikolu l-Istat Membri li jkunu għadhom b’deroga, jiġifieri dawk l-Istati Membri li jkunu għadhom ma daħħlux l-ewro, jistgħu jieħdu xi miżuri ta’ salvagwardja jekk tinqalalhom kriżi f’daqqa, imma nnutaw li dan dejjem jekk ma tkunx ġiet adottata immedjatament deċiżjoni Ewropea

Innutaw ukoll li l-passi li jieħdu ma jridux jagħmlu, jew jagħmlu l-inqas tfixkil, fuq is-suq intern bejn l-Istati Membri, u m'għandhomx ikunu aktar minn dawk meħtieġa minħabba d-diffikultajiet li jkunu nqalgħu f'daqqa.

Dan għal dawk li jkunu għadhom ma daħlux fis-sistema tal-munita' waħda ta' l-ewro, aħseb u ara kemm jistgħu jagħmlu xi ħaġa dawk li jkunu diġa' daħlu fis-sistema ta' l-ewro u jkunu neħħew il-munita tagħhom!

Ir-referenza għall-Artikolu 201(2) hija għall-Artikolu li għadna kif rajna qabel dan bil-kundizzjonijiet kollha li fih.

**<u>L-Istati Membri Jridu Jinfurmaw lill-Kummissjoni</u>**

**2. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri l-oħra għandhom jiġu nformati b'dawn il-miżuri ta' salvagwardja previsti fil-paragrafu 1 sa mhux iktar tard minn meta jibdew iseħħu. Il-Kummissjoni tista' tirrakkomanda lill-Kunsill l-għoti ta' għajnuna reċiproka taħt l-Artikolu III-201.**

Innutaw kif jekk l-Istat Membru jieħu xi passi, u wieħed jistenna li dawn jittieħdu minnufih minħabba li jkunu nqalgħu f'daqqa u jkunu kkawżaw kriżi u għalhekk l-Istat Membru ma jkunx jista' joqgħod jistenna, il-Kummissjoni u l-Istati Membri l-oħra jridu jiġu nfurmati minnufih, għaliex iridu jiġu nfurmati mhux aktar tard minn meta' l-passi jidħlu fis-seħħ.

Innutaw li ma jingħadx li l-Kummissjoni "**għandha**" tirrakkomanda lill-Kunsill tal-Ministri biex dak l-Istat Membru jingħata l-għajnuna, imma jingħad li "**tista'**". B'hekk, il-Kummissjoni m'hijiex marbuta, imma tagħmel hekk jekk trid.

Qegħdin taraw kif l-ebda istituzzjoni ta' l-Istat Federali ma hija marbuta li tagħmel xi ħaġa favur l-Istati Membri, imma tagħmel xi ħaġa jekk trid, waqt li l-Istati Membri huma dejjem marbuta?

**<u>Il-Kunsill Jordna lill-Istat Membru</u>**

**3. Il-Kunsill, li jaġixxi fuq rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni u wara li jikkonsulta mal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju, jista' jadotta deċiżjoni Ewropea li tistipula li l-Istat Membru konċernat għandu jemenda, jissospendi jew jabolixxi l-miżuri ta' salvagwardja previsti fil-paragrafu 1.**

Dan is-subartikolu juri kemm l-Istati Membri spiċċawlhom il-jeddijiet u s-setgħat kollha għaliex waqt li min-naħa qegħdin jiġu awtorizzati li jieħdu xi passi f'sitwazzjoni serja bħal din, l-istituzzjonijiet imsemmija ta' l-Unjoni Ewropea jistgħu jiddeċiedu li kull Stat Membru li jkun ħa xi passi minħabba l-kriżi li tfaċċat f'daqqa għandu jemenda, jibdel, iwaqqaf jew ineħħi l-miżuri kollha li jkun ħa.

Tinsewx li hawnhekk qegħdin nitkellmu fuq Stati Membri li jkunu għadhom m'humiex fis-sistema tal-munita ewro, u għalhekk suppost li jkun għad baqgħalhom xi jeddijiet li Stati Membri oħra li jkunu daħlu fis-sistema ta' l-ewro jkunu tilfu għal kollox.

Qegħdin taraw kif mhux biss fit-teorija biss imma anki fil-prattika kull Stat Membru ta’ l-Istat Federali ta’ l-Unjoni Ewropea tilef il-jeddijiet u s-setgħat li kull **Stat Indipendenti, Ħieles u Sovran** għandu skond il-liġi internazzjonali?

Tridu li nibqgħu taħt dan il-madmad kolonjali ġdid li l-mexxejja federalisti barranin ta’ l-Istat Federali ta’ l-Unjoni Ewropea flimkien mal-qaddejja fidili tagħhom hawn Malta imma li huma l-**ĠUDIET** tal-Maltin u l-Għawdxin daħħluna fih?

Ejja nqumu waħda sewwa fuq tagħna, nibgħatuhom kollha jixxejjru u nerġgħu niddikjaraw l-**Indipendenza u l-Ħelsien** tagħna minn taħt il-ħakma **illegali u kolonjali** tal-barrani ta’ l-Unjoni Ewropea u l-qaddejja fidili tagħha kif għandna kull jedd u setgħa li nagħmlu.

## KAPITOLU III

## POLITIKA F'OQSMA OĦRA

## SEZZJONI 1

## IMPJIEG

## ARTIKOLU III-203

**L-Unjoni u l-Istati Membri għandhom, skond din is-Sezzjoni, jaħdmu lejn l-iżvilupp ta' strateġija kordinata għall-qasam ta' l-impjiegi u partikolarment għall-promozzjoni ta' forza tax-xogħol li tkun speċjalizzata, mħarrġa u adattabbli u ta' swieq tax-xogħol kapaċi jirrispondu għal bidliet ekonomiċi bl-iskop li jintlaħqu l-għanijiet definiti fl-Artikolu I-3.**

**<u>L-Impjiegi Ikkontrollati mill-Unjoni Ewropea</u>**

Waqt li huwa tajjeb li l-ħaddiema jkunu mħarrġa tajjeb biex ikunu jistgħu jadattaw ruħhom għas-sitwazzjonijiet tax-xogħol li jkunu qegħdin jinbidlu, innutaw li dan ifisser li mhux ix-xogħol ikun qiegħed jiġi żviluppat u adattat għall-ħaddiema, imma l-kontra.

Innutaw ukoll li dan ifisser li l-iżvilupp ta' l-istrateġija biex jiġu żviluppati l-impjiegi u l-ħaddiema ma tibqax aktar il-jedd u s-setgħa ta' l-Istati Membri li jiżviluppawhom skond kif ikun jaqbel lilhom, skond il-ħtiġijiet partikolari tagħhom, u skond il-karatteristiċi tagħhom, imma huma marbuta li jiżviluppawhom flimkien ma' l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri l-oħra.

Dan ifisser li minkejja li dak li jkun jaqbel għall-Unjoni Ewropea u għal Stati Membri ma jkunx jaqbel għal xi Stati Membri oħra, huma xorta waħda jridu jimxu ma dak li tkun ordnat li għandu jsir l-Unjoni Ewropea minkejja li ma jkunx jaqbel għalihom u għall-ħaddiema tagħhom.

L-eżempju tat-Tarznari u l-industriji l-oħra tagħna fejn huwa fl-interess tagħna li jħaddmu kemm jista' jkun ħaddiema ma nistgħux nagħmluh, għaliex l-Unjoni Ewropea ma tħalliniex nagħtuhom is-sussidji li jinħtieġu biex ipattu għad-diffikultajiet u l-iżvantaġġi tagħna speċjalment bħala gżira f'nofs il-baħar Mediterran.

Il-fatt li l-ħaddiema jitilfu xogħolhom u ħobż il-familji tagħhom u jkunu ta' piż fuq is-servizzi soċjali u l-ħaddiema l-oħra ma jinteressax lill-mexxejja federalisti barranin at' qalb ħadra u xierfa u mingħajr kuxjenza ta' l-Unjoni Ewropea, għaliex l-unika Alla falz tagħhom huwa s-suq ħieles mingħajr l-ebda xkiel u li kollox ikun ikkontrollat mill-privat.

Mhux biss, imma dan juri wkoll kemm l-Unjoni Ewropea trid tqarraq meta tgħid li tirrispetta d-diversita' li wieħed isib bejn l-Istati Membri tagħha. Kieku kien hekk ma tordnax li kollox ikun l-istess fl-Istati Membri tagħha kollha, għaliex kull wieħed għandu ħtiġijiet u karatteristiċi differenti minn kull Stat Membru ieħor fl-oqsma kollha, anki f'dawk tax-xogħol.

## ARTIKOLU III-204

**1. L-Istati Membri, permezz tal-politika tagħhom dwar l-impjiegi, għandhom jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-miri previsti fl-Artikolu III-203 b'mod konsistenti mal-linji gwida ġenerali tal-politika ekonomika ta' l-Istati Membri u ta' l-Unjoni adottati skond l-Artikolu III-179(2).**

**<u>L-Impjiegi għall-Għanijiet ta' l-Unjoni</u>**

Biex infakkru, l-Artikolu III-179(2) jgħid li, **"Il-Kunsill, fuq rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni, għandu jifformula abbozz għal-linji gwida wiesa' tal-politika ekonomika ta' l-Istati Membri u ta' l-Unjoni, u għandu jirrapporta ir-rizultati tiegħu lill-Kunsill Ewropew.**

Ma tantx trid tkun għaref wisq biex tinduna li l-Istati Membri qegħdin jintrabtu, jew aħjar ordnati, biex huma jimxu ma dak li jkun ġie deċiż li għandu jsir fil-linji gwida li kif tistgħu taraw ma huma linji gwida xejn għaliex trid timxi magħhom bilfors, dwar il-politika ta' l-impjiegi, kemm jekk dik tkun tajba għalihom u kemm jekk le.

Kif tista' ssejħilha politika ta' l-impjiegi ta' l-Istati Membri jekk Stat Membru jkollu bilfors jimxi mal-linji gwida ġenerali ta' Stati Membri oħra u ta' l-Unjoni Ewropea?

**<u>L-Impjiegi Interess Komuni</u>**

**2. L-Istati Membri, filwaqt li jqisu il-prattiki nazzjonali marbuta mar-responsabbiltajiet tas-sħab soċjali, għandhom iqisu l-promozzjoni ta' l-impjiegi bħala kwistjoni ta' interess komuni u għandhom jikkordinaw l-azzjoni tagħhom f'dan ir-rigward fil-Kunsill, skond l-Artikolu III-206.**

Hawnhekk huwa ċar daqs il-kristall li l-Istati Membri ma jistgħux jagħtu każ tal-problemi fl-impjiegi tagħhom biss u jaddottaw il-politika li taqbel lilhom, imma jridu jagħtu każ tas-sitwazzjoni u l-problemi fl-Istati Membri l-oħra, jikkordinaw l-azzjonijiet tagħhom fil-Kunsill tal-Ministri u ma jeħdux passi waħidhom.

Fi kliem ieħor, jekk Stat Membru jkollu pjan biex joħloq l-impjiegi, u ftakru fis-sussidji li ma nistgħux nagħtu, huwa jrid jara jekk dak il-pjan ikunx sejjer joħloq problemi għal Stati Membri oħra, u ma jistax jaqbad u jagħmlu imma jrid jiddiskuti u jikkordina l-pjan tiegħu fil-Kunsill.

Qegħdin taraw kemm lanqas fil-ħolqien ta' l-impjiegi l-Istati Membri ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea ma għadhom ħielsa li jagħmlu politika li jkun jaqbel għalihom u għaċ-ċittadini tagħhom?

## ARTIKOLU III-205

**1. L-Unjoni għandha tikkontribwixxi għal livell għoli ta' impjiegi billi tinkoraġġixxi koperazzjoni bejn Stati Membri u billi tappoġġa u, jekk meħtieġ, tikkumplimenta l-azzjoni tagħhom. B'hekk il-kompetenzi ta' l-Istati Membri għandhom jiġu rispettati.**

**2. L-għan ta' livell għoli ta' impjieg għandu jiġi kunsidrat fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politika u l-attivitajiet ta' l-Unjoni.**

**Ħafna Kliem fil-Vojt**

Ħafna kliem fil-vojt u ta' qerq, għaliex kif tista' tirrispetta l-kompetenzi ta' l-Istati Membri jekk inti tordna kif għandhom jimxu, x'jistgħu jagħmlu, u jridu bilfors jimxu ma dak li tordna?

Kieku tassew kienu kompetenti kienu jkunu jistgħu jagħmlu dak li jkunu jinħtieġu u dak li jkun jaqblilhom skond ma jiddeċiedi kull Stat Membru għalih innifsu, mhux ikollhom jiddeċiedu skond ma tgħid xi istituzzjoni ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea.

Nistaqsu wkoll kif tista toħloq ix-xogħol, jekk bil-liġijiet u regolamenti ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea u bl-Alla falz tal-politika ħażina tas-suq ħieles mingħajr l-ebda rażan tagħha il-ħaddiema qegħdin jispiċċaw jitilfu xogħolhom u ħobż il-familji tagħhom għaliex il-fabbriki kollha qegħdin jitilqu mill-Istati Membri u jmorru f'pajjiżi oħra?

**ARTIKOLU III-206**

**1. Il-Kunsill Ewropew għandu kull sena jikkunsidra s-sitwazzjoni ta' l-impjiegi fl-Unjoni u jadotta konklużjonijiet dwarha, fuq bażi ta' rapport annwali konġunt magħmul mill-Kunsill u mill-Kummissjoni.**

**2. Fuq bażi tal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew, il-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni, għandu kull sena jadotta linji gwida li tagħhom l-Istati Membri għandhom jieħdu in kunsiderazzjoni fil-politika tagħhom dwar l-impjiegi. Għandu jaġixxi wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew, mal-Kumitat tar-Reġjuni, mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u mal-Kumitat ta' l-Impjiegi.**

**Dawn il-linji gwida għandhom ikunu koerenti mal-linji gwida ġenerali adottati skond l-Artikolu III- 179(2).**

**Kollox bil-Linji Gwida**

Provvedimenti oħra dwar l-impjiegi li juru li l-ebda Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropea ma jista' jagħmel xi ħaġa li tkun tajba għalih jekk ma tkunx skond ma jkun hemm fil-linji gwida deċiżi mill-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea, imma jrid jagħmel dak li jkun deċiż anki jekk ma jkunx jaqbel għalih u għaċ-ċittadini tegħu.

Tridu tiftakru wkoll li biex il-Kunsill u l-Kummissjoni jagħmlu r-rapport, huma jridu joqgħodu qishom isqra fuq l-Istati Membri li jridu jagħtuhom l-informazzjoni kollha bilfors kif tistgħu taraw mis-subartikolu 3.

**Rapporti Bilfors mill-Istati Membri**

**3. Kull Stat Membru għandu jipprovdi lill-Kunsill u lill-Kummissjoni b'rapport annwali dwar il-miżuri prinċipali meħuda għall-implimentazzjoni tal-politika tiegħu dwar l-impjiegi fid-dawl tal-linji gwida għall-impjiegi kif previsti fil-paragrafu 2.**

**4. Il-Kunsill, fuq bażi tar-rapporti previsti fil-paragrafu 3 u wara li jkun irċieva l-opinjonijiet tal-Kumitat ta' l-Impjiegi, għandu kull sena jagħmel eżami ta' l-implimentazzjoni tal-politika dwar l-impjiegi ta' l-Istati Membri fid-dawl tal-linji gwida għall-impjiegi. Il-Kunsill, fuq rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni, jista' jadotta rakkomandazzjonijiet li għandu jindirizza lill-Istati Membri.**

**5. Fuq bażi tar-riżultati ta' dak l-eżami, il-Kunsill u l-Kummissjoni għandhom jagħmlu rapport annwali konġunt lill-Kunsill Ewropew dwar is-sitwazzjoni fil-qasam ta' l-impjiegi u dwar l-implimentazzjoni tal-linji gwida għall-impjiegi.**

Innutaw kif kull Stat Membru jrid bilfors jibgħat l-informazzjoni kollha dwar il-passi kollha li jkun ħa biex jagħmel il-politika tiegħu ta' l-impjiegi skond il-linji gwida lill-Kunsill tal-Ministri u lill-Kummissjoni ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea li mbagħad issejjes ir-rapport ta' kull sena fuq l-eżami ta' din l-informazzjoni.

Innutaw kif dan ifisser kontroll sħiħ fuq dak kollu li jagħmlu l-Istati Membri biex jiġi żgurat li jkunu mxew skond ma jkun ordna l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea, kif il-linji gwida ma huma gwida xejn għaliex l-Istati membri jridu jimxu magħhom bilfors, u kif lanqas fl-impjiegi u fil-ħolqien ta' l-impjiegi l-Istati Membri ma għadhom ħielsa li jagħmlu dak li jkun jaqbel għalihom u għaċ-ċittadini tagħhom.

Innutaw ukoll kif il-Kunsill jista' jadotta rakkomandazzjonijiet lill-Istati Membri, jiġifieri x'għandhom jagħmlu.

Tinsewx li jekk l-Istat Membru jew Stati Membri ma jimxux mar-rakkomandazzjonijiet, malajr jittieħdu deċiżjonijiet biex jordnawlhom u jekk jibqgħu ma jobdux malajr jittellgħu quddiem il-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea biex jiġu kkundannati.

Jista' jkun hawn min għadu joħlom li l-Istati Membri ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea għadhom **Indipendenti, Ħielsa u Sovrani** meta jkollhom jagħmlu kollox skond ma jkunu ordnati?

Min għadu jaħseb hekk jew anki jgħid li s-sovranita' tissaħħaħ għaliex tkun qiegħed taqsamha ma ħaddieħor jew qiegħed jgħix fil-qamar jew irid iqarraq. Xejn aktar u xejn anqas.

## ARTIKOLU III-207

**Il-liġi jew il-liġi kwadru Ewropea Ewropea tista' tistabbilixxi miżuri maħsuba biex jinkoraġġixxu l-koperazzjoni bejn l-Istati Membri u biex isostnu l-azzjoni tagħhom fil-qasam ta' l-impjiegi permezz ta' inizjattivi maħsuba biex**

**jiżviluppaw skambji ta' informazzjoni u l-aħjar prattika, biex jipprovdu analiżi komparattiva u konsultazzjoni kif ukoll biex jippromwovu approċċi innovattivi u biex jivvalutaw esperjenzi, b'mod partikolari bl-użu ta' progetti pilota. Għandha tiġu adottata wara konsultazzjoni mal-Kumitat tar-Reġjuni u tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali.**

**Din il-liġi jew liġi kwadru Ewropea ma ġġibx magħha l-armonizzazzjoni tal-liġijiet u r-regolamenti ta' l-Istati Membri.**

**<u>Anki l-Impjiegi Regolati bil-Liġijiet Ewropej</u>**

Aktar liġijiet Ewropew li jkompli jordnaw x'għandhom jagħmlu l-Istati Membri, kif għandhom jibdlu l-informazzjoni bejniethom, jagħmlu programmi, kif jidħlu biex iħollu xi problemi u jagħmlu proġetti piloti, jiġifieri bħala prova.

Dan juri kemm huwa tassew dak li għedna aktar qabel li l-linji gwida ma huma gwida xejn u trid timxi magħhom bilfors, għaliex wara l-linji gwida jiġu l-liġijiet Ewropej biex jordnaw x'għandhom jagħmlu l-Istati Membri.

**<u>Koperazzjoni bil-Liġijiet Ewropej</u>**

Innutaw li fil-bidu ta' l-Artikolu jingħad li "**Il-liġi jew il-liġi kwadru Ewropea Ewropea tista' tistabbilixxi miżuri maħsuba biex jinkoraġġixxu l-koperazzjoni bejn l-Istati Membri".**

Dan ifisser li l-Unjoni Ewropea stess qiegħda tammetti li lanqas l-Istati Membri ma jikkoperaw bejniethom speċjalment fil-qasam tal-ħolqien tax-xogħol, għaliex ix-xogħol l-ewwel iridu joħolquh għaċ-ċittadini tagħhom u mhux għaċ-ċittadini barranin ta' Stati Membri oħra.

Kieku ma kienx hekk ma kienx ikun hemm għalfejn li l-Unjoni Ewropea jkollha tagħmel liġijiet Ewropej biex tordnalhom x'għandhom jagħmlu anki fil-qasam tax-xogħol, anzi ddaħħalhom fil-Kostituzzjoni li trid tagħmel, mhux hekk?

Dan ifisser ukoll li minkejja dak kollu li jingħad dwar l-għaqda fl-Unjoni Ewropea u kemm kulħadd għandu jaħdem għall-għanijiet ta' l-Unjoni Ewropea, u minkejja li hemm Stati Membri li ilhom mill-bidu tas-snin ħamsin tas-seklu l-ieħor, l-istess Stati Membri għadhom s'issa jaħdmu fl-interess nazzjonali u taċ-ċittadini tagħhom għaliex ma jemmnux fl-Istat Federali ta' Unjoni Ewropea.

**<u>Armonizzazzjoni jew Le?</u>**

Li jingħad li din il-liġi Ewropea m'għandhiex iġġib magħha l-armonizzazzjoni tal-liġijiet u regolamenti ta' l-Istati Membri ma jiswa xejn, għaliex ma jkunux il-liġijiet u regolamenti tagħhom li jkunu jgħoddu, imma l-liġi Ewropea.

Anki din il-parti turi l-qerq ta' l-Unjoni Ewropea biex tipprova tqarraq lil min ikun qiegħed jaqra, għaliex waqt li tkun tista' tasal għal dak li trid u tordna dak li trid permezz tal-liġi Ewropea, hija tkun qiegħda tidher li mhijiex qiegħda tordna li l-Istati Membri jarmonizzaw il-liġijiet tagħhom.

Qegħdin taraw il-qerq u l-makakkerija tal-mexxejja federalisti ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea kif jippruvaw iqarrqu b'kulħadd u għaliex dejjem ngħidu li trid toqgħod attent xi tkun qiegħed taqra, taqra bejn il-linji, u tifhem x'ikun qiegħed jingħad jew ma jkunx qiegħed jingħad meta suppost jingħad?

Hawnhekk tajjeb li nfakkrukom li l-ETC jkollha tippubblika s-sejħiet għax-xogħol fuq l-internet ħalli kull barrani minn kull Stat Membru ieħor ikun jista' japplika għax-xogħol hawn Malta u jieħu xogħol u ħobż il-ħaddiema Maltin u Għawdxin u l-familji tagħhom.

Dan huwa riżultat ieħor tat-tradiment tal-**ĠUDIET** mixtrija ta' l-Unjoni Ewropea u tal-**QUISINGS** li lesti jmexxu lil Malta u lilna skond l-ordnijiet tal-mexxejja arroganti, kolonjalisti u federalisti ta' l-Unjoni Ewropea.

**It-Tradutturi**

Hawnhekk nerġgħu nfakkrukom dwar il-kelma Ngliża "**approach**", li t-tradutturi li tħallsu l-eluf ta' liri biex qalbu l-Kostituzzjoni għall-ilsien Malti qalbuha "a**pproċċ**" minflok "**daħla**" jew "**dħul**", jew "**pożizzjoni komuni**" skond kif ikun jaqbel, imma li f'dan l-Artikolu għamluha wkoll fil-plural bħala "**approċċi**".

Fejn huma l-għaqdiet tal-ħarsien ta' l-ilsien Malti biex jgħidulna dwar dawn il-ħniżrijiet li qegħdin isiru minn dawk li suppost huma mħarrġa tajjeb fl-ilsien Malti biex ingħataw il-kuntratti ta' eluf kbar ta' liri ħalli jagħmlu dan ix-xogħol?

**ARTIKOLU III-208**

**Il-Kunsill għandu, b'maġġoranza sempliċi, jadotta deċiżjoni Ewropea li tistabbilixxi Kumitat ta' l-Impjiegi bi status konsultattiv sabiex jippromwovi kordinazzjoni bejn Stati Membri dwar politika ta' l-impjiegi u tas-suq tax-xogħol. Għandu jaġixxi wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew.**

**Ix-xoghol tal-Kumitat ghandu jkun:**

**a) li jikkontrolla s-sitwazzjoni fil-qasam ta' l-impjiegi u tal-politika dwar l-impjiegi fl-Unjoni u fl-Istati Membri;**

**b) mingħajr preġudizzju għall-Artikolu III-344, li jifformula opinjonijiet fuq it-talba jew tal-Kunsill jew tal-Kummissjoni jew fuq l-inizjattiva proprja tiegħu, u li jikkontribwixxi għat-tħejjija tal-proċeduri tal-Kunsill previsti fl-Artikolu III-206.**

**Fit-twettiq tal-mandat tiegħu, il-Kumitat għandu jikkonsulta mas-sħab soċjali.**

**Kull Stat Membru u l-Kummissjoni għandhom jaħtru żewġ membri tal-Kumitat.**

## Kumitat Ieħor b'Maġġoranza Sempliċi

Ħolqien ta' kumitat ieħor biex jgħasses fuq l-Istati Membri u jara li jkunu qegħdin jimxu skond ma jkunu ordnati mill-Unjoni Ewropea fis-settur ta' l-impjiegi, u jifforma l-opinjoni tiegħu fuq dan is-settur.

Dan ifisser il-ħolqien ta' aktar postijiet imħallsa bl-eluf kbar ta' ewros minn fuq iċ-ċittadini ta' l-Istati Membri, maħluqa għal tal-qalba mogħmija wara l-istilel ta' l-Unjoni Ewropea, u aktar għassa fuq l-Istati Membri.

Innutaw kif il-Kunsill "**b'maġġoranza sempliċi"**, sejjer ikun jista' jwaqqaf dan il-Kumitat ta' l-Impjiegi.

Dan juri li l-**jedd tal-veto** ta' l-Istati Membri **spiċċa**, għaliex il-Kunsill sejjer ikun awtorizzat minn din il-Kostituzzjoni, jekk tiġi approvata.

## Kumitat Jikkontrolla l-Istati Membri

Innutaw ukoll li l-Istati Membri ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea mhumiex sejrin jibqgħu jirregolaw il-qasam ta' l-impjiegi, imma kif jingħad fis-subinċiż (a), fost ix-xogħol ta' dan il-Kumitat hemm wkoll "**li jikkontrolla s-sitwazzjoni fil-qasam ta' l-impjiegi u tal-politika dwar l-impjiegi fl-Unjoni u fl-Istati Membri".**

Qegħdin taraw kif il-jeddijiet u s-setgħat kollha jew spiċċaw jew qegħdin jispiċċaw mingħand l-Istati Membri u jittieħdu mill-istituzzjonijiet ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea?

Jista' xi ħadd jibqa' jgħid li l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea għadhom **Indipendenti, Ħielsa u Sovrani** meta jkollhom joqgħodu bilfors għall-ordnijiert li joħorġu anki minn sempliċi Kumitat ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea?

Se nibqgħu taħt dan il-madmad kolonjali u ħakma illegali li daħħluna fih l-Unjoni Ewropea flimkien mal-**ĠUDIET** tal-poplu Malti u **QUISLINGS** tagħha li lesti jmexxu skond ma jordnawlhom il-mexxejja ta qalb ħadra u xierfa u mingħajr kuxjenza ta' l-Unjoni Ewropea?

Qum fuq tiegħek u erġa' ingħaqad poplu Malti ħalli flimkien nerġgħu niddikjaraw **l-Indipendenza, il-Ħelsien u s-Sovranita'** tagħna u ta' l-għażiża Malta tagħna mill-ħakma illegali u kolonjali ta' l-Unjoni Ewropea.

## SEZZJONI 2

## POLITIKA SOĊJALI

## ARTIKOLU III-209

**L-Unjoni u l-Istati Membri, konxji mid-drittijiet soċjali fundamentali kif stabbiliti fil-Karta Soċjali Ewropea ffirmata f'Turin fit-18 ta' Ottubru 1961 u fil-Karta Komunitarja ta' l-1989 dwar id-Drittijiet Soċjali Fundamentali tal-ħaddiema, għandhom bħala l-għanijiet tagħhom il-promozzjoni ta' l-impjiegi, it-titjib tal-kondizzjonijiet tal-għajxien u tax-xogħol, sabiex dawn jiġu ugwali filwaqt li jinżamm it-titjib tagħhom, il-protezzjoni soċjali xierqa, d-djalogu bejn is-sħab soċjali, l-iżvilupp ta' riżorsi umani li jġib miegħu livell għoli u dejjiemi ta' impjieg u l-ġlieda kontra l-esklużjoni.**

**Għal dan l-iskop l-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jaġixxu waqt li jieħdu in kunsiderazzjoni d-diversità ta' prattika nazzjonali, b'mod partikolari fil-qasam ta' relazzjonijiet kontrattwali, u tal-bzonn li tinżamm il-kompetittivita' ta' l-ekonomija ta' l-Unjoni.**

**Huma jemmnu li dan l-iżvilupp ma jirriżultax biss mill-funzjonament tas-suq intern, li jiffavorixxi l-armonizzazzjoni ta' sistemi soċjali, imma wkoll mill-proċeduri previsti fil-Kostituzzjoni u mill-approssimazzjoni tad-disposizzjonijiet stabbiliti b'liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva ta' l-Istati Membri.**

**Il-Politika Soċjali Regolata mill-Unjoni Ewropea**

L-ewwel nett dawn huma kollha għanijiet li kienu u sejrin jibqgħu xewqat, għaliex minkejja li l-Unjoni Ewropea f'xi forma jew oħra ilha teżisti aktar minn ħamsin sena, xorta waħda għandha problemi kbar ta' qagħad u nuqqas ta' xogħol minħabba l-politika ħażina ta' l-Alla falz tagħha tas-suq ħieles mingħajr l-ebda rażan.

Dan ifisser li minkejja dak kollu li jingħad biex jidher sabiħ, għall-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea l-ewwel Alla falz tagħha huwa s-suq ħieles mingħajr l-ebda rażan biex il-ħaddiema jkomplu jiġu esplojtati mill-industrijalisti l-kbar tagħha, u għaldaqstant qatt ma tista' titwemmen li hija favur il-ħaddiema mill-ftit passi li ħadet favur tagħhom.

Innutaw ukoll kif qiegħed jingħad li minkejja s-suq intern, dan waħdu ma jwassalx biex jintlaħaq l-iżvilupp li trid l-Unjoni Ewropea, imma għandhom jitqarrbu l-liġijiet u regolament ta' l-Istati Membri, jitqarrbu s-sistema soċjali, u jsir dak li hemm ipprovdut fil-Kostituzzjoni.

Fi kliem ieħor, il-liġijiet u regolamenti ta' l-Istati Membri u s-sistemi soċjali tagħhom iridu jitqarrbu biżżejjed biex isiru, fl-effetti tagħhom, mingħajr differenza bejniethom.

Dan ma jfissirx li l-liġijiet u r-regolamenti jkunu miktuba bl-istess kliem, imma li l-effetti tagħhom ikunu l-istess fl-Istati Membri kollha.

**Il-Kompetittivita' ta' l-Unjoni**

Imma l-aktar li rridu niġbdu l-attenzjoni tagħkom huwa għat-tieni paragrafu. Innutaw li dan jgħid li,

**Għal dan l-iskop l-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jaġixxu waqt li jieħdu in kunsiderazzjoni d-diversità ta' prattika nazzjonali, b'mod partikolari fil-qasam ta' relazzjonijiet kontrattwali, u tal-bzonn li tinżamm il-kompetittivita' ta' l-ekonomija ta' l-Unjoni.**

Hawnhekk għandna l-akbar prova li minkejja li effettivament il-liġijiet dwar l-impjiegi u s-servizzi soċjali jridu jkunu l-istess fl-Istati Membri kollha, dawn huma suġġetti għall- **prattika nazzjonali, b'mod partikolari fil-qasam ta' relazzjonijiet kontrattwali, u tal-bzonn li tinżamm il-kompetittivita' ta' l-ekonomija ta' l-Unjoni.**

Dan ifisser li, biex nieħdu eżempju, jekk fil-Polonja il-ħaddiema għandhom paga ta' għoxrin lira fil-ġimgħa, u fil-Ġermanja għandhom mitt lira fil-ġimgħa, il-ħaddiema Pollakki xorta waħda mhux se jkollhom paga daqs il-ħaddiema Ġermaniżi għaliex inkella **ma tinżammx il-kompetittivita' ta' l-ekonomija ta' l-Unjoni.**

Dan għaliex jekk il-ħaddiema Pollakki jingħataw l-istess paga daqs il-ħaddiema Ġermaniżi, tonqos il-kompetittivita bejn il-kumpaniji Pollakki u dawk Ġermaniżi fl-Unjoni u anki fil-qasam internazzjonali għaliex il-ħaddiema Pollakki ma jibqgħux jaħdmu b'inqas paga imma jkollhom paga daqs il-ħaddiema Ġermaniżi.

B'hekk, minħabba li l-ħaddiema Pollakki jkollhom pagi u kundizzjonijiet tax-xogħol agħar milli jkollhom il-ħaddiema Ġermaniżi, l-Unjoni Ewropea tkun tista' tesplojta dan il-fatt u l-tesplojta l-ħaddiema Pollakki biex jitnaqqsu l-kundizzjonijiet tal-ħaddiema ta' Stati Membri oħra.

Barra minn hekk, l-Unjoni Ewropea tesplojta l-ħaddiema Pollakki biex iżżomm il-kompetittivita' ta' l-ekonomija tagħha fis-suq internazzjonali bl-esplojtazzjoni tal-ħaddiema.

Dan huwa biss eżempju wieħed, imma dan jgħodd ukoll għall-leave, festi, kundizzjonijiet tax-xogħol u dak kollu li għandu x'jaqsam mal-qasam tax-xogħol u tal-ħaddiema.

Ma niskantaw xejn li aktar 'il quddiem nibdew naraw attakki fuq li l-ħaddiema Maltin u Għawdxin għandhom ħafna leave u festi aktar minn ħaddiema fi Stati Membri oħra u li hemm il-ħtieġa li dawn jitnaqqsu biex inkunu kompetittivi.

L-istess nistennew fuq il-ħaddiema tal-gvern li jistgħu jistennew li jsiru attakki fuq in-nofs ta' nhari tagħhom.

Ma niskantaw xejn li nibdew naraw l-importazzjoni ta' ħafna ħaddiema barranin għaliex jibda jingħad li l-pagi u l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema Maltin u Għawdxin ma jħallux l-imprizi u x-xogħolijiet ikunu kompetittivi. Stennew u taraw.

**Il-kundizzjonijiet tax-Xogħol Suġġetti għall-Kompetittivita' ta' l-Unjoni**

Innutaw li waqt li min-naħa l-Unjoni Ewropea tgħid li "**l-Karta Komunitarja ta' l-1989 dwar id-Drittijiet Soċjali Fundamentali tal-ħaddiema, għandhom bħala l-għanijiet tagħhom il-promozzjoni ta' l-impjiegi, it-titjib tal-kondizzjonijiet tal-għajxien u tax-xogħol, sabiex dawn jiġu ugwali filwaqt li jinżamm it-titjib tagħhom, il-protezzjoni soċjali xierqa, d-djalogu bejn is-sħab soċjali, l-iżvilupp ta' riżorsi umani li jġib miegħu livell għoli u dejjiemi ta' impjieg u l-ġlieda kontra l-esklużjoni,"**

Min-naħa l-oħra tgħid li "**l-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jaġixxu waqt li jieħdu in kunsiderazzjoni d-diversità ta' prattika nazzjonali, b'mod partikolari fil-qasam ta' relazzjonijiet kontrattwali, u tal-bzonn li tinżamm il-kompetittivita' ta' l-ekonomija ta' l-Unjoni."**

Mela dan ifisser li mhux biss dawk il-kundizzjonijiet tax-xogħol huma suġġetti li tinżamm il-kompetittivita' ta' l-ekonomija ta' l-Unjoni, u innutaw "**ta' l-Unjoni**" u mhux ta' "**l-Istati Membri**", imma biex tasal għal dan ifisser li fejn il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema huma aħjar dawn jitnaqqsu biex l-Unjoni ma titlifx il-kompetittivita' ekonomika tagħha.

Huwa għalhekk li l-Unjoni Ewropea trid li jkun hemm il-moviment ħieles tal-ħaddiema, ħalli dawn imorri fi Stati Membri oħra u jaċċettaw kundizzjonijiet tax-xogħol inqas milli jkollhom il-ħaddiema ta' dak l-Istat Membru u b'hekk l-Unjoni Ewropea żżid il-kompetittivita' ekonomika tagħha.

Jekk imbagħad nieħdu s-servizzi soċjali, jekk il-Pollakki għandhom inqas servizzi soċjali, inqas pensjonijiet, inqas djar b'kera issussidjat, inqas sptarijiet b'xejn u servizzi soċjali oħra milli għandhom il-Ġermaniżi jew popli ta' Stati Membri oħra, huma xorta waħda se jibqgħu b'dawn in-nuqqasijiet għaliex jekk iżiduhom **ma tinżammx il-kompetittivita' ta' l-ekonomija ta' l-Unjoni.**

Anzi jekk jista' jkun is-servizzi soċjali jonqsu ħalli l-ħaddiema jkollhom jaċċettaw kundizzjonijiet inqas tax-xogħol għax jonqsulhom is-servizzi soċjali u jħallsu għal dak kollu possibbli għax għall-mexxejja ta' qalb ħadra u xierfa u mingħajr kuxjenza ta' l-Unjoni Ewropea jekk jista' jkun kollox ikun tal-privat u bi ħlas.

Għalhekk, jekk kien hemm min ħaseb li l-pagi u l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema u s-servizzi soċjali se jsiru bħal ma huma fl-aħjar Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropea marru mqarrqa.

Anzi wieħed jista' jgħid li jekk ikun possibbli, il-mexxejja ta' qalb ħadra u xierfa u mingħajr kuxjenza ta' l-Unjoni Ewropea inaqqsu l-pagi u l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema u s-sevizzi soċjali u jsir kollox bil-ħlas u tal-privat.

Għad baqa' xi ħadd li għadu jemmen li l-Unjoni Ewropea ma tindaħalx fil-qasam ta' l-impjiegi u s-servizzi soċjali u f'kull qasam ieħor li wieħed jista' jimmaġina?

Dan huwa l-wiċċ vili mingħajr qatra żejt u agħar mill-għatba tal-Klistanija li għandhom il-mexxejja federalisti ta' qalb ħadra u xierfa u mingħajr kuxjenza ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea.

**ARTIKOLU III-210**

**1. Bl-iskop li jintlaħqu l-miri ta' l-Artikolu III-209, l-Unjoni għandha ssostni u tikkumplimenta l-attivitajiet ta' l-Istati Membri fl-oqsma li ġejjin:**

**a) it-titjib b'mod partikolari ta' l-ambjent tax-xogħol biex jipproteġi s-saħħa u s-sigurta' tal-ħaddiema;**

**b) il-kondizzjonijiet tax-xogħol;**

**ċ) is-sigurta' soċjali u l-protezzjoni soċjali tal-ħaddiema;**

**d) il-protezzjoni tal-ħaddiema meta l-kuntratt ta' l-impjieg tagħhom jiġi terminat;**

**e) l-informazzjoni u l-konsultazzjoni tal-ħaddiema;**

**f) ir-rappreżentanza u d-difiża kollettiva ta' l-interessi tal-ħaddiema u ta' min iħaddem, inkluża l-ko-determinazzjoni, bla ħsara għall-paragrafu 6;**

**ġ) il-kondizzjonijiet ta' l-impjieg għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jirrisjedu legalment fit-territorju ta' l-Unjoni;**

**h) l-integrazzjoni ta' persuni esklużi mis-suq tax-xogħol, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu III-283;**

**i) l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fir-rigward ta' opportunitajiet fis-suq tax-xogħol u ttrattament fuq ix-xogħol;**

**j) il-ġlieda kontra l-esklużjoni soċjali;**

**k) il-modernizzazzjoni ta' sistemi ta' protezzjoni soċjali mingħajr preġudizzju għall-punt (ċ).**

**<u>Għanijiet Sbieħ, Imma…</u>**

Għanijiet tajbin u li jidhru sbieħ, imma l-ewwel nett kif urejna aktar qabel kieku tassew l-Unjoni Ewropea għandha għall-qalbha l-ħaddiema ma tagħmilx affarijiet li minħabba fihom huma jitilfu xogħolhom, ħobżhom u ħobż il-familji tagħhom.

X'jiswa li tagħmilli affarijiet tajbin biex titħares saħħti, li huma tassew tajbin, imma mbagħad tagħmel affarijiet oħra li bihom jiena nitlef xogħoli?

L-ewwel irid ikolli x-xogħol biex tħarisli saħħti fuq ix-xogħol, mhux hekk?

Barra minn hekk, tinsewx li għadna kif rajna fl-Artiklu ta' qabel dan li s-servizzi soċjali, il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema u dak kollu li jingħad f'dak l-Artiklu huma suġġetti "**li tinżamm il-kompetittivita' ta' l-ekonomija ta' l-Unjoni."**

Barra minn hekk, innutaw li skond subinċiż **(ġ)** anki fil-kundizzjonijiet tax-xogħol ta' ħaddiema ta' pajjiżi terzi, jiġifieri li ma jkunux Stati Membri ta' l-Unjoni Ewropea tindaħal fihom l-Unjoni Ewropea.

It-tieni bl-iskuża li tappoġġja u tikkumplimenta dawn l-affarijiet, l-Unjoni Ewropea dejjem iżżid l-indħil tagħha biex kull ma tmur tieħu kollox taħt idejha kif rajna fl-affarijiet u fl-Artikli kollha aktar qabel. L-ewwel tibda' bil-mod, imbagħad dejjem iżżid sakemm tieħu kollox f'idejha.

It-tielet huwa li minkejja li ħafna Stati Membri ilhom is-snin fl-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea, u hemm min ilu mill-bidu tagħha aktar minn ħamsin sena ilu, għadhom jagħmlu affarijiet li jridu jiġu rranġati biex ikunu skond ma jingħad fis-subinċiżi msemmija.

Fi kliem ieħor, għad m'għandhomx ambjent tax-xogħol li jħares is-saħħa tal-ħaddiema, kundizzjonijiet tax-xogħol mhux tajbin, m'għandhomx sigurta' soċjali u protezzjoni tal-ħaddiema tajbin, ħaddiema mingħajr protezzjoni meta jispiċċaw mix-xogħol, ħaddiema mingħajr unions, ċittadini barranin esplojtati, nies maqtuha barra mis-suq tax-xogħol, diskriminazzjoni kontra n-nisa, esklużjoni soċjali, u dak kollu li jissemma fis-subinċiżi aktar 'il fuq.

Kieku ma kienx hemm ma kienx ikun hemm għalfejn jingħad hekk f'din il-Kostituzzjoni, mhux hekk?

## <u>Is-Sistemi ta' Protezzjoni Soċjali</u>

Imma l-aktar ħaġa li tridu tinnutaw hija li fis-subinċiż (k) jingħad li trid issir "**il-modernizzazzjoni ta' sistemi tal-protezzjoni soċjali**".

Fi kliem ieħor, irid isir dak li diġa' qegħdin naraw isir, jiġifieri ħlasijiet aktar għolja, tnaqqis fis-servizzi soċjali, privatizzazzjoni tas-servizzi soċjali inklużi l-pensjonijiet privati, togħla l-eta' tal-pensjoni, u aktar piżijiet fuq il-ħaddiema.

Tiftakru kif xi ħadd mill-Unjoni Ewropea kien qal li **s-servizzi soċjali f'Malta huma ġenerużi ħafna** u b'hekk min ikun bla xogħol ma jkollux inċentiv biex imur jaħdem?

Tiftakru kemm qiegħed jingħad li s-servizzi soċjali, fosthom il-pensjonijiet m'humiex sostenibbli, li l-eta' tal-pensjoni trid togħla, li hemm ħtieġa li l-ħaddiema jieħdu pensjonijiet privati, u ħafna affarijiet oħra bħal dawn? Issa tafu minn fejn ġejjin dawn l-affarijiet.

Hawnhekk irridu nfakkru kemm miljuni ta' ħaddiema barra minn Malta għamlu għomorhom iħallsu għal pensjoni privata, u f'daqqa waħda mhux biss ma ħadux il-pensjoni, imma ftaqru għaliex tilfu wkoll dak kollu li kienu ħallsu minħabba li l-kumpanija tal-pensjoni falliet.

Tridu li jiġrilkom hekk? Jekk le rridu nfittxu nitilqu minn taħt il-ħakma illegali ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea kif għandna kull jedd u setgħa li nagħmlu għaliex l-hemm mixjin.

<u>**Protezzjoni Soċjali Regolata bil-Liġi Ewropea**</u>

**2. Għall-għanijiet tal-paragrafu 1:**

**a) liġi jew liġi kwadru Ewropea tista' tistabbilixxi miżuri maħsuba biex jinkoraġġixxu koperazzjoni bejn Stati Membri permezz ta' inizjattivi maħsuba għat-titjib tat-tagħrif, l-iżvilupp ta' skambji ta' informazzjoni u l-aħjar prattika, il-promozzjoni ta' approċċi innovattivi u l-valutazzjoni ta' esperjenzi, bl-esklużjoni ta' kull armonizzazzjoni tal-liġijiet u regolamenti ta' l-Istati Membri;**

**b) fl-oqsma previsti fil-paragrafu 1(a) sa (i), liġi kwadru Ewropea tista' tistabbilixxi l-ħtiġijiet minimi għall-implimentazzjoni gradwali, billi jitqiesu l-kondizzjonijiet u r-regoli tekniċi preżenti f'kull wieħed mill-Istati Membri. Din il-liġi kwadru Ewropea għandha tevita li timponi kostrizzjonijiet amministrattivi, finanzjarji u legali b'tali mod li jżommu lura l-ħolqien u l-iżvilupp ta' impriżi zgħar u ta' daqs medju.**

**Fil-każijiet kollha, dawn il-liġijiet jew il-liġijiet kwadru Ewropej għandhom jiġu adottati wara konsultazzjoni mal-Kumitat tar-Reġjuni u mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali.**

Araw dak li għedna ftit ilu, kif l-ewwel tibda' bil-mod imbagħad mis-subgħa tieħu l-id. L-ewwel tibda tappoġġja u tikkumplimenta, issa tagħmel liġijiet Ewropej li japplikaw għal dawn l-oqsma.

Il-fatt li jingħad li dan ma jfissirx l-armonizzazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri ma jfisser xejn, għaliex la tagħmel xi liġi Ewropea, il-liġijiet nazzjonali tagħhom ma jkunu jiswew xejn għaliex l-Istati Membri jkollhom jimxu biss skond dawk il-liġijiet Ewropej. B'hekk ma jkunx hemm ħtieġa li joqgħodu jibdlu l-liġijiet tagħhom.

Barra min hekk, innutaw kif jingħad li dawn il-liġijiet Ewropej m'għandhomx jimponu rbit amministrattiv, finanzjarju u legali b'tali mod li jżomm lura l-ħolqien u l-iżvilupp ta' impriżi żgħar u ta' daqs medju.

Imma nnutaw ukoll li dan ifisser li xorta jista' jsir irbit amministrattiv, finanzjarju u legali li waqt li ma jkunx iżomm lura l-ħolqien u l-iżvilupp ta' impriżi żgħar u ta' daqs medju, ikun ta' xkiel għall-ħolqien u l-iżvilupp ta' impriżi kbar, għaliex ix-xkiel ma jistax isir lill-impriżi żgħar u ta' daqs medju.

Qegħdin taraw li kif dejjem għedna li trid toqgħod attent u tifli dak li jkun qiegħed jingħad jew anki ma jingħadx bejn il-linji ta' kull ma tkun trid tagħmel l-Unjoni Ewropea biex tara xi jkun hemm moħbi warajhom?

<u>**Regoli u Deċiżjonijiet mill-Kunsill**</u>

**3. B'deroga mill-paragrafu 2, fl-oqsma previsti fil-paragrafu 1(ċ), (d), (f) u (g), liġijiet jew liġijiet kwadru Ewropej għandhom jiġu adottati mill-Kunsill b'mod unanimu wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew, mal-Kumitat tar-Reġjuni u mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali.**

**Il-Kunsill jista' fuq proposta mill-Kummissjoni, jadotta deċiżjoni Ewropea li tagħmel il-proġedura ordinarja leġislattiva applikabbli għall-paragrafu 1(d), (f) u (g). Għandu jaġixxi b'mod unanimu wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew.**

L-ewwel ma rridu nfakkru huwa li dawn huma wkoll jeddijiet u setgħat oħra meħudha mingħand l-Istati Membri mill-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea. Imma ħalli naraw ftit dak li qiegħed jingħad f'dan is-subartikolu.

Innutaw kif qiegħed jingħad li fl-oqsma previsti mill-paragrafu 1 (ċ), (d), (f) u (g) jistgħu jsiru liġijiet jew liġijiet kwadri Ewropej kif ukoll il-paragrafu ta' wara jgħid li l-proċedura ordinarja leġislattiva tista' tiġi applikata wara deċiżjoni Ewropea.

L-aktar li tridu tinnutaw huwa li 1(ċ), (d), (f) huma dwar kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema u t-tmiem ta' l-impjieg tagħhom, waqt li (ġ) huwa dwar "**il-kondizzjonijiet ta' l-impjieg għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jirrisjedu legalment fit-territorju ta' l-Unjoni".**

Dan ifisser li minkejja li hemm Stati Membri li ilhom mill-bidu nett membri fl-Unjoni Ewropea, għad għandhom differenzi bejniethom fuq kif jittrattaw il-ħaddiema tagħhom għaliex kieku ma kienx ikun hemm għalfejn jingħad hekk, anzi jiddaħħal ukoll fil-Kostituzzjoni li trid tagħmel l-Unjoni Ewropea.

Dan ifisser ukoll li minkejja li hemm il-moviment ħieles tal-ħaddiema li suppost jingħataw l-istess kundizzjonijiet ta' xogħol bħal ma jingħataw il-ħaddiema ta' dak l-Istat Membru li jkunu marru fih, u minkejja li wħud mill-Istati Membri ilhom membri ta' l-Unjoni Ewropea aktar minn ħamsin sena, ma jagħtux l-istess kundizzjonijiet tax-xogħol lill-ħaddiema li jkunu ġejjin minn Stati Membri oħra.

Dan jgħodd ukoll, speċjalment, għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li joqgħodu legalment fit-"**territorju ta' l-Unjoni"**, u erġgħu nnutaw li jingħad "**territorju ta' l-Unjoni"** u mhux ta' "**l-Istati Membri**."

Dan m'hemmx dubju li huwa riżultat li l-ħaddiema, kemm dawk minn Stati Membri oħra kif ukoll ta' terzi pajjiżi li jmorru jaħdmu fi Stat Membru ieħor jaċċettaw kundizzjonijiet tax-xogħol li l-ħaddiema ta' dak l-Istat ma jaċċettawx, u b'hekk ikunu qegħdin ifarrku l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema ta' dak l-Istat Membru.

Kieku ma kienx hekk ma kienx ikun hemm għalfejn li jiddaħħal dan is-subinċiż fil-Kostituzzjoni ta' l-Unjoni Ewropea, mhux hekk?

Dwar li jingħad "**territorju ta' l-Unjoni"** u mhux "**territorju ta' l-Istati Membri"**, dan juri bl-aktar mod ċar li l-Unjoni Ewropea diġa' hija Stat Federali li jqis it-territorju ta' l-Istati Membri bħala territorju tiegħu, u li kif għedna, din il-Kostituzzjoni sejra tkun l-aħħar, jew wieħed mill-aħħar passi, fit-twaqqif ta' l-Istati Uniti ta' l-Ewropa bħala Stat Federali ta' l-Unjoni Ewropea.

<u>**Il-Makakkerija tal-Mexxejja ta' l-Unjoni**</u>

**4. Stat Membru jista' jafda f'idejn is-sħab soċjali, fuq talba konġunta tagħhom, l-implimentazzjoni tal-liġijiet kwadru Ewropej adottati skond il-paragrafi 2 u 3 jew, fejn xieraq, l-implimentazzjoni ta' regolamenti jew deċiżjonijiet Ewropej adottati skond l-Artikolu III-212.**

**F'dan il-każ, għandu jassigura li, sa mhux iktar tard mid-data li fiha liġi kwadru Ewropea għandha tiġi trasposta, jew li fiha regolament Ewropew jew deċiżjoni Ewropea għandhom jiġu implimentati, is-sħab soċjali jkunu daħħlu d-disposizzjonijiet meħtieġa bi ftehim, u l-Istat Membru konċernat ikun meħtieġ jieħu kull pass meħtieġ li jippermettilu li jkun, fi kwalunkwe żmien, f'posizzjoni li jiggarantixxi r-riżultati imposti b'dik il-liġi kwadru jew b'dak ir-regolament jew b'dik id-deċiżjoni.**

Qabel ma ngħaddu għall-kummenti dwar dan is-subartikolu, "**trasposta**" hija kelma oħra vvintata minn dawk li qalbu għall-ilsien Malti, għaliex bil-Malti ngħidu "**mdaħħla**", jiġifieri fil-każ ta' liġi ta' l-Unjoni Ewropea li tiġi mdaħħla u ssir tagħmel parti mil-liġi Maltija. Bl-istess mod, għall-kelma "**introduċew**" għandna l-kelma Maltija "**daħħlu**".

Li qiegħed jgħid dan is-subartikolu huwa li l-Istati Membri jistgħu jgħaddu l-implimentazzjoni, jiġifieri li jaraw li dak li tkun ordnat l-Unjoni Ewropea jiġi nfurzat, mis-sħab soċjali.

Dan mhux biss huwa jedd ieħor li qiegħed jittieħed mingħand l-Istati Membri għaliex suppost li huwa l-gvern u l-istituzzjonijiet tiegħu li jinfurzaw il-liġijiet, imma jista' jkun li l-gvernijiet ta' l-Istati Membri jkun jaqblilhom li jagħmlu hekk. Ħalli nfissru għaliex.

L-Unjoni Ewropea tagħti l-permess li liġijiet u regolamenti tagħha jiġu nfurzati mill-Istati Membri mhux għaliex qalbha taħraqha biex ma tnaqqsilhomx il-jeddijiet tagħhom, imma biex iċ-ċittadini tagħhom ma jwaħħlux fiha u jduru kontriha minħabba l-konsegwenzi ħżiena tal-liġijiet u regolamenti tagħha, imma jwaħħlu fil-Gvern għaliex huwa jkun jidher li qiegħed jagħmilhom u jinfurzahom.

Bl-istess mod, il-gvernijiet ta' l-Istati Membri jkun jaqblilhom li l-liġijiet u r-regolamenti ta' l-Unjoni Ewropea jinfurzawhom is-sħab soċjali, għaliex b'hekk ikunu qegħdin jidhru huma li qegħdin jinfurzawhom u b'hekk jeħlu huma u mhux il-gvern.

Fi kliem ieħor, waħda tgħaddi l-piżijiet lill-gvernijiet ta' l-Istati Membri li min naħa tagħhom, biex ma jeħlux huma, ikun jaqblilhom li jgħaddu l-infurzar tal-liġijiet u regolamenti ta' l-Unjoni Ewropea lil ħaddieħor, f'dan il-każ lis-sħab soċjali biex jeħlu huma.

Qegħdin tindunaw issa għaliex twaqqaf dak il-Kumitat bejn is-sħab soċjali, jiġifieri l-għaqdiet tal-ħaddiema u ta' min iħaddem u l-Gvern, biex jiddiskutu bejniethom u jieħdu deċiżjonijiet ħalli l-Gvern ikun jista' jgħid li għandu l-qbil ta-sħab soċjali għal dak li jagħmel?

Qegħdin taraw għalfejn qiegħda titqajjem il-kwistjoni tal-pensjonijiet, fost kwistjonijiet oħra, f'dan il-Kumitat, biex il-Gvern ikun jista' jgħid li l-passi li ħa kellhom ukoll il-qbil tas-sħab soċjali?

Dan ifisser li l-Unjoni Ewropea tkun qegħda tilħaq għanijiet differenti, billi l-Istati Membri tkun qegħda twaddbilhom il-piżijiet tal-liġijiet u regolamenti tagħha fuqhom biex jidhru u jeħlu huma, tagħtihom jedd biex iħallu lis-sħab soċjali biex jinfurzawhom biex ma jidhrux koroħ huma, u fl-istess waqt tkun qegħda tnaqqsilhom il-jeddijiet tagħhom li jinfurzaw il-liġijiet bil-qbil tagħhom stess.

Qegħdin taraw kemm kollox isir bi ħsibijiet kbar fl-Unjoni Ewropea u x'makakkerija għandhom il-mexxejja ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea biex jilħqu l-għanijiet tagħhom, anzi aktar minn wieħed f'daqqa jekk jista' jkun, jew kif jgħid il-qawl, "**b'ġebla waħda tolqot żewġ għasafar**"?

Hawnhekk hawn eżempju ċar ukoll biex is-sħab soċjali fl-**MCESD**, jiġifieri l-Kunsill għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali joqgħodu attenti għaliex ikunu qegħdin jidhru huma li qegħdin jaqblu ma' miżuri li l-gvern ikun irid idaħħal fuq ordnijiet moħbija ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea, fosthom l-għoli ta' l-eta' ta' l-irtirar mix-xogħol u l-għoti u l-privatizzazzjoni tal-pensjoni.

Lis-sħab soċjali ngħidulhom joqgħodu attenti għal dak li jaċċettaw jew jagħmlu għaliex jeħlu huma u mhux il-Gvern u l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea bit-tbatijiet li jkollhom ibatu l-ħaddiema minħabba n-nuqqasijiet tal-Gvern u minħabba l-politika ħażina ta' l-Unjoni Ewropea.

## B'Mod Sinjifikattiv

**5. Il-liġijiet u l-liġijiet kwadru Ewropej adottati skond dan l-Artikolu:**

**a) m'għandhomx jolqtu d-dritt ta' l-Istati Membri li jiddefinixxu l-prinċipji fundamentali tas-sistemi tas-sigurta' soċjali tagħhom u m'għandhomx jolqtu b'mod sinifikanti l-ekwilibriju finanzjarju ta' dawn is-sistemi;**

**b) m'għandhomx irażżnu lil kwalunkwe Stat Membru milli jżomm fis-seħħ jew idaħħal miżuri protettivi iktar stretti u kompatibbli mal-Kostituzzjoni.**

Ma l-ewwel daqqa t'għajn taħseb li dan is-subartikolu qiegħed iħalli xi jeddijiet kbar lill-Istati Membri, imma jekk toqgħodu attenti tindunaw li jingħad li l-liġijiet Ewropej imsemmija m'għandhomx jaffettwaw "**b'mod sinjifikattiv**" l-ekwilibriju finanzjarju tagħhom.

Mela b'mod jew ieħor, il-liġijiet Ewropej sejrin jaffettwaw il-bilanċ, għaliex ekwilibriju hekk tfisser, finanzjarju tagħhom.

M'hemmx għalfejn ngħidu li sejrin jaffettwaw il-bilanċ tagħhom b'mod ħażin, għaliex kieku kien jingħad li sejjer jaffettwahom b'mod favorevoli.

Tinsewx li l-iżbilanċ iridu jagħmlu tajjeb għalih il-ħaddiema bit-taxxi tagħhom.

Bl-istess mod, la qiegħed jingħad li l-liġijiet Ewropej imsemmija m'għandhomx jaffettwaw il-jedd li l-Istati Membri jagħmlu "**l-prinċipji fundamentali**", u nnutaw li jingħad "**fundamentali**", tas-sistema ta' sigurta' soċjali tagħhom, b'xi mod sejrin jaffettwawha, għalkemm mhux fil-prinċipji fundamentali.

Aħna nistaqsu. Mela l-Unjoni Ewropea tindaħal fis-sigurta' soċjali?

Mela l-liġijiet ta' l-Unjoni Ewropea jaffettwaw is-sigurta' soċjali ta' l-Istati Membri?

Huwa għalhekk li hemm dak il-ġenn kollu dwar il-pensjonijiet, għaliex il-pensjonijet huma parti mis-sistema tas-servizzi soċjali li jiġu wkoll affettwati mil-liġijiet u regolamenti ta' l-Unjoni Ewropea kif ukoll bil-moviment ħieles tal-ħaddiema li jiġu jaħdmu hawnhekk.

Tinsewx li l-Unjoni Ewropea trid li kollox jiġi privatizzat, inklużi l-pensjonijiet, u ma jimpurtahiex li l-privat jista' jfalli kif ġara kemm-il darba u l-ħaddiema mhux biss jitilfu l-pensjoni li jkunu ilhom għomorhom u żmienhom iħallsu għaliha, imma jitilfu anki dak kollu li jkunu ħallsu.

Dak huwa li tfisser li tkun Stat Membru fl-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea.

Sejrin nibqgħu taħt dan il-madmad kolonjali tal-barrani arroganti ta' l-Unjoni Ewropea?

Sejrin nibqgħu naċċettaw dawn il-ħniżrijiet u ordnijiet tal-barrani?

Ejja ningħaqdu, nibgħatu lill-barrani ta' l-Unjoni Ewropea jixxejjer, u nerġgħu nieħdu **l-Indipendenza, il-Ħelsien, is-Sovranita'** u jeddijietna f'idejna kif għandna kull jedd u setgħa li nagħmlu u ma nibqgħux aktar ikkmandati mill-barrani f'artna stess.

**<u>L-Unjoni ma Jimpurtahiex mill-Ħaddiema</u>**

**6. Dan l-Artikolu m'għandux japplika għar-remunerazzjoni, għad-dritt ta' assoċjazzjoni, għad-dritt ta' strike jew għad-dritt għal lock-out.**

Anki dan is-subartikolu juri l-qerq ta' l-Unjoni Ewropea u kemm ma jimpurtahiex mill-ħaddiema u tridhom biss biex il-kapitalisti kbar tagħha jkunu jistgħu jerdgħu sa l-aħħar qatra demm tal-ħaddiema.

Dan għaliex waqt li l-Unjoni Ewropea trid u tordna li kull liġi u regolament tagħha jkunu kollha jorbtu f'kull Stat Membru tagħha, innutaw li l-ewwel ma jingħad li dan l-Artiklu ma japplikaw għar-remunerazzjoni, jiġifieri għall-pagi.

Fi kliem ieħor, il-liġijiet kollha ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea jkunu kollha l-istess fl-Istati Membri kollha, imma l-liġijiet dwar il-pagi tal-ħaddiema le.

Mela għad-dħul u l-infurzar tal-liġijiet u regolamenti tagħha, fosthom it-taxxi, kulħadd l-istess fl-Istati Membri kollha, imma għall-pagi le.

Qegħdin taraw kif l-Unjoni Ewropea hija għaqda ta' pajjiżi imperjalisti u kolonjalisti li flimkien mal-kapitalisti kbar tagħhom iridu jkomplu jaħkmu anki fuq il-ħaddiema ta' l-istess Stati Membri u jerdulhom demmhom sa' l-aħħar qatra?

Il-kumplament huwa dwar il-jedd li tissieħeb f'għaqda u l-jeddijiet ta' strike u li l-ħaddiema jingħalqu barra mix-xogħol. Dawn tħallew barra u ma jaqgħux taħt dan l-Artikolu apposta biex tħalla post minn fejn il-kapitalisti jkunu jistgħu jagħfsu fuq kull Stat Membru individwali biex inaqqsu kemm jistgħu l-jeddijiet u l-pagi tal-ħaddiema.

Qegħdin taraw kemm taħraqha qalba għall-ħaddiema l-Unjoni Ewropea?

## ARTIKOLU III-211

**1. Il-Kummissjoni għandha tippromwovi l-konsultazzjoni mas-sħab soċjali fuq il-livell ta' l-Unjoni u għandha tadotta kull miżura rilevanti biex tiffaċilita d-djalogu tagħhom billi tassigura sostenn ekwilibrat tal-partijiet.**

**2. Għall-għanijiet tal-paragrafu 1, qabel ma tissottometti proposti fil-qasam tal-politika soċjali, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mas-sħab soċjali dwar id-direzzjoni possibbli ta' l-azzjoni ta' l-Unjoni.**

**3. Jekk, wara l-konsultazzjoni previsti fil-paragrafu 2, il-Kummissjoni tikkunsidra li hija mixtieqa azzjoni mill-Unjoni, għandha tikkonsulta mas-sħab soċjali dwar il-kontenut tal-proposta maħsuba. Is-sħab soċjali għandhom jgħaddu lill-Kummissjoni opinjoni jew, meta jkun il-każ, rakkomandazzjoni.**

**4. Meta jsiru l-konsultazzjonijiet previsti fil-paragrafi 2 u 3, is-sħab socċali jistgħu jinfurmaw lill-Kummissjoni bix-xewqa tagħhom li jibdew il-proċess previst fl-Artikolu III-212. It-tul taż-żmien ta' dan il-proċess m'għandux jaqbeż id-disa' xhur, sakemm is-sħab soċjali konċernati u l-Kummissjoni ma jiddeċiedux flimkien li jtawwluh.**

**<u>Aktar Indħil mill-Unjoni</u>**

Artikolu ieħor biex bl-iskuża biex tiffaċilita d-djalogu tas-sħab soċjali, l-Unjoni Ewropea tkun tista' tieħu dawk il-miżuri, u wara li tikkonsultahom biex tkun tidher li huma rieduha tagħmel hekk, tkun tista' tkompli tifrex is-swaba tal-qarnita tagħha fil-qasam soċjali billi tadotta kull miżuri li jkun jidrilha meħtieġa.

Dan ifisser ukoll li minħabba li f'ċerti Stati Membri l-industrijalisti u l-kapitalisti għandhom saħħa kbira, bl-opinjoni tagħhom sejrin ikomplu jinfluwenzaw il-pożizzjoni li tieħu l-Unjoni Ewropea aktar favur il-jeddijiet tagħhom u kontra l-jeddijiet tal-ħaddiema.

Innutaw dak li dejjem għedna, li wara l-konsultazzjoni, opinjoni u rakkomandazzjoni tiġi l-azzjoni mill-Unjoni, kemm jekk tkun permezz ta' xi regolament u kemm jekk tkun permezz ta' liġi Ewropea.

Hawnhekk infakkru kif bl-iskuża li ma ssirx diskriminazzjoni kontra n-nisa, ġie deċiż li liġijiet ta' Stati Membri li ma kienux iħallu li n-nisa jaħdmu bil-lejl kienu jagħmlu diskriminazzjoni u n-nisa kellhom jitħallew jaħdmu ħalli l-kapitalisti u l-industrijalisti Ewropej ikunu jistgħu jkomplu jisfruttawhom aktar.

Qegħdin taraw kif dejjem, f'kollox u kullimkien l-Unjoni Ewropea tara kif tindaħal biex waqt li tinqeda b'ħaddieħor bl-iskuża tal-konsultazzjoni timponi dak li jkunu jridu l-mexxejja federalisti, l-industrijalisti u l-kapitalisti tagħha?

## ARTIKOLU III-212

**1. Jekk is-sħab soċjali jkunu jixtiequ, id-djalogu bejniethom fuq livell ta' l-Unjoni jista' jwassal għal relazzjonijiet kontrattwali, inklużi ftehim.**

**2. Ftehim konkluż fuq livell ta' l-Unjoni għandu jiġi implimentat jew skond il-proċeduri u l-prattiċi speċifiċi għas-sħab soċjali u l-Istati Membri jew, fi kwistjonijiet koperti bl-Artikolu III-210, fuq it-talba konġunta tal-partijiet firmatarji, b'regolamenti jew deċiżjonijiet Ewropej adottati mill-Kunsill fuq proposta mill-Kummissjoni. Il-Parlament Ewropew għandu jiġi infurmat.**

**Meta l-ftehim in kwistjoni jkun fih disposizzjoni waħda jew iktar li għandhom x'jaqsmu ma' wieħed mill-oqsma li għalihom hi meħtieġa unanimita' skond l-Artikolu III-210(3), il-Kunsill għandu jaġixxi b'mod unanimu.**

**<u>Aktar Setgħat għall-Unjoni</u>**

Għandna raġun meta ngħidu li pass wara pass wara pass l-Unjoni Ewropea dejjem tipprova tilħaq l-għanjiet tagħha bħal ma dejjem tieħu jeddijiet u setgħat oħra?

L-ewwel tibda bil-konsultazzjoni, imbagħad bir-rakkomandazzjonijiet, u fl-aħħar mill-aħħar tasal biex tagħmel regolamenti u liġijiet f'kull qasam.

Innutaw li issa qiegħed jingħad li jekk is-sħab soċjali jkunu jixtiequ, id-djalogu bejniethom fuq livell ta' l-Unjoni jista' jwassal għal relazzjonijiet kuntrattwali, inklużi ftehim kif jingħad fl-ewwel subartiklu.

Innutaw ukoll li ftehim bħal dan jista' jiġi mplimentat skond il-proċeduri u prattiċi speċifiċi **<u>għas-sħab soċjali u l-Istati Membri</u>**, imma ma jingħadx li dawn il-proċeduri u prattiċi huma ta' l-Istati Membri għaliex huma li nsibu f'din il-Kostituzzjoni.

Barra minn hekk, dan il-ftehim jista' jiġi mplimentat billi, "**fuq it-talba konġunta tal-partijiet firmatarji, b'regolamenti jew deċiżjonijiet Ewropej adottati mill-Kunsill fuq proposta mill-Kummissjoni.**"

Qegħdin taraw kif b'mod jew ieħor l-Unjoni Ewropea tipprova tasal għal dak li tkun trid billi, f'dan il-każ, issir talba flimkien mill-partijiet, biex tagħmel regolamenti u deċiżjonijiet Ewropej fuq dak il-ftehim biex kollox ikun fuq livell Ewropew?

Jista' xi ħadd jibqalu xi dubju li l-Unjoni Ewropea ma jirnexxilhiex b'mod jew ieħor tikkonvinċi lis-sħab soċjali, speċjalment waqt laqgħat ġewwa Brussell, li jinħtieġ li jagħmlu ftehim u relazzjonijiet kuntrattwali tagħhom b'mod biex tmexxi l-politika tagħha, jew li anki jagħmlu ftehim kuntrattwali magħha u b'hekk tkompli tindaħal f'affarijiet li qabel ma kinitx tindaħal fihom?

Innutaw li jingħad ukoll li "**l-Parlament Ewropew għandu jiġu nfurmat**". Daqshekk huwa stmat il-Parlament Ewropew li tant hemm min jiftaħar bih u kemm għandu saħħa. Sempliċiment jiġi nfurmat bid-deċiżjoni u daqshekk. Dik saħħa!

Dan huwa l-qerq tal-mexxejja federalisti ta' l-Unjoni Ewropea ħalli kollox isir fuq livell federali Ewropew mill-Unjoni Ewropea biex l-Istati Membri jinqalgħu 'l barra anki minn kif jirregolaw ftehim bejn is-sħab soċjali fit-territorju nazzjonali li suppost huwa tagħhom.

## ARTIKOLU III-213

**Bl-iskop li jintlaħqu l-miri ta' l-Artikolu III-209 u mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet l-oħra tal-Kostituzzjoni, il-Kummissjoni għandha tinkoraġġixxi koperazzjoni bejn l-Istati Membri u tiffaċilita l-kordinazzjoni ta' l-azzjoni tagħhom fl-oqsma kollha ta' politika soċjali taħt din is-Sezzjoni, partikolarment fi kwistjonijiet dwar:**

**a) l-impjiegi;**

**b) il-liġi tax-xogħol u l-kondizzjonijiet tax-xogħol;**

**ċ) il-formazzjoni u l-perfezzjonament professjonali;**

**d) is-sigurta' soċjali;**

**e) il-prevenzjoni ta' inċidenti u mard assoċjati max-xogħol;**

**f) l-indafa fuq il-post tax-xogħol;**

**g) id-dritt ta' assoċjazzjoni u negozjar kollettiv bejn min iħaddem u l-ħaddiema.**

**Għal dan il-għan, il-Kummissjoni għandha taġixxi f'kuntatt mill-qrib ma' l-Istati Membri billi tagħmel studji, tagħti opinjonijiet, u torganizza konsultazzjonijiet kemm f'dak li jirrigwarda l-problemi li jinħolqu fuq livell nazzjonali u kemm dawk li jikkonċernaw organizzazzjonijiet internazzjonali, b'mod partikolari inizjattivi li jimmiraw lejn l-istabbiliment ta' linji gwida u indikaturi, l-organizzazzjoni ta' skambju ta' l-aħjar prattika, u t-tħejjija ta' l-elementi meħtieġa għall-kontroll u l-valutazzjoni perjodiċi. Il-Parlament Ewropew għandu jinżamm kompletament infurmat.**

**Qabel ma tagħti l-opinjonijiet previsti f'dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali.**

## Aktar Indħil mill-Unjoni

Innutaw kif l-Unjoni Ewropea dejjem tlesti biex tkun tista' tindaħal fl-oqsma kollha, u fl-oqsma msemmija fil-każ ta' dan l-Artikolu. L-ewwel tibda billi tinkoraġġixxi l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri, imbagħad tiffaċilita l-koordinazzjoni tagħha fl-oqsma kollha tas-servizzi soċjali.

Wara dawn, ikun imiss li tagħmel studji, tagħti opinjonijiet, torganizza konsultazzjonijiet dwar problemi nazzjonali u f'organizzazzjonijiet internazzjonali, imbagħad twaqqaf "**linji ta' gwida**", imbagħad tgħasses fuq l-Istati Membri biex tara li jkunu qegħdin jimxu fuq il-linji gwida, u tkompli dejjem iżżid l-indħil tagħha wkoll għax normalment il-linji gwida jkun fihom setgħat biex l-Unjoni Ewropea permezz tal-Kummissjoni tkun tista'tagħmel Regolamenti biex jintlaħqu l-għanijiet tagħha.

Qegħdin taraw kif dak li dejjem għednilkom li kull ma tagħmel l-Unjoni Ewropea huwa biex dejjem iżżid l-indħil tagħha bil-moħbi u b'mod li jekk tqum xi kwistjoni tkun tista dejjem tgħid li dak huwa skond ma ingħatalha l-jedd li tagħmel, għalkemm jista' jkun li ma kienx ċar biżżejjed?

Huwa għalhekk li dejjem ngħidulkom biex tiflu sewwa dak li jkun qiegħed jingħad jew ma jingħadx u xi jkun hemm miktub sewwa, kemm fil-linji u kemm bejniethom, biex tkunu tafu tassew dak li jridu jaslu għalih il-mexxejja federalisti ta' l-Unjoni Ewropea.

L-istess kummenti dwar il-Parlament Ewropew nagħmluhom ukoll għal dan l-Artikolu.

Fuq kollox, għalfejn għandna tkun l-Unjoni Ewropea li tindaħal u tordna permezz tal-liġijiet tagħha xi jsir fl-oqsma msemmija meta suppost għandhom ikunu l-għanijiet at' kull Gvern, irrispettivament jekk ikunx Stat Membru jew le?

## Periklu għall-Ħaddiema Maltin u Għawdxin

Hawnhekk nagħmlu wkoll referenza għal dak li diġa' għedna dwar kif minkejja li hemm Stati Membri li ilhom mill-bidu nett membri ta' l-Unjoni Ewropea għad għandhom differenzi fl-oqsma msemmija.

Fi kliem ieħor, il-ħaddiema tagħhom m'humiex stmati ta' ħaddiema imma ta' lsiera ta' min iħaddimhom.

Din hija raġuni oħra għalfejn qegħdin naraw numru kbir ta' ħaddiema barranin f'Malta, għaliex għandna pagi u kundizzjonijiet aħjar minn dawk li għandhom f'pajjiżhom, grazzi għall-ħidma ta' dawk li mexxew u anki ta' dawk li ġew qabilna li mexxew lill-ħaddiema biex itejjbu l-pagi u l-kundizzjoijiet tax-xogħol tagħhom li issa qegħdin naraw jittieklu u jinġiebu fix-xejn minħabba l-ordnijiet tal-barrani arroganti u kolonjalista ta' Brussell.

Dan barra li l-ħaddiema barranin qegħdin jieħdu xogħol u ħobż il-ħaddiema Maltin u Għawdxin u l-familji tagħhom.

Tridu li nibqgħu f'dan il-jasar li daħħluna fih il-**ĠUDIET** u li jridu jżommuna fih il-**QUISLINGS** li lesti jmexxu skond l-ordnijiet tal-mexxejja arroganti ta' l-Unjoni Ewropea?

**ARTIKOLU III-214**

**1. Kull Stat Membru għandu jassigura li jkun applikat il-prinċipju ta' paga ugwali għal ħaddiema nisa u irgiel għal xogħol ugwali jew xogħol ta' valur ugwali.**

**2. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, "paga" tfisser il-paga jew is-salarju ordinarju bażiku jew minimu u kull remunerazzjoni oħra, <u>kemm jekk fi flus jew in-natura</u>, li l-ħaddiem jirċievi direttament jew indirettament, fir-rigward ta' l-impjieg tiegħu, mingħand min jimpjegah.**

**Paga ugwali mingħajr diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess tfisser:**

**a) li dik il-paga għall-istess xogħol bl-imqietgħa għandha tiġi kkalkolata fuq bażi ta' l-istess unita' ta' kejl;**

**b) li l-paga għal xogħol imħallas bis-siegħa għandha tkun l-istess għall-istess impjieg.**

**<u>Theddida Kbira għall-Pagi</u>**

Waqt li ma nnaqsu xejn mill-prinċipju li m'għandhiex issir diskriminazzjoni u li kulħadd għandu jingħata l-istess paga, kundizzjonijiet tax-xogħol u jeddijiet, u m'għandhiex issir diskriminazzjoni bejn nisa u rġiel, ma kienx hemm ħtieġa li tiġi l-Unjoni Ewropea tgħidilna biex nagħmlu hekk, għaliex in-nisa Maltin u Għawdxin ilhom snin twal igawdu dawn il-jeddijiet permezz tal-Gvern tal-ħaddiema.

**Tajjeb li niġbdu l-attenzjoni li fis-subartiklu 2, il-kelma "in kind" it-tradutturi qalbuha "in-natura"**, li m'għandha x'taqsam xejn. Fl-ilsien Malti aktar kien joqgħod il-kliem "**xort'oħra**", jiġifieri li minflok fi flus iħallsu billi jagħtih, bħala eżempju, affarijiet.

Dan ma jistax isir skond il-liġi Maltija, għaliex il-paga trid titħallas fi flus li jkunu valuta legali f'Malta u bl-ebda mod ieħor, barra minn ċekk fuq bank f'Malta jew dik magħrufa bħala postal order jekk ikun meħtieġ u aċċettat mill-impjegat.

Għaldaqstant, jekk tgħaddi l-Kostituzzjoni ta' l-Unjoni Ewropea, minħabba li din tkun fuq u aqwa mil-liġijiet Maltin, **<u>il-ħaddiema Maltin jista' jkun hemm min jibda jħallashom mhux fi flus</u>**, jew fi flus biss, għaliex dan ikun jista' jagħmlu skond il-Kostituzzjoni ta' l-Unjoni Ewropea. Araw is-subartikolu 2 aktar 'il fuq u tindunaw.

Qed taraw kemm jistmawhom lill-ħaddiema il-mexxejja ta' qalb ħadra u xierfa u mingħajr kuxjenza ta' l-Unjoni Ewropea li jridu li l-ħaddiema jkunu jistgħu jingħataw affarijiet minflok ma jitħallsu l-pagi li għandhom jedd għaliha?

Tridu li naslu f'din is-sitwazzjoni? Jekk le, mhux biss tridu tagħmlu pressjoni kbira fuq il-Membri Parlamentari biex ma japprovawx il-Kostituzzjoni ta' l-Unjoni Ewropea, imma nfittxu nitilqu minn taħt il-ħakma tal-barrani ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea l-lejla qabel għada kif għandna kull jedd u setgħa li nagħmlu.

**Aktar Liġijiet ta' l-Unjoni**

**3. Il-liġi jew il-liġi kwadru Ewropea għandha tistabbilixxi miżuri sabiex jassiguraw l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' opportunitajiet ugwali u trattament ugwali tan-nisa u l-irġiel fi kwistjonijiet ta' impjieg u xogħol, inkluż il-prinċipju ta' paga ugwali għal xogħol ugwali jew xogħol ta' valur ugwali. Għandha tiġi adottata wara konsultazzjoni mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali.**

L-istess kummenti li għamilna għas-subartikolu ta' qabel nagħmluhom ukoll għal dan is-subartikolu. Madankollu, niġbdulkom l-attenzjoni li issa m'għadhomx l-Istati Membri li jagħmlu l-liġijiet tagħhom dwar dawn l-affarijiet, imma l-Unjoni Ewropea permezz ta' liġijiet Ewropej.

Qegħdin taraw kif l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea jindaħal f'kollox u f'kull qasam li lanqas taħseb li tista' jew għandha tindaħal?

Qegħdin taraw kif dawk il-jeddijiet u setgħat li normalment għandhom **Stati Indipendenti, Ħielsa u Sovrani** dejjem qiegħda teħodhom jew aħjar tisraqhom baxx baxx l-Unjoni Ewropea?

**Vantaġġi għan-Nisa**

**4. Bl-għan li tiġi assigurata ugwaljanza sħiħa fil-prattika bejn nisa u irġiel fil-ħajja tax-xogħol, il-prinċipju ta' trattament ugwali m'għandux jipprevjeni lil xi Stat Membru milli jżomm fis-seħħ jew jadotta miżuri li jipprovdu għal vantaġġi speċifiċi sabiex tkun iktar faċli għas-sess l-inqas irrappreżentat li jwettaq attivita' professjonali, jew li jipprevjeni jew li jikkumpensa għal zvantaġġi f'karrieri professjonali.**

Fi kliem ieħor, Stat Membru jista' jagħmel liġijiet u jieħu miżuri oħra biex jara li ma jkunx hemm diskriminazzjoni u jagħti vantaġġi, bħal ma għamel il-Partit tal-Ħaddiema hawn Malta meta rriserva numru ta' postijiet għan-nisa, u ma kienx hemm ħtieġa li tiġi tgħidilna l-Unjoni Ewropea x'għandna nagħmlu.

Imma dan ifisser ukoll li minkejja li l-Unjoni Ewropea tiftaħar li hija fuq quddiem, hemm Stati Membri li għadhom jiddiskriminaw man-nisa billi jagħtuhom paga anqas mill-irġiel u anki anqas jeddijiet.

Kieku ma kienx hekk ma kienx ikun hemm għalfejn l-Unjoni Ewropea tagħmel dawn l-affarijiet, mhux hekk?

## ARTIKOLU III-215

**Stati Membri għandhom jippruvaw iżommu fis-seħħ l-ekwivalenza eżistenti bejn skemi ta' btajjel imħallsa.**

**Attakk fuq il-Btajjel Imħallsa**

Qegħdin taraw kemm l-Unjoni Ewropea għandha għal qalbha l-ħaddiema?

Trid li jekk jista' jkun l-Istati Membri li l-ħaddiema tagħhom għandhom inqas btajjel imħallsa mill-ħaddiema ta' Stati Membri oħra ma jżidux il-btajjel mħallsa tal-ħaddiema biex iġibuhom aħjar bħall-oħrajn, għaliex inkella l-kapitalisti tagħha ma jkomplux jerdgħu demm il-ħaddiem sa l-aħħar qatra u jkollhom joħorġu aktar flus biex il-ħaddiema jistrieħu mit-tbatija ta' kuljum tagħhom.

Dan ifisser ukoll li jista' jkun li jibda attakk sħiħ fuq il-vaganzi tal-ħaddiema biex jibdew jitnaqqsu fl-Istati Membri kollha bl-iskuża tal-kompetittivita' ta' l-Unjoni li kif rajna aktar qabel irid jittieħed kont tagħha fil-qasam tal-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema u fis-servizzi soċjali.

Daqshekk taħraqhom qalbhom ħdara u xierfa u mingħajr kuxjenza l-mexxejja federalisti u kapitalisti ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea.

Għaldaqstant, xejn ma niskantaw li anki f'Malta naraw attakk sħiħ fuq il-kundizzjonijiet tal-ħaddiema kollha, kif ukoll attakki fuq in-nofs ta' nhari tal-ħaddiema tal-Gvern minflok ma jsiru provvedimenti biex anki l-ħaddiema tal-privat igawdu min-nofs ta' nhari.

## ARTIKOLU III-216

**Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport kull sena dwar il-progress fil-kisba tal-miri ta' l-Artikolu III-209, inkluża s-sitwazzjoni demografika fl-Unjoni. Għandha tgħaddi r-rapport lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali.**

**Rapport Ieħor Kull Sena fuq l-Istati Membri**

Rapport li jfisser li l-Unjoni Ewropea tibqa' tgħasses fuq l-Istati Membri, waqt li l-Istati Membri jkollhom jagħtu l-informazzjoni kollha mitluba minnhom biex l-Unjoni Ewopea tkun tista' tagħmel ir-rapport tagħha, inkluża ukoll fuq kif tkun il-popolazzjoni fl-Unjoni Ewropea, għaliex dak li tfisser sitwazzjoni demografika.

L-Artiklu III-209 huwa dwar il-politika soċjali ta' l-Unjoni Ewropea u kif il-liġijiet ta' l-Istati Membri jridu jitqarrbu lejn xulxin b'mod li għalkemm jista' jkun hemm differenza fil-kliem, ma jkunx hemm differenza fl-effett tagħhom.

Innutaw li ma jingħadx kif tkun is-sitwazzjoni demografika "**fl-Istati Membri**" ta' l-Unjoni Ewropea, imma "**fl-Unjoni"**. Jista' jibqa' l-iċken dubju li t-territorju ta' l-Istati

Membri spiċċa u huwa meqjus bħala territorju ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea?

Barra minn hekk, innutaw li dan ifisser li jekk il-mexxejja federalisti ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea jkun jidrilhom li m'hemmx moviment biżżejjed ta' nies bejn l-Istati Membri biex b'hekk ikomplu jfarrku lill-ħaddiema, ikunu jistgħu jaraw x'jagħmlu biex ibiddlu s-sitwazzjoni demografika billi jħajjru l-moviment tal-ħaddiema.

Qegħdin taraw kif dejjem tridu toqgħodu attenti għal dak li tgħid jew ma tgħidx l-Unjoni Ewropea f'kull ma jingħad jew ma jingħadx u jinkiteb jew ma jinkitibx?

## ARTIKOLU III-217

**Il-Kunsill għandu, b'maġġoranza sempliċi, jadotta deċiżjoni Ewropea li tistabbilixxi Kumitat ta' Protezzjoni Soċjali bi status konsultattiv biex jippromwovi koperazzjoni dwar politika ta' protezzjoni soċjali bejn l-Istati Membri u mal-Kummissjoni. Il-Kunsill għandu jaġixxi wara li jikkonsulta l-Parlament Ewropew.**

**<u>Jinħoloq Kumitat Ieħor b'Maġġoranza Sempliċi</u>**

Qegħdin taraw kif **il-jedd tal-veto dejjem qiegħed jispiċċa fix-xejn**? Mhux biss l-Unjoni Ewropea u l-istituzzjonijiet tagħha, f'dan il-każ il-Kunsill tal-Ministri, jagħmlu liġi, regolament jew, f'dan il-każ, deċiżjoni b'maġġoranza kwalifikata, imma fil-każ ta' dan l-Artikolu jagħmlu dan b'maġġoranza sempliċi.

Innutaw ukoll kif dan l-Artikolu qiegħed ikompli joħloq kumitat ieħor ħalli tal-qalba jkollhom fejn jixxalaw minn fuq it-taxxi mħallsa miċ-ċittadini ta' l-Istati Membri. Dan il-kumitat għandu jkollu l-kompitu msemmi fis-subartiklu li jmiss, li jgħid li,

**<u>Il-Kumitat Jgħasses u Jikkontrolla l-Istati Membri</u>**

**Ix-xogħol tal-Kumitat għandu jkun:**

**a) li jikkontrolla s-sitwazzjoni fil-qasam soċjali u ta' l-iżvilupp ta' politika ta' protezzjoni soċjali fl-Istati Membri u fl-Unjoni;**

**b) li jippromwovi skambju ta' informazzjoni, esperjenzi u prattika tajba bejn l-Istati Membri u mal-Kummissjoni;**

**ċ) mingħajr preġudizzju għall-Artikolu III-344, li jipprepara rapporti, jifformula opinjonijiet jew jagħmel xogħol ieħor fl-oqsma ta' setgħat tiegħu, fuq it-talba tal-Kunsill jew tal-Kummissjoni jew fuq l-inizjattiva proprja tiegħu.**

**Fit-twettiq tal-mandat tiegħu, il-Kumitat għandu jistabbilixxi kuntatti xierqa mas-sħab soċjali.**

**Kull Stat Membru u l-Kummissjoni għandhom jaħtru żewġ membri tal-Kumitat.**

Kumitat ieħor li sejjer ikun qiegħed jgħasses fuq l-Istati Membri u jagħmel dak kollu li qiegħed jingħata jedd li jagħmel skond dan l-Artikolu.

Mhux biss, imma nnutaw li issa dan il-Kumitat qiegħed jingħata l-jedd u s-setgħa "**a) li jikkontrolla s-sitwazzjoni fil-qasam soċjali u ta' l-iżvilupp ta' politika ta' protezzjoni soċjali fl-Istati Membri u fl-Unjoni"**

Qegħdin taraw kif anki fil-qasam tal-politika soċjali u l-protezzjoni soċjali l-Istati Membri sejrin ikunu mgħassa u ordnati x'għandhom jagħmlu minn kumitat ieħor ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea u mhux dak li jkun jaqbel lilhom u liċ-ċittadini tagħhom?

Kumitat ieħor li jordna u jikkontrolla lill-Istati Membri u liċ-ċittadini tagħhom fil-qasam soċjali u l-iżvilupp ta' politika soċjali ta' protezzjoni soċjali li ma huwa mtella mill-ebda vot taċ-ċittadini ta' l-Istati Membri imma impost fuqhom mill-mexxejja federalisti ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea.

Stati Membri, li kif jgħidu l-mixtrija tal-barrani suppost saħħu u kabbru s-sovranita' tagħhom, imma li sempliċi kumitat barrani jkun qiegħed jgħassilhom u jordnalhom x'għandhom jagħmlu.

Għad hawn min għandu moħħu fuq għonqu u f'sensih u jemmen dawn l-ereżijiet li ssaħħaħ u tkabbar is-sovranita' jekk inti taqsamha ma ħaddieħor?

Tinsewx ukoll li aktar ma jsiru kumitati aktar iċ-ċittadini ta' l-Istati Membri jkollhom iħallsu taxxi biex jagħmlu tajjeb għas-salarji fenominali ta' dawk tal-qalba li jemmnu b'ruħom u ġisimhom fl-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea u li jinħatru fihom.

## ARTIKOLU III-218

**Il-Kummissjoni għandha tinkludi kapitolu separat dwar żviluppi soċjali fl-Unjoni fir-rapport annwali tagħha lill-Parlament Ewropew.**

**Il-Parlament Ewropew jista' jistieden lill-Kummissjoni biex tfassal rapporti dwar xi problemi partikolari li jikkonċernaw il-kondizzjonijiet soċjali.**

Rapporti kontra rapporti u spjunaġġ fuq kull settur biex il-burokratiċi ta' Brussell imħallsa tajjeb mit-taxxi miġbura minn fuq iċ-ċittadini ta' l-Istati Membri jiġġustifikaw il-ħlasijiet enormi tagħhom.

Mhux ta' b'xejn li l-Unjoni Ewropea tissejjaħ bħala fabbrika tal-karti li qiegħda tkompli teqred l-ambjent minħabba l-qtugħ tas-sigar għall-karti.

Barra minn hekk, innutaw li kif għedna ħafna drabi oħra, l-Unjoni tqis it-territorju ta' l-Istati Membri bħala territorju tagħha għaliex jingħad li "**Il-Kummissjoni għandha**

**tinkludi kapitolu separat dwar żviluppi soċjali fl-Unjoni fir-rapport annwali tagħha lill-Parlament Ewropew."**

Kieku ma kienx hekk kien jingħad li r-rapport ikun dwar l-iżvilupp soċjali fl-Istati Membri u mhux dwar l-iżviluppi soċjali fl-Unjoni.

**ARTIKOLU III-219**

**1. Sabiex jittejbu l-opportunitajiet ta' impjieg għall-ħaddiema fis-suq intern u sabiex b'hekk ikun hemm kontribut biex jogħla l-livell ta' l-għajxien, qiegħed għalhekk jiġi hawn stabbilit Fond Soċjali Ewropew; huwa għandu l-għan li jħaffef l-impjieg tal-ħaddiema u li jżid il-mobbilta' ġeografika u professjonali tagħhom fi ħdan il-Komunita' u li jiffaċilita l-adattament tagħhom għal tibdiliet industrijali u tibdiliet fis-sistemi ta' produzzjoni, b'mod partikolari permezz ta' taħriġ vokazzjonali u taħriġ mill-ġdid.**

**<u>Fond Soċjali Ewropew</u>**

Fond Soċjali li jkompli jżid l-ispejjeż, kemm għall-fondi biex jintużaw għall-għanijiet tiegħu kif ukoll biex jiġi mmexxi, mingħajr l-iċken dubju minn taxxi miġbura minn fuq iċ-ċittadini ta' l-Istati Membri.

Dan kollu biex il-ħaddiema jkunu jistgħu aktar imorru joqgħodu u jaħdmu f'liema Stat Membru jridu biex ikomplu jfarrku l-pagi u l-kundizzjonijiet tax-xogħol li l-ħaddiema ta' dak l-Istat Membru jkunu kisbu bi ġlied u tbatijiet kbar, ħalli l-kapitalisti u l-industrijalisti ta' l-Unjoni Ewropea jkollhom minn fejn jgħażlu u jitfgħu 'l barra lil kull min jipprova jiġġieled għal jeddijietu.

Dan ma jgħoddx biss għall-ħaddiema komuni, imma nnutaw ukoll li jingħad li dan il-fond mhux biss għandu jħaffef l-impjieg tagħhom, imma wkoll li jżid il-mobilita' geografika u "**<u>professjonali</u>**" tagħhom.

Fi kliem ieħor, anki l-professjonisti fil-professjonijiet kollha għandhom xogħolhom, ħobżhom u ħobż il-familji tagħhom mhedded bħall-ħaddiema l-oħra kollha bis-sħubija fl-Unjoni Ewropea.

Innutaw ukoll li anki hawn ma jingħadx li l-ħaddiema jmorru minn Stat Membru għal Stat Membru ieħor, imma li tiżdied il-mobilita ġeografika u professjonali tagħhom fi ħdan **<u>il-Komunita'</u>**.

Spiċċaw jew le l-Istati Membri u t-territorju tagħhom meta lanqas jissemmew imma tissemma biss "**il-Komunita**" jew **"l-Unjoni**"?

**<u>Fond Amministrat mill-Kummissjoni</u>**

**2. Il-Kummissjoni għandha tamministra l-Fond. Għandha tkun mgħejjuna f'dan il-kompitu minn Kumitat presedut minn Membru tal-Kummissjoni u kompost minn rappreżentanti ta' Stati Membri, ta' organizzazzjonijiet sindakali u ta' organizzazzjonijiet ta' min iħaddem.**

Qegħdin taraw min sejjer jamministra l-Fond Soċjali?

Il-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea li l-kontijiet tagħha ilhom snin ma jiġu approvati mill-Qorti ta' l-Awdituri minħabba n-nuqqas ta' riċevuti u mijiet ta' miljuni li jisparixxu mingħajr ħadd ma jkun jaf x'sar minnhom u li Kummissjoni minnhom kellha tirriżenja minħabba akkużi ta' korruzzjoni u nepotiżmu.

Tista' tafda nies bħal dawn?

Li l-Kummissjoni tkun mgħejuna min-nies imsemmija ma jfisser xejn, għaliex kif kien intqal, kull persuna għandha l-prezz tagħha.

**<u>Aktar Ħlasijiet mill-Ħaddiema</u>**

**3. Il-liġi Ewropea għandha tistabbilixxi l-miżuri ta' implimentazzjoni li għandhom x'jaqsmu mal-Fond. Din għandha tiġi adottata wara konsultazzjoni mal-Kumitat tar-Reġjuni u tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali.**

Qegħdin taraw kif jekk jista' jkun kollox isir b'liġijiet Ewropej u kollox jitfassal mill-istituzzjonijiet ta' l-unjoni Ewropea?

X'tistennew jekk anki l-istess Fond Soċjali huwa Ewropew u mmexxi mill-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea?

Issa stennew li wara dawn l-affarijiet jibdew isiru liġijiet u regolamenti biex il-ħaddiema jibdew jikkontribwixxu parti mid-dħul tagħhom ħalli jkun hemm dan il-fond Soċjali Ewropew.

Fi kliem ieħor, barra l-bolla balla, it-taxxi kollha inkluża t-taxxa immorali u inġusta tal-Vat, jibdew iħallsu wkoll sehemhom għal dan il-Fond Soċjali Ewropew.

Jekk mhux hekk isiru taxxi ġodda biex jiffinanzjaw dan il-fond li xorta waħda jkunu qegħdin joħorġuhom il-ħaddiema.

Stennew u taraw kif aktar 'il quddiem hekk jiġri.

**SEZZJONI 3**

**KOEŻJONI EKONOMIKA, SOĊJALI U TERRITORJALI**

**ARTIKOLU III-220**

**Sabiex tippromwovi l-iżvilupp ġenerali armonjuż tagħha, l-Unjoni għandha tiżviluppa u twettaq l-azzjoni tagħha li twassal għat-tisħiħ tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali tagħha.**

**B'mod partikolari, l-Unjoni għandha timmira biex tnaqqas id-differenzi bejn il-livelli ta' żvilupp tad-diversi reġjuni u n-nuqqas ta' progress tar-reġjuni l-inqas vantaġġati.**

**Fost ir-reġjuni konċernati, għandha tingħata attenzjoni partikolari lil żoni rurali, lil żoni milquta minn transizzjoni industrijali, u lil reġjuni li jbatu minn żvantaggi naturali jew demografiċi gravi u permanenti bħal per eżempju reġjuni estremi tat-tramuntana b'densita' ta' popolazzjoni baxxa ħafna, u reġjuni ta' gżejjer, reġjuni transkonfinali u reġjuni muntanjuzi.**

**Kollox ta' l-Unjoni**

L-aktar li rridu niġbdu l-attenzjoni tagħkom huwa kif mill-ewwel paragrafu jingħad li "**l-Unjoni għandha tiżviluppa u twettaq l-azzjoni tagħha li twassal għat-tisħiħ tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali tagħha**."

Innutaw kif ma jingħadx għat tisħih tal-koezjoni ekonomika, soċjali u territorjali ta' l-"**Istati Membri"** imma "**tagħha"**, jiġifieri ta' "**l-Unjoni Ewropea"**.

Min ma jarax li dan huwa eżempju mill-aktar ċar li l-Unjoni Ewropea saret Stat Federali u tqis it-territorju ta' "**l-Istati Membri"** bħala "**territorju tagħha"**, jiġifieri territorju "**ta' l-Unjoni Ewropea"**, m'huwiex jgħix fid-dinja.

Dan juri wkoll bl-aktar mod ċar il-qerq ta' dawk kollha li jgħidu li bis-sħubija tkun qed issaħħaħ "**is-sovranita'**" tiegħek, għaliex jekk inti lanqas territorju ma jibqalek fejn tkun tikkmanda inti biss, kif tista' tkun "**Sovran**"?

Dak kollu li jissemma f'dan l-Artikolu huma kollha għanijiet u ħolm li ma ntlaħqux f'aktar minn ħamsin sena meta kien hemm ftit Stati Membri li kienu żviluppati, aħseb u ara kemm sejrin jintlaħqu issa meta l-Istati Membri li ssieħbu ġodda huma kollha żviluppati ħafna anqas mill-Istati Membri li kien hemm qabel.

**Aħna Nkomplu Nistaqsu**

Kif jista' jkun hemm koeżjoni u żvilupp armonjuż fl-Unjoni Ewropea jekk bil-politika tagħha tas-suq ħieles mingħajr l-ebda rażan kif ukoll bil-moviment ħieles ta' persuni l-Unjoni Ewropea qiegħda tħarbat is-sistemi soċjali ta' l-Istati Membri kollha?

Kif jista' jkun hemm koeżjoni u żvilupp armonjuż meta' hemm tant razez u kulturi differenti li inti trid tħallathom kollha flimkien bil-jedd li kulħadd imur fejn irid u l-kontroll huwa kollu f'idejn l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea?

Dawn mhux biss huwa ħolm li ma jistax jitwettaq, imma aktar 'il quddiem sejjer ikun għajn ta' inkwiet kbir li jwassal biex l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea jisfaxxa fix-xejn bħal ma sfaxxaw kull Imperu Ewropew li kien hemm qabel, liema sfaxxar iħalli warajh tħarbit kbir u mibgħeda akbar u aktar milli qatt ħallew l-imperi Ewopej qabel.

Hawnhekk irridu nistaqsu kif l-Unjoni Ewropea tista' tagħti attenzjoni għal żoni rurali, jekk minħabba l-politika ħażina tagħha mhux biss falliet lil miljuni ta' bdiewa, imma tagħti flus lil bdiewa oħra biex ma jaħdmux l-għelieqi tagħhom ħalli żomm il-prezzijiet għolja.

Kif tista' l-Unjoni Ewropea titwemmen li trid tagħti attenzjoni partikolari għal gżejjer jekk lilna lanqas ħallietna nkompli nagħtu s-sussidji li konna nagħtu qabel biex inpattu għall-iżvantaġġi tagħna u kellna ndaħħlu levies biex ngħinu lill-bdiewa tagħha biex ikabbru prodotti li l-bdiewa tagħna ma jkabbrux?

Dan huwa l-qerq li jridu jagħmlu l-mexxejja federalisti ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea, għaliex jgħidu mod waqt li fil-prattika jsir mod ieħor. Sewwa jgħid il-qawl Malti li "**bejn il-kliem u l-fatti hemm baħar jikkumbatti**".

Imma l-aktar li rridu niġbdu l-attenzjoni tagħkom huwa li minkejja li numru ta' Stati Membri ta' l-Unjoni Ewropea ilhom membri sa mit-twaqqif ta' l-ewwel Komunita' Ewropea tal-Faħam u l-Azzar mis-sena 1952, wara aktar minn 50 sena, għad hemm differenzi kbar fir-reġjuni ta' l-Istati Membri.

Kieku ma kienx hekk, l-Unjoni Ewropea stess ma kinitx tgħid li "**l-Unjoni għandha timmira biex tnaqqas id-differenzi bejn il-livelli ta' żvilupp tad-diversi reġjuni u n-nuqqas ta' progress tar-reġjuni l-inqas vantaġġati**."

Qed taraw kemm tqarrqu dawk kollha li ħasbu li billi nsiru membri ta' l-Unjoni Ewropea se niżviluppaw f'kemm trodd salib u nsiru kompetittivi u żviluppati daqs l-aqwa Stati Membri at' l-Unjoni Ewropea?

Ma nistgħux ngħidu li ma morniex 'il quddiem minn meta sseħibna, imma dan kien biss fl-eluf ta' regolamenti li kellna ndaħħlu bilfors fil-liġijiet tagħna, fit-taxxi bla ebda rażan ordnati mill-Unjoni Ewropea, fit-telfien ta' l-impjiegi, għoli tal-ħajja u f'ħafna affarijiet oħra li kollha xeħtuna lura u aktar jixħtuna aktar 'il quddiem.

Iż-żmien għad jagħtina parir u tkunu tafu kemm dak li qed ngħidulkom huwa s-sewwa, is-sewwa kollu u xejn xejn ħlief is-sewwa.

Tindunaw kif dak li ngħidulkom li l-aħjar triq biex neħilsu minn das-saram kollu huwa li nitilqu mill-Unjoni Ewropea kif għandna kull jedd u setgħa li nagħmlu huwa wkoll huwa s-sewwa, is-sewwa kollu u xejn ħlief is-sewwa

## ARTIKOLU III-221

**L-Istati Membri għandhom imexxu l-politika ekonomika tagħhom u jikkordinawhom b'tali mod li jintlaħqu wkoll l-għanijiet previsti fl-Artikolu III-220. It-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politika u l-azzjoni ta' l-Unjoni u l-implimentazzjoni tas-suq intern għandhom jieħdu in kunsiderazzjoni dawk l-għanijiet u għandhom jikkontribwixxu għat-twettiq tagħhom. L-Unjoni għandha wkoll tappoġġa t-twettiq ta' dawn l-għanijiet, bl-azzjoni li tieħu permezz tal-Fondi Strutturali (il-Fond Agrikolu Ewropew dwar Gwida u Garanziji, Sezzjoni tal-Gwida; il-Fond Soċjali Ewropew; il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali), il-Bank ta' l-Investiment Ewropew u tal-bqija ta' l-istrumenti finanzjarji eżistenti.**

<u>**L-Istati Membri Marbuta bil-Politika Ekonomika**</u>

L-ewwel parti ta' dan l-Artikolu qiegħda torbot lill-Istati Membri biex jagħmlu u jmexxu l-politika ekonomika tagħhom b'mod li jintlaħqu l-miri misjuba fl-Artikolu msemmi u l-Unjoni Ewropea għandha tagħti sehemha wkoll għal dan il-għan.

Madankollu, anki hawnhekk jgħoddu l-kummenti li għadna kif għamilna għall-Artikolu ta' qabel.

Imma rridu niġbdulkom ukoll l-attenzjoni li l-fatt li l-Istati Membri ma jistgħux jagħmlu l-politika ekonomika tagħhom imma dik ordnata mill-Unjoni Ewropea juri kif **l-Istati Membri tilfu l-Indipendenza, il-Ħelsien u s-Sovranita'** tagħhom għaliex ma jistgħux jagħmlu dak li jaqbel għalihom u għaċ-ċittadin tagħhom.

<u>**Rapport Ieħor**</u>

**Il-Kummissjoni għandha tissottometti rapport lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat tar-Reġjuni u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali kull tliet snin dwar il-progress magħmul biex tintlaħaq il-koezjoni ekonomika, soċjali u territorjali u dwar il-mod li bih il-mezzi varji previsti f'dan l-Artikolu ikkontribwew għaliha. Dan ir-rapport għandu, jekk hemm bżonn, ikollu miegħu proposti xierqa.**

Rapporti kontra rapporti li qatt ma wasslu u m'humiex sejrin iwasslu mkien biex il-magħżula minn Brussell ikunu jistgħu jiġġustifikaw is-salarji fenominali tagħhom li huma mħallsa mit-taxxi miġbura minn fuq iċ-ċittadini ta' l-Istati Membri li huma mgħaffġa mit-taxxi ta' l-Unjoni Ewropea.

Araw l-Italja, biex ma nsemmux Stati Membri oħra, ilha mill-bidu nett membru fl-Unjoni Ewropea taħt forma jew oħra, imma araw id-differenza fl-iżvilupp bejn l-Italja u Sqallija u gżejjer oħra Taljani, u malajr tindunaw li wara aktar minn ħamsin sena għad hemm differenza enormi bejniethom.

Mhux biss, imm l-fatt li jridu jsiru dawn ir-rapporti juri kif l-Unjoni Ewropea permezz tal-Kummissjoni sejra tkun qisha seqer fuq l-Istati Membri li jkunu jridu jibgħatu l-informazzjoni kollha biex il-Kummissjoni tkun tista' tagħmel ir-rapporti tagħha.

Dan ma huwa xejn għajr spjunaġġ fuq l-Istati Membri u ċ-ċittadini tagħhom ordnat mill-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea li mhux biss ikollhom joqgħodu għalih, imma l-istess Stati Membri u ċ-ċittadini tagħhom ikollhom jagħtu l-informazzjoni kollha mitluba minnhom.

Jasar modern mill-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea ta' l-Istati Membri u ċ-ċittadini tagħhom. Tridu li nibqgħu f'dal jasar kollu?

## L-Unjoni Ewropea ma Tagħtina Xejn minn Tagħha

**Kwalunkwe miżura speċifika barra mill-Fondi tista' tiġi stabbilita permezz ta' liġi jew liġi kwadru Ewropea, mingħajr preġudizzju għal miżuri adottati fil-qafas tal-politika l-oħra ta' l-Unjoni. Għandha tiġi adottata wara konsultazzjoni mal-Kumitat tar-Reġjuni u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali.**

Aktar liġijiet Ewropej biex jagħmlu miżuri oħra li l-Unjoni Ewropea jkun jidrilha meħtieġa biex tkompli tieħu aktar jeddijiet mingħand u torbot l-Istati Membri tagħha u tkompli żżid u tgħaffeġ liċ-ċittadini tagħhom bit-taxxi tagħha.

Hawnhekk irridu niġbdu l-attenzjoni tagħkom li issa dalwaqt tibdew taraw kartelluni b'avviżi kbar fejn ikun qiegħed isir xi ħaġa li dak il-proġett qiegħed isir bl-għajnuna jew bil-fondi ta' l-Unjoni Ewropea.

Li tridu tiftakru huwa li l-Unjoni Ewropea ma tkun qiegħda tagħtina xejn minn tagħha, għaliex li tkun qiegħda tagħmel huwa li tagħtina lura ftit milli nkunu tajniha qabel permezz tat-taxxi tagħna.

Mhux biss, imma tkun trid tapprova l-proġetti hija, l-offerta ghax-xogħol trid tinfetaħ fl-Istati Membri kollha, għall-ħaddiema mill-Istati Membri kollha, l-infieq irid isir kif tordna hija, waqt li l-ħlas ta' sehemha jsir, meta u jekk isir, snin wara li jkun tlesta l-proġett u wara li tkun ivverifikat kollox.

Barra minn hekk, il-Gvern irid isib il-flus biex jagħmel il-proġett għaliex kif tistgħu taraw, il-ħlas isir, jekk isir, wara li l-proġett ikun lest u l-Unjoni Ewropea tkun ivverifikat kollox.

Mela jekk il-Gvern m'għandux flus biex jagħmel il-proġett la jsir il-proġett u lanqas tieħu flus mill-Unjoni Ewropea.

Għaldaqstant, tħallux lil min jgħaddikom biż-żmien, u meta xi ħadd jgħidilkom li dak il-proġett qiegħed isir bl-għajnuna ta' l-Unjoni Ewropea wieġbuhom li dak qiegħed isir minn flusna li tajna aktar qabel lill-Unjoni Ewropea u li b'dak il-proġett tkun qiegħda tagħtina xi ftit minnhom lura. Xejn aktar u xejn anqas.

### ARTIKOLU III-222

**Il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali huwa maħsub biex jgħin biex jittranġaw l-iżbilanċi ewlenija reġjonali fl-Unjoni permezz tal-parteċipazzjoni fl-**

**iżvilupp u l-aġġustament strutturali ta' reġjuni li l-iżvilupp tagħhom għadu lura u fil-konverżjoni ta' reġjuni industrijali li sejrin lura.**

**<u>Reġjuni Lura</u>**

Hawnhekk għandna l-akbar prova u ammissjoni mogħtija mill-istess Unjoni Ewropea li l-iżbilanċi reġjonali u l-fatt li reġjuni fi Stati Membri qegħdin imajnaw juru kemm il-politika ħażina tas-suq ħieles mingħajr l-ebda rażan li hija l-Alla falz ta' l-Unjoni Ewropea qiegħda titfa' lura reġjuni sħaħ fl-Istati Membri.

Dan aktar u aktar għandu sinjifikat meta wieħed jiftakar li l-maġġoranza tal-pajjiżi Ewropej ilhom snin kbar, anki mijiet ta' snin industrijalizzati.

Minkejja dan, illum hemm reġjuni sħaħ li l-istess Unjoni Ewropea qegħda tgħid li għadhom lura biex jibdlu r-reġjuni industrijali li sejrin lura.

Jista' jkollok provi akbar minn hekk kemm hija ħażina l-politika li timxi biha l-Unjoni Ewropea meta qiegħda tammetti dan l-istess Unjoni Ewropea?

**ARTIKOLU III-223**

**1. Bla preġudizzju għall-Artikolu III-224, il-liġi Ewropea għandha tiddefinixxi l-kompiti, l-għanijiet ewlenin u l-organizzazzjoni tal-Fondi Strutturali, li jistgħu jinvolvu r-raggruppament tal-Fondi, ir-regoli ġenerali applikabbli għalihom kif ukoll id-disposizzjonijiet meħtieġa sabiex tiġi assigurata l-effikaċja tagħhom u l-kordinazzjoni tal-Fondi bejn xulxin u ma' l-istrumenti finanzjarji oħra eżistenti.**

**Fond ta' Koeżjoni stabbilit b'liġi Ewropea għandu jipprovdi kontribuzzjoni finanzjarja għal proġetti fl-oqsma ta' l-ambjent u tar-rettikolati trans-Ewropej fil-kamp ta' l-infrastruttura tat-trasport.**

**Fil-każijiet kollha, il-liġi Ewropea għandha tiġi adottata wara konsultazzjoni mal-Kumitat tar-Reġjuni u mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali.**

**<u>Liġijiet u Aktar Setgħa lill-Unjoni</u>**

Irridu niġbdu l-attenzjoni li l-kelma "**rettikolat**" ma teżistix fl-ilsien Malti, u hija biss invenzjoni ta' dawk li qalbu din il-Kostituzzjoni bil-Malti. Il-kelma fit-test Ingliż hija "**network**", li bil-Malti ssir xibka.

Innutaw ukoll li bħal f'okkażjonijiet oħra, kollox isir permezz ta' liġi Ewropea skond kif ikunu ddeċiedew l-istituzzjonijiet ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea.

Barra minn hekk, innutaw kif l-ewwel paragrafu jagħti s-setgħa mill-akbar lill-Unjoni Ewropea biex permezz ta' liġi Ewropea tagħmel dak kollu li jkun jidrilha bl-iskuża tal-fondi strutturali. Tinsewx li dawn kollha jfissru aktar taxxi fuq iċ-ċittadini at' l-Istati Membri, inklużi aħna.

Hawnhekk irridu wkoll niġbdu l-attenzjoni tagħkom li mill-aħħar paragrafu tneħħiet sentenza li kienet tgħid li, "**Il-Kunsill tal-Ministri għandu jaġixxi unanimament sa l-1 ta' Jannar 2007.**"

Din sejrin nirreferu għaliha wara li naraw x'jgħid it-tieni paragrafu ta' dan l-Artikolu.

**Spiċċat l-Unanimita'**

**2. L-ewwel disposizzjonijiet dwar il-Fondi Strutturali u l-Fond ta' Koeżjoni li jiġu adottati wara dawk li jkunu fis-seħħ fid-data meta t-Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa jiġi ffirmat għandhom jiġu stabbiliti b'liġi Ewropea tal-Kunsill. Il-Kunsill għandu jaġixxi b'mod unanimu wara li jkollu l-kunsens tal-Parlament Ewropew.**

Dan ifisser li minħabba li t-Trattat dwar il-Kostituzzjoni ta' l-Unjoni Ewropea sejjer jiġi ffirmat f'Ottubru 2004, il-Fondi Strutturali u l-Fondi ta' Koeżjoni li jmiss li jibdew mis-sena 2006 sejrin isiru b'liġi Ewropea.

Hawnhekk qiegħed jingħad li l-Kunsill għandu jaġixxi unanimament, imma tajjeb li naraw x'kien jgħid l-aħħar paragrafu ta' l-ewwel subartiklu li qabel kien jifforma parti minn Artikolu ieħor u li issa ddaħħal ma dan l-Artikolu u li ġie emendat.

Dan għaliex minħabba li saru tibdiliet mit-test oriġinali tas-sena l-oħra, Artikoli ingħaqdu ma Artikoli oħra, inbidli n-numri tagħhom, subartikoli bidlu posthom u n-numri tagħhom, u tibdil ieħor li jekk wieħed ma joqgħodx attent b'seba' mitt għajn jispiċċa mħawwad waħda sewwa.

Imma ħalli naraw x'kien jgħid l-aħħar paragrafu ta' l-ewwel subartikolu. Dan kien jgħid li,

**Fil-każijiet kollha, dawn il-liġijiet kwadru Ewropej għandhom jiġu adottati wara konsultazzjoni mal-Kumitat tar-Reġjuni u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali. Il-Kunsill tal-Ministri għandu jaġixxi unanimament sa l-1 ta' Jannar 2007.**

Għaldaqstant, jekk wieħed ma joqgħodx attent għal dak li kien jingħad fl-aħħar parti ta' dan is-subartikolu faċilment ma jindunax x'messaġġ fin kien qiegħed jitwassal.

Innutaw li l-paragrafu kien jgħid li **huwa biss sa l-1 ta' Jannar 2007** li l-Kunsill tal-Ministri **jrid jaġixxi unanimament**.

Għaldaqstant, minn wara dik id-data, il-Kunsill tal-Ministri kien jista' jaġixxi **b'maġġoranza**, u għalkemm huwa wkoll istituzzjoni ta' l-Unjoni Ewropea b'lealta' lejn l-Unjoni Ewropea, jekk l-Istati Membri setgħu forsi jipruvaw jinfluwenzaw xi ħaġa billi l-Ministri ma jaqblux u b'hekk effettivament ikunu qegħdin jużaw **il-veto**, dan ma jkunux jistgħu jagħmluh iżjed wara l-1 ta' Jannar 2007.

Il-fatt li tneħħiet is-sentenza fejn jingħad li l-Kunsill għandu jaġixxi unanimament sa' l-1 ta' Jannar 2007 ma jfissirx li dan ma baqax hekk, għaliex jekk tinnutaw x'jgħid is-subartiklu 2 ta' dan l-Artikolu li qegħdin naraw issa tindunaw li dan jgħid li,

**"2. <u>L-ewwel disposizzjonijiet</u> dwar il-Fondi Strutturali u l-Fond ta' Koeżjoni li jiġu adottati wara dawk li jkunu fis-seħħ fid-data meta t-Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa jiġi ffirmat għandhom jiġu stabbiliti b'liġi Ewropea tal-Kunsill. Il-Kunsill għandu jaġixxi b'mod unanimu wara li jkollu l-kunsens tal-Parlament Ewropew."**

Għaldaqstant, huwa biss dwar "**<u>l-ewwel disposizzjonijiet"</u>**, jiġifieri l-liġijiet Ewropej, li jidħlu fis-seħħ wara li jkun iffirmat it-Trattat tal-Kostituzzjoni ta' l-Unjoni Ewropea li l-Kunsill irid jaġixxi unanimament, u mhux f'liġijiet oħra dwar l-istess fondi li jsiru wara.

Huwa għalhekk li waqt li żammew mad-data oriġinali għaliex it-Trattat ikun ġie ffirmat din is-sena, u għalhekk wara s-sena 2006 u ċioe' **wara l-1 ta' Jannar 2007 il-Kunsill ma jibqax jaġixxi unanimament** biex isiru liġijiet dwar il-Fondi msemmija.

Minħabba li din kienet turi daqstant bil-miftuh li wara l-1 ta' Jannar 2007 il-Kunsill ma jibqax jaġixxi unanimament u b'hekk kienet tgerrix iċ-ċittadini ta' l-Istati Membri li sejrin jivvutaw f'referendum, raw kif għamlu biex waqt li effettivament żammew l-istess data, ħbewha billi neħħew id-data msemmija.

Għalhekk dejjem għednilkom biex toqgħodu attenti għal kull kelma li tingħad u tiflu kollox bir-reqqa, speċjalment dak li għandu x'jaqsam ma' l-Unjoni Ewropea, u barra minn hekk hawnhekk sejrin inżidu li għandkom toqgħodu attenti xi jkun intqal u nkiteb qabel u taraw kif b'mod jew ieħor dak li jkun jidher li tneħħa jkun fis-sewwa ddaħħal bi kliem ieħor f'xi parti oħra.

Dawn l-affarijiet saru f'ħafna Artikoli ta' din il-Kostituzzjoni, imma kieku kellna noqgħodu naraw l-emendi li saru jkollna ħtieġa ta' enċiklopedija sħiħa u mhux ktieb biss.

Tistgħu tafdaw lil min huwa mdaħħal f'dan il-qerq kollu biex jgħaddi ż-żmien biċ-ċittadini ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea, inklużi bikom, u jikseb dak li jrid?

## ARTIKOLU III-224

**Il-liġi Ewropea għandha tistabbilixxi miżuri ta' implimentazzjoni li jirrelataw għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali. Din il-liġi għandha tiġi adottata wara konsultazzjoni mal-Kumitat tar-Reġjuni u mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali.**

**Fejn ghandu x'jaqsam il-Fond Agrikolu Ewropew dwar Gwida u Garanzija, Sezzjoni ta' Gwida, u l-Fond Soċjali Ewropew, għandhom japplikaw rispettivament l-Artikoli III-231 u III-219(3).**

**<u>Liġi Ewropea Oħra</u>**

Innutaw li kif isir kważi dejjem, kollox qiegħed jingħad li jrid isir permezz ta' liġijiet Ewropew, ħalli b'hekk l-Istati Membri jkunu marbuta bihom u ma jkunu jistgħu jagħmlu xejn jekk ma jkunx skond l-istess liġijiet Ewropej.

Fi kliem ieħor, jekk l-Unjoni Ewropea tordna li għandhom jiżdiedu l-kontribuzzjonijiet ta’ l-Istati Membri minħabba dawn il-fondi, l-ebda Stat Membru ma jkun jista’ joġġezzjona, anki jekk ma jkun sejjer igawdi xejn mill-fondi msemmija, anzi joħroġ biss.

## SEZZJONI 4

## AGRIKOLTURA U SAJD

## ARTIKOLU III-225

**L-Unjoni għandha tiddefinixxi u timplimenta politika komuni għall-agrikoltura u s-sajd.**

**"Prodotti agrikoli" tfisser il-prodotti tal-ħamrija, tat-trobbija ta' l-annimali u tas-sajd u prodotti ta' pproċessar ta' l-ewwel stadju direttament relatati ma' dawn il-prodotti. Referenzi għall-politika agrikola komuni jew għall-agrikoltura, u l-użu ta' l-espressjoni "agrikola", għandhom jinftehmu bħala li jirreferu wkoll għas-sajd, b'qies għall-karatteristiċi speċifiċi ta' dan is-settur.**

<u>**Agrikoltura u Sajd Regolati mill-Unjoni**</u>

Issa mhux biss qiegħed jiġi kkonfermat li l-Unjoni Ewropea tgħid x'inhija u x'għandha tkun il-politika Agrikola komuni u l-politika tas-sajd komuni, imma issa sejrin ikunu mdaħħla wkoll fil-Kostituzzjoni tagħha biex jingħataw l-akbar saħħa.

Tinsewx ukoll li l-politika tas-sajd ta' l-Unjoni Ewropea wasslet ukoll għat-telfien tax-xogħol ta' mijiet ta' eluf kbar ta' sajjjieda, kif ukoll għall-qerda sħiħa fl-ibħra tas-sajd ta' l-Istati Membri li skond il-liġi internazzjonali u skond il-Konvenzjoni tal-Ġnus Magħquda tal-Liġi tal-Baħar, huma l-Istati li għandhom jedd jirregolaw is-sajd sa mitejn mil 'il bogħod mill-kosta tagħhom.

Għaldaqstant, dan ifisser li qiegħed jiġi kkonfermat fil-Kostituzzjoni ta' l-Unjoni Ewropea li qiegħed jittieħed jedd ieħor mingħand l-Istati Membri mill-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea, liema jedd huwa ta' kull **Stat Indipendenti, Ħieles u Sovran** skond il-liġi internazzjonali.

Jekk imbagħad nieħdu s-settur agrikolu, il-Politika Agrikola Komuni farrket miljuni ta' bdiewa fl-Istati Membri li qabel kienu jaqilgħu l-għixien tagħhom mill-biedja, u hekk sejjer jiġri lill-bdiewa tagħna jekk aħna ma nfittxux nitilqu mill-Unjoni Ewropea l-lejla qabel għada.

Ghad taraw kemm dak li qegħdin ngħidulkom huwa s-sewwa, is-sewwa kollu u xejn għajr is-sewwa.

Dan barra li l-prodotti kollha ta' l-Unjoni Ewropea huma l-aktar għaljin li wieħed isib fis-swieq internazzjonali, u dan minkejja li l-bdiewa ineffiċjenti ta' l-Unjoni Ewropea għandhom l-akbar sehem mill-finanzi ta' l-Unjoni Ewropea.

Tinsewx ukoll li l-Unjoni Ewropea ma tħallix Stati Membri jimpurtaw ikel bl-irħis u bi prezzijiet li jinsabu fis-swieq internazzjonali, u meta tħalli li jsir hekk, tagħtik kwota ta' kemm tista' timporta u tagħmillek dazji u levies biex xorta waħda l-affarijiet jibqgħu għaljin ħafna, waqt li dak id-dazju u levies imorru għandha.

Jista' jibqa l-iċken dubju dwar il-fatt li l-Unjoni Ewropea hija diġa' Stat Federali u li jekk tgħaddi, il-Kostituzzjoni tagħha sejra tkun il-konferma tagħha bħala Stat Federali Ewropew jew aħjar l-Istati Uniti ta' l-Ewropa?

Tridu li nibqgħu taħt dawn il-ħniżrijiet u ordnijiet tal-barrani ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea waqt li l-bdiewa u s-sajjieda tagħna jkompli jitfarrku kif qegħdin jitfarrku u kif issa ndunaw huma stess kif dak li dejjem għedna kien kollu minnhu?

Jekk le tafu li meta rridu nistgħu u għandna kull jedd u setgħa niddikjaraw li Malta m'għadhiex aktar membru fl-Unjoni Ewropea u b'hekk nerġgħu nieħdu l-**Indipendenza, il-Ħelsien u s-Sovranita'** tagħna minn taħt il-ħakma illegali u kolonjali ta' l-Unjoni Ewropea.

## ARTIKOLU III-226

**1. Is-suq intern għandu jestendi għall-agrikoltura u għall-kummerċ fi prodotti agrikoli.**

**2. Ħlief kif provdut xort'oħra fl-Artikoli III-227 sa III-232, ir-regoli dwar l-istabbiliment u l-funzjonament tas-suq intern għandhom japplikaw għal prodotti agrikoli.**

**3. Il-prodotti elenkati fl-Anness I għandhom ikunu soġġetti għall-Artikoli III-227 sa III-232.**

**4. L-operazzjoni u l-iżvilupp tas-suq intern għal prodotti agrikoli għandhom jimxu flimkien ma' politika agrikola komuni.**

**Ir-Regoli tas-Suq Japplikaw fl-Agrikoltura**

Innutaw ukoll kif anki f'dan l-Artikolu qiegħed jerġa' jiġi kkonfermat u qiegħed jiddaħħal ukoll fil-Kostituzzjoni li l-Unjoni Ewropea qiegħda tingħata l-jedd u s-setgħa biex tagħmel ukoll il-politika agrikola komuni, liema politika komuni tieħu parti kbira mill-estimi finanzjarji ta' l-Unjoni Ewropea u li minnha jgawdu l-aktar il-bdiewa Franċiżi, Spanjoli u l-aktar dawk li għandhom artijiet kbar.

Mhux biss, imma din il-politika wasslet għal taxxi kbar fuq iċ-ċittadini ta' l-Istati Membri, għoli kbir ta' prezzijiet ta' prodotti agrikoli, u l-qerda tal-bdiewa u raħħala żgħar fl-Istati Membri antiki kif ukoll f'dawk ġodda.

L-unika triq li għandna biex insalvaw lill-bdiewa, raħħala, sajjieda, u lil kull ħaddiem Malti hija li nfittxu nitilqu l-lejla qabel għada mill-ħakma illegali, imperjalista u kolonjalista ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea kif għandna kull jedd u setgħa li nagħmlu.

## ARTIKOLU III-227

**1. L-għanijiet tal-politika agrikola komuni għandhom ikunu:**

**a) li tiżdied il-produttivita' agrikola billi jkun promoss il-progress tekniku u billi jiġi assigurat l-iżvilupp razzjonali tal-produzzjoni agrikola u l-aħjar użu tal-fatturi tal-produzzjoni, b'mod partikolari x-xogħol;**

**b) li hekk ikun assigurat livell ta' l-għajxien ġust għall-komunita' agrikola, b'mod partikolari billi jiżdied il-qligħ individwali ta' persuni li jaħdmu fl-agrikoltura;**

**ċ) li jiġu stabbilizzati s-swieq;**

**d) li tiġi assigurata d-disponibilita' ta' provvisti;**

**e) li jiġi assigurat li l-provvisti jaslu għand il-konsumaturi bi prezzijiet raġonevoli.**

**Fantasiji u Qerq**

Fantasiji biss, biex ma ngħidux gideb u qerq, għaliex kulħadd jaf li l-Politika Agrikola Komuni qerdet miljuni ta' bdiewa u raħħala fl-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea waqt li ċ-ċittadini ta' l-Istati Membri jħallsu l-għola prezzijiet għall-prodotti tal-biedja li jeżistu fid-dinja.

Staqsu lill-Pollakki li għadhom kemm daħlu flimkien magħna kemm miljuni ta' bdiewa tilfu xogħolhom u ħobżhom u tkunu tafu.

Staqsu lill-Pollakki kemm kellhom jagħlqu fabbriki tal-ħalib.

Staqsu lill-Pollakki kemm il-biċċerija kellhom jagħlqu.

Staqsu lill-Pollakki kemm minnhom kellhom jemigraw lejn ir-Renju Unit biex ifittxu x-xogħol minħabba li spiċċaw mingħajr xogħol wara s-sħubija fl-Unjoni Ewropea.

Tistgħu tistaqsu anki ħaddiema minn Stati Membri oħra, u kollha jgħidulkom l-istess.

**Konsiderazzjonijiet fl-Agrikoltura**

**2. Meta jinħadmu l-politika agrikola komuni u l-metodi speċjali għall-applikazzjoni tagħha għandu jittieħed in kunsiderazzjoni:**

**a) in-natura partikolari ta' l-attivita' agrikola, li tirriżulta mill-istruttura soċjali ta' l-agrikoltura u mid-disparitajiet strutturali u naturali bejn ir-reġjuni agrikoli differenti;**

**b) il-bżonn li l-aġġustamenti xierqa jsiru ftit ftit;**

**ċ) il-fatt li fl-Istati Membri l-agrikoltura tikkostitwixxi settur marbut mill-qrib ma' l-ekonomija in ġenerali.**

Dak huwa li suppost isir, imma jekk wieħed jara r-regolamenti li ħarġu s'issa jsib li ma tantx hemm differenza kif jiġu trattati reġjuni differenti. L-aktar li jmorru tajjeb huma l-bdiewa li diġa' semmejna u dawk li għandhom artijiet kbar.

Issa, aktar ma jgħaddi ż-żmien aktar kulħadd, speċjalment il-bdiewa tagħna li sejrin jitilfu xogħolhom, sejrin jindunaw, kif diġa' qegħdin jindunaw, kemm kien hemm min qarraq bihom biex seraq il-vot tagħhom biex jerġa' jġib lill-Malta kolonja u bażi militari tal-barrani ta' l-Unjoni Ewropea.

## ARTIKOLU III-228

**1. Sabiex jintlaħqu l-miri stabbiliti fl-Artikolu III-227, għandha tiġi stabbilita organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli.**

**Din l-organizzazzjoni għandha tieħu waħda mill-forom li ġejjin, skond il-prodott konċernat:**

**a) regoli komuni dwar il-kompetizzjoni;**

**b) kordinazzjoni obbligatorja tal-varji organizzazzjonijiet nazzjonali tas-suq;**

**ċ) organizzazzjoni ta' suq Ewropew.**

**Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli**

Innutaw kif kollox irid ikun komuni, barra l-pagi tal-ħaddiema. Kif jista' għalhekk, xi Stat Membri jieħu vantaġġ minn xi ħaġa li fiha huwa u l-ħaddiema jkunu aktar effiċjenti u għalhekk jipproduċu aktar b'anqas spejjeż?

Innutaw li kollox irid ikun regolat b'regoli komuni, il-kompetizzjoni, irid bilfors ikun hemm kordinazzjoni obbligatorja, jiġifieri bilfors, ta' l-organizzazzjonijiet tas-suq f'kull Stat Membru, kif ukoll organizzazzjoni tas-suq Ewropew.

Kif sejra toħroġ id-differenza li hemm fl-Istati Membri u anki fir-reġjuni differenti jekk kollox ikun l-istess kullimkien?

Kif jistgħu l-bdiewa Maltin u Għawdxin jikkompetu mal-bdiewa barranin ta' l-Unjoni Ewropea jekk ma jingħatawx sussidji differenti milli jingħataw il-bdiewa ta' Stati Membri ta' l-Unjoni Ewropea minħabba d-diffikultajiet kbar li l-bdiewa Maltin għandhom, bħala eżempju, nuqqas ta' ilma u għelieqi żgħar kif ukoll mediċini, żrierah u affarijiet oħra li jridu jinġiebu bl-ajru u bil-baħar minn barra?

Kif jistgħu r-raħħala Maltin u Għawdxin jikkompetu mar-raħħala barranin ta' l-Unjoni Ewropea jekk ma jingħatawx sussidju differenti milli jingħataw ir-raħħala ta' l-Unjoni Ewropea minħabba d-diffikultajiet li għandhom li huma differenti minn dawk li għandhom ir-raħħala ta' l-Unjoni Ewropea?

Ir-raħħal Maltin u Għawdxin għandhom diffikultajiet kbar għaliex l-art hija żgħira u ma jistgħux ikollhom eluf ta' bhejjem u miljuni ta' tjur kull wieħed bħal ma jkollhom ir-raħħala barranin ta' l-Unjoni Ewropea.

Kif jistgħu r-raħħala Maltin u Għawdxin jikkompetu mar-raħħala barranin ta' l-Unjoni Ewropea jekk huma m'għandhomx għelieqi kbar fejn l-annimali jitħallew jirgħu waqt li r-raħħala Maltin iridu jagħlfuhom bilfors, liema għalf b'mod jew ieħor ikollu jinġieb bilfors minn barra u b'hekk ikollhom spejjeż akbar?

Kif jistgħu dawk kollha li qegħdin jinvestu fit-tkabbir ta' l-għeneb ma jingħatawx sussidju differenti minn dak li jingħataw il-barranin ta' l-Unjoni Ewropea minħabba d-diffikultajiet differenti li għandhom? Issa qegħdin jindunaw mill-prezzijiet li ġab l-għeneb tagħhom kemm daħqu bihom bl-Unjoni Ewropea.

Hawnhekk tajjeb li nistaqsu kif il-Gvern aċċetta li Malta tingħata biss kwota li jistgħu jitħawwlu biss elf ettaru ta' art għad-dwieli u malli dan l-ammont jintlaħaq ma jkunux jistgħu jitħawwlu aktar dwieli?

Tgħid għad ikollna naraw kif inkomplu neqirdu l-għelieqi ħalla ma jkollniex problemi li jkun hemm min ikun irid iħawwel id-dwieli u ma jkunx jista' minħabba l-kwota imposta fuqna mill-Unjoni Ewropea?

Ara dawn l-affarijiet ma ntqalux qabel ir-referendum liċ-ċittadini Maltin u Għawdxin.

Il-bdiewa u r-raħħala Maltin u Għawdxin qegħdin jindunaw u sejrin ikomplu jindunaw aktar kemm ġew imqarrqa, kemm aktar sejrin ikollhom ħajjithom diffiċli jekk tgħaddi din il-Kostituzzjoni u jekk ma nfittxux nitilqu l-lejla qabel għada mill-Unjoni Ewropea kif għandna kull jedd u setgħa li nagħmlu.

**Kordinazzjoni Obbligatorja**

F'dan is-subartikolu għandna wkoll xi ħaġa li mhux biss tħasseb, imma turi wkoll l-arroganza tal-mexxejja federalisti, imperjalisti u kolonjalisti ta' l-Unjoni Ewropea li m'għandhomx qatra żejt f'wiċċhom u wiċċhom agħar mill-għatba tal-Klistanija.

Innutaw li jingħad li "**għandha tiġi stabbilita organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli**" u li "**Din l-organizzazzjoni għandha tieħu waħda mill-forom li ġejjin, skond il-prodott konċernat: b) kordinazzjoni obbligatorja tal-varji organizzazzjonijiet nazzjonali tas-suq".**

Fi kliem ieħor, din l-organizzazzjoni komuni tas-swieq agrikoli tinħtieġ li jkun hemm ukoll li kull organizzazzjoni nazzjonali bħal ma huma l-koperattivi tal-bdiewa u organizzazzjonijiet tal-biedja jridu bilfors jikkordinaw ma l-organizzazzjonijiet bħalhom fl-Istati Membri l-oħra, u nnutaw li jingħad "**OBBLIGATORJA**", jiġifieri "**BILFORS**".

Qegħdin taraw l-arroganza tal-mexxejja ta' l-Unjoni Ewropea li wiċċhom huwa mingħajr l-iċken qatra żejt u agħar mill-għatba tal-Klistanija, kif jordnaw li kollox irid isir bilfors.

Sejrin nibqgħu taħt dan il-jasar ġdid jew sejrin nibgħatuhom isaqqu l-ħass tal-Marsa u ta' Brussell u nitilqu l-lejla qabel għada mill-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea kif għandna jedd u setgħa li nagħmlu?

## Aktar Miżuri u Kontrolli

**2. L-organizzazzjoni komuni stabbilita skond il-paragrafu 1 tista' tinkludi l-miżuri kollha meħtieġa biex jintlaħqu l-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu III-227, b'mod partikolari ir-regolament tal-prezzijiet, l-għajnuniet għall-produzzjoni u t-tqegħid fis-suq tal-prodotti varji, l-ħażna u l-arrangamenti ta' riporti u l-makkinarju komuni għall-istabbilizzazzjoni ta' l-importazzjoni jew l-esportazzjoni.**

Mela meta kien hemm kontroll fuq il-prezzijiet fi żmien gvern tal-ħaddiema tgħidx kemm attakki kienu jsiru għaliex kien jikkontrolla l-prezzijiet, u issa meta qiegħed jingħad li l-miri ewlenin ta' l-Unjoni Ewropea għandhom ikunu dawk imsemmija u partikolarment ir-regolament tal-prezzijiet u l-ħażna għadna ma smajna lil ħadd jipprotesta u jikkundanna lill-Unjoni Ewropea.

Tiftakru kemm il-gvern tal-ħaddiema kien jiġi attakkat għaliex kien jixtri bil-goff, bil-bulk buying, biex ikollu ħażna u biex kien iżomm il-prezzijiet stabbli, jiġifieri l-istess fuq żmien twil?

Dawn l-affarijiet gvern tal-ħaddiema ma setgħax jagħmilhom għaliex ħżiena, imma issa għaliex tagħmilhom l-Unjoni Ewropea jsiru tajbin.

Qegħdin taraw kif fl-Unjoni Ewropea kollox isir bil-qerq u bl-ipokrezija?

Mela l-Unjoni Ewropea tista' tikkontrolla l-prezzijiet?

U Jekk l-Unjoni Ewropea tista', għalfejn il-Gvern tal-ħaddiema ma kienx jista' jagħmel l-istess?

Qegħdin taraw il-qerq u l-ipokrezija tal-**ĠUDIET** u l-mixtrija tal-barrani **QUISLINGS** li ma jixirqilhomx jissejħu Maltin u tal-barrani nnifsu ta' l-Unjoni Ewropea fejn qegħdin u kemm wiċċhom huwa mingħajr l-iċken qatra żejt u agħar mill-għatba tal-Klistanija?

## Prezzijiet bil-Kriterji Komuni, il-Pagi Le

**L-organizzazzjoni komuni għandha tkun limitata għat-twettiq ta' l-għanijiet previsti fl-Artikolu III-227 u għandha teskludi kull diskriminazzjoni bejn il-produtturi jew il-konsumaturi fl-Unjoni.**

**Kull politika komuni ta' prezz għandha tkun ibbażata fuq kriterji komuni u metodi uniformi ta' kalkolu.**

Kliem sabiħ biex jgħaddu ż-żmien bin-nies, għaliex kif jgħid sewwa l-qawl Malti, "**bejn il-kliem u l-fatti hemm baħar jikkumbatti**".

Barra minn hekk, innutaw kif jingħad li "**Kull politika komuni ta' prezz għandha tkun ibbażata fuq kriterji komuni u metodi uniformi ta' kalkolu.**"

Ara għall-prezzijiet iridu jagħmlu kollox komuni, imma għall-pagi tal-ħaddiema le, ħalli l-ħaddiema jibqgħu jiġu esplojtati u min iħaddem jixorbilhom demmhom.

Anzi l-Unjoni Ewropea tagħmilha aktar faċli għaliex tordna li l-ħaddiema kollha jistgħu jmorru f'kull Stat Membru ieħor biex ifarrku l-ħaddiema ta' dak l-Istat Membru u l-kundizzjonijiet tax-xogħol li jkunu rnexxilhom jiksbu.

Meta taraw kif il-prezzijiet tal-prodotti kollha se jkomplu jisplodu aktar 'il quddiem, ftakru x'kien qal xi ħadd, "**Ħa jogħlew il-prezzijiet, ħa jogħlew il-prezzijiet**."

**Fond AgrikoluWieħed**

**3. Sabiex l-organizzazzjoni komuni prevista fil-paragrafu 1 tkun tista' tilħaq il-miri tagħha, jistgħu jiġu stabbiliti fond agrikolu wieħed jew iktar ta' gwida u garanzija.**

Mela tajjeb hekk. Fi żmien gvern tal-ħaddiema li kien jgħin lill-bdiewa biex ikollhom dħul li bih setgħu jgħixu u jgħinhom jiżviluppaw, dak ma setgħax jagħmlu, imma li l-Unjoni Ewropea tagħmel fond biex tagħmel l-istess ħaġa dik tajba u tista' tagħmilha.

Mela li l-Unjoni Ewropea tintaxxa liċ-ċittadini Maltin biex il-bdiewa tagħha jingħataw sussidju fuq prodotti li ma jitkabbrux mill-bdiewa Maltin tista', imma li Gvern tal-ħaddiema jissussidja lill-bdiewa Maltin, hekk le.

Qegħdin taraw il-qerq tal-barrani ta' l-Unjoni Ewropea u kemm kollox isir għaliex l-Unjoni Ewropea u l-kapitalisti tagħha qatt ma ħamlu lill-ħaddiema u kemm mal-qaddejja **ĠUDIET** u **QUISLINGS** tagħhom hawn Malta qatt ma ħamlu li l-ħaddiema jkollhom il-partit tagħhom li jkun imexxi lil Malta għall-ġid tal-ħaddiema u ta' Malta Ħielsa?

L-Unjoni Ewropea tista' tagħmel kollox, waqt li gvern tal-ħaddiema ma jista' jagħmel xejn, lanqas jekk dak li jkun irid jagħmel tkun tagħmlu l-Unjoni Ewropea.

## ARTIKOLU III-229

**Sabiex ikun possibbli li l-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu III-227 jintlaħqu, jista' jsir provvediment fil-kwadru tal-politika agrikola komuni partikolarment għal:**

**a) kordinament effettiv ta' l-isforzi fl-oqsma ta' formazzjoni professjonali, tar-riċerka u d-disseminazzjoni ta' tagħlim dwar l-agrikoltura; dan jista' jinvolvi finanzjar konġunt ta' proġetti jew istituzzjonijiet;**

**b) miżuri konġunti biex jippromwovu l-konsum ta' ċerti prodotti.**

**Kordinament u Miżuri**

Dawn huma affarijiet li jingħad li għandhom isiru, imma tajjeb li niftakru li dawn dejjem kienu l-għanijiet ta' l-Unjoni Ewropea sa mis-snin ħamsin tas-seklu l-ieħor.

Madankollu, mhux biss ma rnexxilhomx, imma s-settur tal-biedja huwa l-aktar li jixrob flus, waqt li l-prodotti agrikoli ta' l-Unjoni Ewropea huma mill-aktar għaljin fid-dinja minkejja s-sussidji li jingħataw, waqt li l-politika ta' l-Unjoni Ewropea qiegħda tkompli tfaqqar lill-bdiewa tal-pajjiżi tat-tielet dinja bis-sussidju li tagħti speċjalment fuq l-esportazzjoni.

Innutaw ukoll kif jingħad li fil-kwadru tal-politika agrikola komuni jistgħu jsiru provvedimenti għal "**miżuri konġunti biex jippromwovu l-konsum ta' ċerti prodotti.**"

Tgħid dan biex il-mexxejja jkunu jistgħu jixxaħħmu biex forsi, fost affarijiet oħra, jitħallew jiddaħħlu prodotti modifikati genetikament, jiġifieri dawk magħrufa bħala GMO's, minkejja l-oppożizzjoni kbira li hemm għalihom? B'xejn ma niskantaw.

**ARTIKOLU III-230**

**1. Is-Sezzjoni dwar ir-regoli tal-kompetizzjoni għandha tapplika għall-produzzjoni ta' u l-kummerċ fi prodotti agrikoli biss sa fejn determinat mil-liġi jew mil-liġi kwadru Ewropea skond l-Artikolu III-231(2), b'qies għall-għanijiet previsti fl-Artikolu III-227.**

**2. Il-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni, jista' jadotta regolament Ewropew jew deċiżjoni Ewropea li jawtorizzaw l-għoti ta' għajnuna:**

**a) għall-protezzjoni ta' intrapriżi żvantaġġati minn kondizzjonijiet strutturali jew naturali;**

**b) fi kwadru ta' programmi ta' żvilupp ekonomiku.**

**Ir-Regoli tal-Kompetizzjoni fl-Agrikoltura**

Tajjeb li tkunu tafu li l-biedja huwa settur regolat, jiġifieri għalkemm jingħata l-għajnuna, din tingħata taħt ċerti kundizzjonijiet u l-aktar li jingħata sussidju huwa għal ċerti prodotti li jitkabbru mill-bdiewa barranin ta' Stati Membri oħra u mhux mill-bdiewa Maltin u Għawdxin.

Għaldaqstant, ma tistax tingħata għajnuna jekk ma tkunx skond ir-regolamenti ta' l-Unjoni Ewropea, għall-prodotti li dwarhom tista' tingħata l-għajnuna, u bil-qies skond kemm tordna l-Unjoni Ewropea.

Tant huwa hekk, illi l-ebda bidwi ma jista', bħala eżempju, iħawwel dwieli aktar milli tagħti permess l-Unjoni Ewropea, għaliex fl-Istati Membri hemm numru kbir ta' dwieli, tant li xi minn daqqiet, l-Unjoni Ewropea kienet tħalli lill-Istati Membri jagħtu flus lill-bdiewa tagħhom biex iqaċċtu d-dwieli.

Mhux biss, imma meta kien hemm min fetaħ kawża għaliex ma tħallietx tħawwel id-dwieli u qalet li kellha jedd li tuża l-art tagħha kif tixtieq, il-kawża spiċċat quddiem il-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea li qalet li kellha tobdi l-ordni ta' l-Unjoni Ewropea u jekk riedet tuża l-art kellha tiżra jew tħawwel prodotti li l-Unjoni Ewropea kienet tħalliha.

Dan wieħed jista' jaraħ ukoll fit-Trattat tas-Sħubija ta' Malta fejn il-bdiewa Maltin ingħataw li jistgħu jħawwlu sa 1000 ettaru ta' dwieli, u ma jistgħux iħawwlu aktar.

Ftakru x'kien intqal, li "**la l-unjoni Ewropea trid hekk, ikollu jsir hekk**".

L-istess jista' jingħad dwar il-majjal, tiġieġ u annimali oħra, tant li jekk taraw it-Trattat tad-Dħul ta' Malta fl-Unjoni Ewropea ssibu li ma nistgħux inrabbu tiġieġ, majjali u annimali oħra kemm irridu, bħal ma għandna kwota wkoll ta' kemm il-bdiewa tagħna jistgħu jħawwlu dwieli.

Mhux biss imma nnutaw kif issa anki l-bdiewa tagħna li jkabbru t-tadam tilfu skoss liri u ħallew kollox fl-għelieqi għaliex l-għaref gvern Malti mhux biss ma rnexxilux iġib kwota kemm riedu l-bdiewa tagħna, imma lanqas ma kien jaf kemm kien hemm bdiewa li jkabbru t-tadam.

Issa l-bdiewa tagħna qegħdin ikunu jafu xi tfisser l-Unjoni Ewropea għaliex qegħdin jaraw b'għajnejhom u jmissu b'idejhom bħal San Tumas.

Tinsewx li l-Alla falz ta' l-Unjoni Ewropea huwa s-suq ħieles mingħajr l-ebda rażan. Jekk tiflaħ tikkompeti aħdem, jekk ma tiflaħx żarma.

Hekk jirraġunaw il-mexxejja federalisti, arroganti, ta' qalb ħadra, xierfa u mingħajr kuxjenza ta' l-Unjoni Ewropea.

L-unika triq li għandna biex il-poplu Malti u Għawdxi ma jibqax ibati mill-ordnijiet tal-barrani arroganti, imperjalist u kolonjalist ta' l-Unjoni Ewropea u jinqered bħal ma nqerdu miljuni ta' bdiewa, raħħala, sajjieda u kull kwalita' ta' ħaddiema oħra huwa li nitilqu mill-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea l-lejla qabel għada, jgħidu x'jgħidu l-mixtrija tagħha u l-ġeremija hawn Malta li kollha qegħdin ipappuha tajjeb minn fuq it-taxxi tagħna.

**ARTIKOLU III-231**

**1. Il-Kummissjoni għandha tissottometti proposti biex tinħadem u tiġi implimentata l-politika agrikola komuni, inkluża s-sostituzzjoni ta' organizzazzjonijiet nazzjonali b'wahda mill-forom ta' organizzazzjoni komuni prevista fl-Artikolu III-228(1), kif ukoll għall-implimentazzjoni tal-miżuri previsti f'din is-Sezzjoni.**

**Dawn il-proposti għandhom jieħdu in kunsiderazzjoni l-interdipendenza tal-kwistjonijiet agrikoli previsti f'din is-Sezzjoni.**

**2. Il-liġi jew il-liġi kwadru Ewropea Ewropea għandha tistabbilixxi l-organizzazzjoni komuni tas-suq prevista fl-Artikolu III-228(1) kif ukoll id-**

**disposizzjonijiet l-oħra meħtieġa għall-insegwiment ta' l-għanijiet tal-politika agrikola komuni u l-politika tas-sajd komuni. Għandha tiġi adottata wara konsultazzjoni mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali.**

**Politika Agrikola Komuni**

Innutaw li bħal ma jiġri f'kollox fl-Unjoni Ewropea, kollox isir b'liġijiet u regolamenti Ewropej, biex tkun l-Unjoni Ewropea li tgħid dak kollu li għandu jsir.

Tinsewx li l-Politika Agrikola Komuni wasslet biex eluf kbar ta' bdiewa tilfu xogħolhom, ħobżhom u ħobż il-familji tagħhom, waqt li l-prodotti tal-biedja ta' l-Unjoni Ewropea huma l-aktar għalja fid-dinja minkejja s-sussidju li jingħataw.

Innutaw kif bl-akbar arroganza qiegħed jingħad li għandhom jinbidlu l-organizzazzjonijiet nazzjonali biex issir waħda kif maħsub fl-Artikoli msemmija.

Dan diġa' rajnih ftit qabel meta ġbidna l-attenzjoni tagħkom kif il-mexxejja ta' l-Unjoni Ewropea jridu li dawn l-affarijiet ikunu **"OBBLIGATORJI", "BILFORS".**

Jekk l-organizzazzjonijiet tal-bdiewa u s-sajjieda qegħdin jaħdmu tajjeb u jagħmlu xogħolhom tajjeb, għalfejn għandek tfarrakhom biex tagħmel organizzazzjoni kif jordna l-barrani ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea?

**Politika tas-Sajd Komuni**

Semmejna wkoll is-sajjieda għaliex anki l-organizzazzjonijiet tas-sajjieda jridu jagħmlu hekk kif jingħad fis-subartikolu 2, fejn jingħad li mhux biss irid isir skond Artikolu III-228, imma "**ukoll id-disposizzjonijiet l-oħra meħtieġa għall-insegwiment ta' l-għanijiet tal-politika agrikola komuni u l-politika tas-sajd komuni**."

Innutaw ukoll kif jingħad li għandha tkun liġi Ewropea li tiddeċiedi kif għandu jaħdem is-suq biex kollox jimxi skond il-**Politika Agrikola Komuni** u l-**Politika tas-Sajd Komuni**. Xejn ħlief arroganza mingħajr limitu mill-mexxejja federalisti ta' l-Unjoni Ewropea.

**Il-Kunsill Jiffissa l-Prezzijiet, Taxxi, Kwoti Eċċ**

**3. Il-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni, għandu jadotta r-regolamenti u d-deċiżjonijiet Ewropej dwar l-iffissar ta' prezzijiet, imposti, għajnuna u limitazzjonijiet kwantitattivi u dwar l-iffissar u l-allokazzjoni ta' opportunitajiet tas-sajd.**

Innutaw kif is-subartikolu 3 qiegħed jagħti l-jedd u s-setgħa lill-Kunsill biex jiddeċiedi x'għandhom ikunu l-prezzijiet, imposti jiġifieri t-taxxi, l-għajnuna li tista' tingħata, kemm il-bdiewa u r-raħħala jistgħu jkabbru prodotti, u kemm is-sajieda jkunu jistgħu jaqbdu ħut, liema ħut, u kemm ikunu jistgħu jaqbdu ħut sajjjieda barranin minn Stati Membri oħra waqt li jkunu fl-ibħra territorjali tas-sajd ta' Stat Membru ieħor. Dak huwa dak li jfisser is-subartikolu 3.

Dan ifisser ukoll li waqt li s-sajjieda Maltin u Għawdxin għad ikollhom joqgħodu jħarsu fil-portijiet tagħna u ma joħorġux jistadu għaliex tkun spiċċatilhom il-kwota li tkun tathom l-Unjoni Ewropea, huma jkunu qegħdin jaraw sajjieda barranin jistadu fl-ibħra tagħna u jaqbdu ħut li bil-jedd kollu u skond il-liġi internazzjonali huwa tagħna.

Is-sajjieda Maltin u Għawdxin ma jkunu jistgħu jagħmlu xejn ħlief joqgħodu jisħtu lill-barrani ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea u l-ordnijiet tiegħu flimkien mal-**ĠUDIET** u **QUISLINGS** mixtrija tal-barrani li ma jixirqilhomx jissejħu Maltin u Għawdxin li daħħluna f'dan is-saram kollu.

Dan dejjem jekk ma nqumux waħda sewwa fuq tagħna, inqalftu 'l barra lill-barranin ta' l-Unjoni Ewropea, nibgħatuhom jixxejjru, niddikjaraw **l-Indipendenza, il-Ħelsien u s-Sovranita'** tagħna u nerġgħu nieħdu rajna f'idejna kif għandna kull jedd u setgħa li nagħmlu minn taħt il-ħakma illegali, imperjalista u kolonjali ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea.

**Organizzazzjoni Komuni**

**4. Skond il-paragrafu 2, l-organizzazzjonijiet nazzjonali tas-suq jistgħu jiġu sostitwiti mill-organizzazzjoni komuni prevista fl-Artikolu III-228(1) jekk:**

**a) l-organizzazzjoni komuni toffri salvagwardji ekwivalenti għall-impjieg u l-livell ta' l-għajxien tal-produtturi konċernati lil Stati Membri li jopponu din il-miżura u li għandhom organizzazzjoni tagħhom proprja għall-produzzjoni in kwistjoni, b'kont meħud tar-ritmu ta' l-aġġustamenti li jkunu possibbli u l-ispeċjalizzazzjoni li tkun meħtieġa, u**

**b) din l-organizzazzjoni tassigura kondizzjonijiet għall-kummerċ fl-Unjoni bħal dawk li jeżistu f'suq nazzjonali.**

Jekk l-organizzazzjonijiet nazzjonali tal-biedja u sajd ikunu qegħdin jaħdmu tajjeb, għalfejn għandha tiġi l-Unjoni Ewropea u tordna li dawn għandhom jispiċċaw u tiddaħħal minflokhom organizzazzjoni komuni kif jingħad?

Dan isir apposta għaliex inkella l-Unjoni Ewropea ma tkunx tista' tagħmel dak li trid fl-Istati Membri tagħha, li issa qegħdin jaraw kif kollox spiċċa minn taħt idejhom u għadda għal għand l-Unjoni Ewropea.

Madankollu, jekk Stati Membri joġġezzjonaw u jopponu għal din il-miżura, l-organizzazzjoni komuni toffrilhom salvagwardji **ekwivalenti** għall-impjieg u l-livell ta' għajxien tal-produtturi.

Innutaw li ma jingħadx li l-produtturi, jiġifieri l-bdiewa u s-sajjieda sejrin jibqgħu jaħdmu fix-xogħol li kellhom, imma s-salvagwardji li jiġu offruti huma **ekwivalenti** għall-impjieg u l-livell ta' għajxien li kellhom qabel.

Dan ifisser żewġ affarijiet. L-ewwel li numru ta' bdiewa u sajjieda li ħadd ma jaf kemm huwa sejrin jispiċċaw mingħajr xogħol, għaliex kieku ma kienx jingħad li s-salvagwardji huma "**ekwivalenti għall-impjieg**", imma kien jingħad li huma "**salvagwardji għall-impjieg**".

It-tieni, is-salvagwardji għal livell ta' għixien tal-produtturi jfisser li s-salvagwardji qegħdin jingħataw biex il-bdiewa u s-sajjieda jżommu l-livell ta' għixien li kellhom, mhux li jkomplu jtejjbuh.

Kieku ma kienx hekk ma kienx jingħad li s-salvagwardji huma "**għal livell ta' għixien**" tal-produtturi, imma kien jingħad li huma biex il-produtturi "**jtejjbu l-livell ta' għixien**" tagħhom.

Qegħdin taraw għalfejn dejjem nisħqu li għandkom taqraw kollox xi jkun hemm miktub u xi jkun irid jitfisser, li ma tistax tkun taf jekk inti ma toqgħodx taħseb sewwa u fil-fond xi jkun qiegħed jingħad u forsi x'ma jkunx qiegħed jingħad li inti taħseb li għandu jingħad fiċ-ċirkostanzi?

Innutaw ukoll li jingħad li l-organizzazzjoni "**tassigura kondizzjonijiet għall-kummerċ fl-Unjoni bħal dawk li jeżistu f'suq nazzjonali.**"

Fi kliem ieħor, is-suq huwa ta' **l-Unjoni Ewropea** u mhux aktar ta' **l-Istati Membri**, għaliex kieku ma kienx jingħad "**fl-Unjoni**" imma fis-swieq ta' l-Istati Membri.

Qegħdin taraw il-qerq u l-inganni tal-mexxejja federalisti ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea kif ikunu?

## Materja Prima

**5. Jekk organizzazzjoni komuni għal ċerta materja prima tiġi stabbilita qabel ma tkun teżisti l-organizzazzjoni komuni għall-prodotti pproċessati li jikkorrispondu għaliha, din il-materja prima li hija wżata għal prodotti pproċessati maħsuba għal esportazzjoni lejn pajjiżi terzi tista' tkun importata minn barra l-Unjoni.**

Taħwida li trid toqgħod tħabbel moħħok biex taħseb x'riedet tfisser biha l-Unjoni Ewropea.

Fi kliem ieħor, jekk l-Unjoni Ewropea tkun waqqfet organizzazzjoni komuni għal ċerta materja prima qabel ma twaqqaf organizzazzjoni komuni għall-prodotti maħduma minn dik il-materja prima, dik il-materja prima tista' tiġi mpurtata minn pajjiżi li m'humiex Stati Membri ta' l-Unjoni Ewropea jekk il-prodotti li jkunu sejrin jinħadmu minnha jkunu biex jerġgħu jiġu esportati lejn pajjizi terzi li m'humiex membri ta' l-Unjoni Ewropea.

Jekk dik il-materja prima tkun sejra tintuża biex il-prodotti li jinħadmu minnha jkunu maħsuba għas-suq ta' l-Unjoni Ewropea, huwa ċar daqs il-kristall li ma titħalliex tiġi mpurtata minn pajjiżi terzi, jew inkella jkollha tħallas dazji u levies kif tordna l-Unjoni Ewropea.

Biex nieħdu eżenpju, dan ifisser li jekk il-bdiewa Maltin u Għawdxin ma jkabbrux tadam biżżejjed għall-fabbriki tad-tadam u l-kunserva Maltin u Għawdxin, il-fabbriki li jaħdmu t-tadam ma jistgħux iġibu tadam minn pajjiżi li m'humiex membri ta' l-Unjoni Ewropea jekk it-tadam u l-prodotti tiegħu jkunu sejrin jintbagħtu lejn l-Istati Membri.

Il-fabbriki jkunu jistgħu jixtru tadam minn pajjiżi li m'humiex membri jekk dak it-tadam u l-prodotti tiegħu jkunu sejrin jerġgħu jintbagħtu lejn pajjiżi li ma jkunux membri ta' l-Unjoni Ewropea.

Dan jgħodd ukoll għall-bdiewa li jkabbru d-dwieli u prodotti oħra, kif jgħodd ukoll għas-sajjieda li l-prodotti tagħhom b'xi mod jiġu proċessati mill-prodotturi Maltin u Għawdxin.

Il-fabbriku kollha Maltin, u mhux dawk biss fis-swieq tal-prodotti agrikolu u tas-sajd, diġa' ndunaw kemm ġew imqarrqa, għaliex issa bilfors iridu jixtru l-materja prima mill-Unjoni Ewropea bi prezzijiet ħafna għola milli jsibu fis-swieq internazzjonali u b'hekk saru anqas kompetittivi u jista' jkun li jkollhom jagħlqu.

Jekk ikunu jridu u jitħallew jixtruha mingħand terzi pajjiżi jew l-Unjoni Ewropea ma jkollhiex minnha, ikollhom iħallsu dazji u levies ordnati mill-Unjoni Ewropea li xorta waħda jkompli jnaqqas il-kompetittivita' tagħhom. Dak huwa dak li tfisser l-Unjoni Ewropea.

## ARTIKOLU III-232

**Meta fi Stat Membru prodott huwa soġġett għal organizzazzjoni nazzjonali tas-suq jew għal regoli interni li jkollhom effett ekwivalenti, li jolqtu l-posizzjoni kompetittiva ta' produzzjoni simili fi Stat Membru ieħor, għandu jiġi applikat piż kompensatorju mill-Istati Membri għall-importazzjoni ta' dan il-prodott li jiġi mill-Istat Membru fejn din l-organizzazzjoni jew dawn ir-regoli jeżistu, sakemm dak l-Istat ma japplikax piż kompensatorju ghall-esportazzjoni.**

**Il-Kummissjoni għandha tadotta regolamenti jew deċiżjonijiet Ewropej li jistabbilixxu l-ammont ta' dawn il-piżijiet safejn huwa meħtieġ biex jerġa' jintlaħaq il-bilanċ. Tista' wkoll tawtorizza miżuri oħra, li tagħhom għandha tiddetermina l-kondizzjonijiet u d-dettalji.**

**Piżijiet Minħabba l-Għajnuna**

Fi kliem ieħor, jekk Stat Membru jkun b'xi mod jagħti xi għajnuna permezz ta' organizzazzjoni nazzjonali tas-suq, jew minħabba xi regoli interni li biha l-prodotti tiegħu jkunu aktar kompetittivi b'mod li jaffettwaw prodotti bħalhom minn Stati Membri oħra, l-Istati Membri l-oħra jistgħu jagħmlu piż, jiġifieri xi taxxi, biex ikunu ta' kumpens minħabba li l-prodott ta' l-Istat Membru l-ieħor ikun qiegħed jingħata xi għajnuna.

Fi kliem ieħor, minħabba li dak il-prodott bil-prezz inqas tiegħu jkun qiegħed jieħu s-suq ta' l-istess prodott fi Stati Membri oħra, l-Istati Membri l-oħra jistgħu jagħmlu xi taxxi fuqu ħalli jagħmluh aktar għali u b'hekk il-prodotti tagħhom jinbieghu aktar.

Qegħdin taraw il-qerq ta' l-Unjoni Ewropea?

Mela meta l-Gvern Malti kien jissussidja prodotti Maltin minħabba s-sussidju li dawk il-prodotti jingħataw biex isiru f'pajjiżi oħra, dak ma setgħax jagħmlu u kellna n-neħħu l-levies li kellna biex iħarsu l-prodotti Maltin.

Imma li tagħmlu l-Unjoni Ewropea fi Stati Membri oħra, dak tajjeb.

Madankollu, innutaw li hija l-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea li tadotta regolamenti u tieħu deċiżjonijiet dwar kemm Stati Membri oħra jistgħu jikkumpensaw biex jibbilanċjaw il-prodotti tagħhom.

Innutaw li kollox isir skond ma tiddeċiedi l-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea li kif tiftakru l-lealta' tagħha hija biss lejn l-Unjoni Ewropea u s-suq ħieles mingħajr l-ebda rażan u mhux lejn l-Istati Membri.

L-arroganza tal-Kummissjoni m'hemmx għalfejn noqgħodu nelaboraw fuqha għaliex kulħadd jafha.

Mela anki dan il-jedd u setgħa spiċċaw mingħand l-Istati Membri u ttieħdu mill-Unjoni Ewropea. Jista' jibqa' xi dubju li l-Istati Membri tilfu **l-Indipendenza, il-Ħelsien u s-Sovranita'** tagħhom fl-Unjoni Ewropea?

## SEZZJONI 5

## AMBJENT

## ARTIKOLU III-233

**1. Politika ta’ l-Unjoni dwar l-ambjent għandha tikkontribwixxi għat-twettiq ta’ l-għanijiet li ġejjin:**
**a) il-preservazzjoni, il-protezzjoni u t-titjib tal-kwalita’ ta’ l-ambjent;**
**b) il-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem;**
**ċ) l-użu prudenti u razzjonali tar-riżorsi naturali;**
**d) il-promozzjoni ta’ miżuri f’livell internazzjonali sabiex jiġu trattati problemi ambjentali reġjonali jew mad-dinja kollha.**

### Kollox Għal Għajn in-Nies

Waqt li kollox ikun magħmul biex jidher sabiħ għal għajn in-nies, u aħna naqblu li għandu jsir kollox biex jitħarsu u jitjiebu s-setturi kollha msemmija, anki jekk nieħdu settur wieħed biss, dak imsemmi fis-subinċiż (a) dwar l-ambjent, naraw il-qerq u l-gideb tal-mexxejja ta’ l-Unjoni Ewropea.

Aħna diġa’ urejnikom kif minkejja dak li jingħad, l-Unjoni Ewropea mhux tassew għandha għall-qalbha l-ambjent, imma tisserva biss bl-ambjent biex il-kapitalisti tagħha jinqdew aħjar u jkomplu jimpalaw l-eluf ta’ ewros minn fuq iċ-ċittadnin ta’ l-Istati Membri.

Nistgħu inħarsu biss kif il-Gvern Malti ma tħalliex iżomm ir-regolament tiegħu li kollox ikun fil-fliexken tal-ħġieġ, biex issa fuq l-ordnijiet ta’ l-istess Unjoni Ewropea l-gvern irid idaħħal taxxa fuq il-fliexken tal-plastik u l-bottijiet ta’ l-aluminju.

Qegħdin taraw kif fl-Unjoni Ewropew kollox isir bil-qerq, għaliex kieku tassew kellha għall-qalbha l-ambjent ma kinitx tħalli li jintużaw fliexken tal-plastik u bottijiet ta’ l-aluminju, u mhux tħallihom jintużaw, anzi todna lill-Gvern Malti jħallihom jidħlu f’Malta, imbagħad tagħmel taxxi talli jintużaw?

### Kimiċi bl-Addoċċ

Subinċiż **(b)** huwa dwar “**il-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem;”**Aħna nistaqsu kif tħares is-saħħa tal-bniedem?

Billi l-Unjoni Ewropea tħalli eluf kbar ta’ kimiċi u kuluri jintużaw fl-ikel u prodotti oħra għaliex hekk jaqbel lill-industrijalisti li jagħmlu dan il-kimiċi?

Billi l-Unjoni Ewropea tħalli jew tordna li ikel u prodotti agrikoli modifikati ġenetikament, dawk magħrufa bħala **GMO**’s, jiddaħħlu fl-Istati Membri? Min jaf xi jkun għadda minn taħt biex jittieħdu ċerti deċiżjonijiet?

Billi għall-Unjoni Ewropea jekk jista’ jkun is-servizzi tas-saħħa jkunu wkoll bi ħlas u tal-privat ħalli jkun hemm il-kompetizzjoni u l-Alla falz tas-suq ħieles mingħajr l-ebda rażan ta’ l-Unjoni Ewropea?

**Riżorsi Naturali**

Subinċiż **(ċ)** huwa dwar **"l-użu prudenti u razzjonali tar-riżorsi naturali;"** Aħna nistaqsu kif tkun prudenti u razzjonali fl-użu tar-riżorsi naturali?

Billi l-Unjoni Ewropea tordna li miljuni ta' tunellati ta' ħut li jkun inqabad u miet jiġi mormi u jnitten qiegħ il-baħar minħabba li ma jkunx skond id-daqs ordnat mir-regolamenti ta' l-Unjoni Ewropea u jekk ma jarmuħx is-sajjieda jeħlu eluf kbar ta' ewros f'multi?

Billi l-Unjoni Ewropea trid li jkollha armata ta' mijiet ta' eluf ta' suldati, mijiet ta' ajruplani tal-gwerra u mijiet ta' bastimenti tal-gwerra li mhux biss jaħarqu miljuni kbar ta' tunellati ta' zjut, imma jkomplu joħolqu problemi kbar għall-ambjent anki bil-kimiċi li jintużaw?

Billi l-Unjoni Ewropea minflok twaqqaf il-fliexken tal-plastik tordna lill-Gvern Malti jħallihom jidħlu biex il-produtturi fi Stati Membri oħra jibgħatu l-prodotti fihom minflok f'tal-ħġieġ u minn fuq tordna lill-Gvern Malti jagħmel taxxa fuq il-plastik?

Billi l-Unjoni Ewropea xorta waħda tintaxxa prodotti ta' l-enerġija li ma jagħmlux jew jagħmlu anqas ħsara fl-ambjent bħal ma huma biofuels u prodotti oħrajn?

Dawn huma biss ftit eżempji, għaliex jekk nibdew ma nieqfu qatt.

**Problemi Ambjentali**

Dwar subinċiż **(d) "il-promozzjoni ta' miżuri f'livell internazzjonali sabiex jiġu trattati problemi ambjentali reġjonali jew mad-dinja kollha,"**

Kull ma ngħidu huwa li kif jgħid il-qawl Malti, "**biex tiskonġra trid tkun pur**" u li "**l-kelma tqanqal, imma l-eżempju jkaxkar**", u nieqfu hemm.

**Qerq u Taxxi**

**2. Il-politika ta' l-Unjoni dwar l-ambjent għandha timmira lejn livell għoli ta' protezzjoni meta titqies id-diversita' tas-sitwazzjonijiet fir-reġjuni varji ta' l-Unjoni. Għandha tkun ibbażata fuq il-prinċipju ta' prekawzjoni u fuq il-prinċipji li għandha tittieħed azzjoni preventiva, li l-ħsara ambjentali għandha bħala prijorita' tiġi rettifikata fis-sorsi tagħha u li min iniġġeż għandu jħallas.**

**F'dan il-kuntest, miżuri ta' armonizzazzjoni bi tweġiba għall-ħtiġiet ta' protezzjoni ambjentali għandhom jinkludu, skond il-każ, klawżola ta' salvagwardja li tippermetti lill-Istati Membri li jieħdu miżuri provvizorji, għal raġunijiet ambjentali mhux ekonomiċi, bla ħsara għal proċedura ta' spezzjoni mill-Unjoni.**

Kif għedna qabel, kieku tassew l-Unjoni Ewropea għandha għal qalbha l-ambjent ma kinitx tħalli li jintużaw il-fliexken tal-plastik, u mhux tordna li min jużahom iħallas taxxa għaliex tgħid li min iniġġes għandu jħallas.

Tgħid min ħa din id-deċiżjoni għandu jiġi mġiegħel iħallas it-taxxa għall-ħsara għall-ambjent għaliex kienet deċiżjoni tiegħu li qed tħammeġ l-ambjent?

X'interessi kien hemm biex ittieħdet din id-deċiżjoni li jitħallew il-fliexken tal-plastik minflok fliexken tal-ħġieġ?

Tgħid hemm min kien imdaħħal fid-deċiżjonijiet biex jitħallew il-fliexken tal-plastik li għandu interessi fil-kumpaniji li jagħmluhom jew fil-fabbriki tal-plastik?

Huwa tassew li l-Unjoni Ewropea għandha liġijiet ambjentali maħsuba biex iħarsu l-ambjent, u bħala eżempju l-Greċja bdiet titwaħħal eluf kbar ta' ewros kuljum minħabba miżbla, imma kif rajna fil-każ tal-fliexken tal-plastik ta' Malta, l-Unjoni Ewropea li jinteressaha l-aktar il-flus u l-interessi tal-kapitalisti tagħha u mhux l-ambjent.

Innutaw ukoll li jekk minħabba ċirkostanzi xi Stati Membri jitħallew li jieħdu xi passi provviżorji, dawn dejjem ikunu suġġetti li l-Unjoni Ewropea tgħasses u tagħmel l-ispezzjonijiet tagħha. Iktar spjunaġġ fuq l-Istati Membri mill-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea.

Irridu ngħidu wkoll li bil-Malti ngħidu "**msewwija**" jew ngħidu wkoll "**irranġata**" u mhux "**rettifikata**", li t-tradutturi qalbuha mill-ilsien Ingliż "**rectified**".

**<u>L-Ambjent f'Idejn l-Unjoni Ewropea</u>**

**3. Fil-preparazzjoni tal-politika tagħha dwar l-ambjent, l-Unjoni għandha tieħu in kunsiderazzjoni:**

**a) data disponibbli xjentifika u teknika;**
**b) kondizzjonijiet ambjentali fir-reġjuni varji ta' l-Unjoni;**
**ċ) il-benefiċċji potenzjali u l-ispiża ta' azzjoni jew tan-nuqqas ta' azzjoni;**
**d) l-iżvilupp ekonomiku u soċjali ta' l-Unjoni in ġenerali u l-iżvilupp bilanċjat tar-reġjuni tagħha.**

Innutaw li waqt li hija l-Unjoni Ewropea li tiddeċiedi l-politika ta' l-ambjent li tkun tapplika fl-Istati Membri kollha, suppost li tagħti każ ta' l-affarijiet imsemmija. L-ewwel tnejn m'hemmx x'jingħad fuqhom, imma tajjeb li naraw l-aħħar tnejn.

Jekk naraw subinċiż (**ċ**) huwa ċar li l-Unjoni Ewropea tqis li jekk il-benefiċċji li jinkisbu ma jkunux akbar u l-ispiża biex jinkisbu ma tkunx anqas milli kieku ma tittieħidx azzjoni, ma jsir xejn, u l-kliem kollu dwar it-tħaris ta' l-ambjent itir mar-riħ u jispiċċa fix-xejn.

Fi kliem ieħor, l-Unjoni Ewropea qiegħda tissuġġetta t-tħaris ta' l-ambjent għall-ispiża u jekk għal dik l-ispiża jinkisibx vantaġġ biżżejjed. Qegħdin taraw kif kollox jitqies f'termini ta' flus u anki l-ambjent jitqies hekk.

Kieku tassew għandha għal qalbha l-ambjent, l-Unjoni Ewropea kienet tagħmel dak kollu meħtieġ biex jitħares l-ambjent, imma b'hekk, bħala eżempju, l-industrijalisti

tagħha jkollhom jidħlu fi spejjeż u jitnaqqas il-qligħ tagħhom biex jimxu ma xi regolamenti biex jitħares l-ambjent.

Ara bħal fil-każ tal-Greċja għaliex ikun sejjer iħallas il-poplu, jiġifieri ċ-ċittadini Griegi f'dan il-każ, hemmhekk iva, tinforza l-liġijiet u r-regolamenti tagħha biex iddaħħal aktar ħalli l-mexxejja u l-magħżulin tagħha jkollhom biex jixxalaw minn fuq iċ-ċittadini ta' l-Istati Membri.

Dwar is-subinċiż (**d**), kieku tassew l-Unjoni Ewropea għandha għal qalbha l-ambjent tagħmel dak kollu meħtieġ, anki tagħti l-għajnuna tagħha lir-reġjuni li jkunu jinħtieġuha u mhux toqgħod tara l-iżvilupp ġenerali tagħha u tar-reġjuni tagħha, biex jitħares l-ambjent.

Imma l-aktar ħaġa li rridu niġbdu l-attenzjoni għaliha huwa, innutaw, li jingħad "**tar-reġjuni tagħha**" minflok "**tar-reġjuni ta' l-Istati Membri**". Qegħdin taraw jekk l-Unjoni Ewropea tqisx it-territorju ta' l-Istati Membri bħala territorju tagħha?

U min iqis territorju ta' l-Istati Membri bħala territorju tiegħu mhux Stat Federali jkun, bħal ma hija l-Istati Uniti ta' l-Amerika?

Għandna raġun meta ngħidu li l-Unjoni Ewropea hija diġa' Stat Federali u l-għan tal-mexxejja tagħha huwa li din issir l-Istati Uniti ta' l-Ewropa?

**<u>Kompetenzi</u>**

**4. Fl-oqsma rispettivi tagħhom ta' kompetenza, l-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jikkoperaw ma' pajjiżi terzi u ma' organizzazzjonijiet kompetenti internazzjonali. L-arranġamenti għall-koperazzjoni ta' l-Unjoni jistgħu jkunu s-suġġett ta' ftehim bejn l-Unjoni u l-pajjiżi t-terzi konċernati.**

**L-ewwel subparagrafu għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-kompetenza ta' l-Istati Membri li jinnegozjaw f'korpi internazzjonali u li jikkonkludu ftehim internazzjonali.**

Waqt li minn dan is-subartikolu jidher li l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri jista' jkollhom kompetenzi t-tnejn biex jilħqu xi ftehim dwar l-ambjent, innutaw li l-Unjoni Ewropea tista' tagħmel ftehim ma'pajjiżi terzi, jiġifieri li ma jkunux membri tagħha, liema ftehim ikun jorbot ukoll lill-Istati Membri tagħha.

Il-fatt li l-Unjoni Ewropea tista' tilħaq ftehim hija juri mhux biss li din tqis lilha nfisha bħala Stat Federali li bil-ftehim jorbot lill-Istati Membri tiegħu, imma li hija tqis li għandha l-**kompetenza** u s-**Sovranita**' li tagħmel hekk.

Mela jekk l-Unjoni Ewropea tqis li għandha s-"**Sovranita'**", dan ifisser li hija **ħadet** dik is-**Sovranita'** mingħand l-Istati Membri li min-naħa tagħhom tilfuha. Qegħdin taraw kemm l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea jibqgħu **Stati Indipendenti, Ħielsa u Sovrani**?

Għalkemm jingħad li dan huwa mingħajr preġudizzju għall-kompetenza ta' l-Istati Membri li jilħqu xi ftehim f'organizzazzjonijiet internazzjonali, tinsewx li qabel

jagħmlu xi ħaġa, aktar qabel rajna li l-Istati Membri jridu jikkonsultaw u jiftehmu ma' l-Unjoni Ewropea u jaraw li dak li jkunu sejrin jiffirmaw ikun jaqbel ma' dak li trid l-Unjoni Ewropea.

Mela l-fatt li l-Istati Membri għandhom kompetenza li fl-ambjent jiffirmaw xi ftehim ma' organizzazzjoni internazzjonali ma jfisser xejn għaliex ma jistgħux jiffirmaw dak li jridu, imma dak li tħallihom jew tordnalhom jiffirmaw l-Unjoni Ewropea.

Dan m'huwiex ukoll l-akbar eżempju ta' Stat Federali li l-Istati Membri tiegħu ma jistgħux jagħmlu jew jiffirmaw xi ħaġa li tkun taqbel għalihom jekk qabel ma jġibux il-permess mingħand l-Istat Federali?

## ARTIKOLU III-234

**1. Il-liġi jew il-liġi kwadru Ewropea Ewropea għandha tistabbilixxi x'azzjoni għandha tittieħed biex jintlahqu l-għanijiet previsti fl-Artikolu III-223. Għandha tiġi adottata wara konsultazzjoni mal-Kumitat tar-Reġjuni u mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali.**

### L-Unjoni Ewropea ma Tagħti Xejn minn Tagħha

L-ewwel ma rridu nfakkru huwa li l-Artikolu III-223 huwa dwar il-Fondi Strutturali.

Għalkemm l-Istati Membri jingħataw għajnuna minn dawn il-fondi, **dawn huma flus li jkunu nġabru mit-taxxi taċ-ċittadini ta' l-Istati Membri**, u għalhekk il-mexxejja ta' l-Unjoni Ewropea ma jkunu qegħdin jagħtu xejn minn tagħhom.

Il-Mexxejja ta' l-Unjoni Ewropea jkunu qegħdin jagħtu lura liċ-ċittadini ftit biss milli jkunu ġabru mingħandhom wara li jkunu tnaqqsu l-miljuni kbar li huma u dawk tal-qalba għandhom bħala salarji u beneficcji.

Innutaw ukoll, madankollu, kif dejjem hija l-Unjoni Ewropea li tagħmel kollox skond kif tkun trid, għaliex anki f'dawn l-affarijiet qiegħed jingħad li għandhom isiru liġijiet Ewropej biex iwaqqfu u jgħidu liema azzjonijiet għandhom jittieħdu biex jintlaħqu l-għanijiet msemmija f'dak l-Artikolu.

Innutaw ukoll kif minkejja li dawn ikunu flus miġbura miċ-ċittadini ta' l-Istati Membri, il-konsultazzjonijiet isiru biss ma' istituzzjonijiet oħra ta' l-Unjoni Ewropea kif jissemma fl-istess subartiklu, u mhux ma' l-Istati Membri, għalkemm jista' jingħad li l-Istati Membri għandhom ir-rappreżentanti tagħhom f'dawk il-Kumitati.

### Deroga

**2. B'deroga mill-paragrafu 1 u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu III-172, il-Kunsill għandu b'mod unanimu jadotta liġijiet jew liġijiet kwadru Ewropej li jistabbilixxu:**

**a) disposizzjonijiet ta' natura primarjament fiskali;**

**b) miżuri li jolqtu:**

**i) l-ippjanar tal-bliet u tal-kampanja;**

**ii) l-immaniggjar kwantitattiv tar-riżorsi ta' l-ilma, jew dak kollu li jolqot, direttament jew indirettament, id-disponibbilta' ta' dawk ir-riżorsi;**

**iii) l-użu ta' l-art, bl-eċċezzjoni ta' l-immaniġġjar ta' l-iskart;**

Minħabba li dan is-subinċiż għandna ftit kummenti sewwa fuqu, subinċiż (**ċ**) sejrin narawh wara li nikkummentaw fuq is-subinċiżi (**a**) u (**b**) ta' dan is-subartiklu.

Huwa tajjeb li naraw ftit dak li qiegħed jingħad f'dan is-subartikolu. Innutaw kif fis-subinċiż (**a**) qiegħed jingħad li l-Kunsill tal-Ministri għandu jadotta, jiġifieri jagħmel liġijiet jew liġijiet kwadru Ewropej primarjament ta' natura fiskali.

Fi kliem ieħor, jagħmel liġijiet biex jintaxxa liċ-ċittadini ta' l-Istati Membri biex iħarsu l-ambjent.

**<u>Hija Taxxa u Mhux Kontribuzzjoni Ambjentali</u>**

Hawnhekk tajjeb li nfakkru dwar dik li l-Gvern sejħilha kontribuzzjoni ambjentali, li ma hija kontribuzzjoni xejn għaliex kontribuzzjoni tagħtiha jekk trid, imma hija biss taxxa ambjentali.

Din kellu jagħmilha **bilfors għaliex hekk ordnat l-Unjoni Ewropea u hekk ikollu jsir**, għaliex dawn l-affarijiet huma maħsuba fid-Direttiva 2002/95/EC tas-27 ta' Jannar 2003,[1] id-Direttiva 2002/96/EC tas-27 ta' Jannar 2003,[2] u Direttiva 2003/108/EC tat-8 ta' Diċembru 2003[3] li temenda d-Direttiva 2002/96/EC. Dawn id-Direttivi huma kollha tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Fl-ewwel tnejn issibu wkoll lista' ta' affarijiet li l-Gvern ried jagħmel it-taxxa fuqhom, waqt li fl-aħħar waħda jingħad li l-Istati Membri jridu jiżguraw li sat-13 ta' Awissu 2004 ikunu daħħlu fis-seħħ, li prodotti li ma jintużawx minn djar privati jridu jkunu l-produtturi li jridu jagħmlu tajjeb għall-ispejjes biex jirriċiklawhom jew jiddisponu minnhom, waqt li prodotti mixtrija wara dik id-data jridu jagħmlu tajjeb għalihom min jużahom, jiġifieri aħna l-konsumaturi.

Il-Gvernijiet kellhom sa dik id-data biex ikunu daħħlu wkoll fis-seħħ liġijiet, regolamenti u provvedimenti amministrattivi biex jobdu din id-direttiva, jinfurmaw lill-Kummissjoni bihom, u jaraw li fihom ikun hemm referenza għal din id-Direttiva.

Ried ikun hemm ukoll multi għal min ma jobdix dawn il-liġijiet u regolamenti u l-Istati Membri jridu jibgħatu rapport kull tliet snin lill-Kummissjoni fuq l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2002/96/EC.

[1] OJ L 37 13.2.2003 p19
[2] OJ L 37 13.2.2003 p24
[3] OJ L 345 31.12.2003 p106

Bid-Direttiva 2002/95/EC, il-Gvernijiet kienu mhux biss marbuta biex idaħħlu l-liġijiet, regolamenti u proċeduri amminstrattivi sat-13 ta' Awissu 2004 u jinfurmaw immedjatament lill-Kummissjoni, imma li anki jibgħatulha kopja tagħhom.

Tajjeb tkunu tafu wkoll li waqt li għal prodotti li jkunu nxtraw qabel it-13 ta' Awissu 2005 ix-xerrejja jistgħu jingħataw dettalji dwar kemm hemm żjieda fil-prezz minħabba d-Direttivi ta' l-Unjoni Ewropea, ix-xerrejja li jixtru l-prodotti tagħhom wara dik id-data ma jistgħux jingħataw dettalji dwar iż-żjieda fil-prezz tal-prodotti minħabba dawn id-Direttivi.[4]

Dan ifisser li tant sejrin jiżdiedu l-ispejjeż, tant sejrin jogħlew l-affarijiet, li l-Unjoni Ewropea ma jaqblilhiex li x-xerrejja jkunu jafu kemm sejjer ikollhom iħallsu iżjed minħabba d-Direttivi mingħajr sens u minħabba l-ġenn tal-mexxejja arroganti federalisti tagħha.

Dan huwa l-qerq, l-ingann u l-ħabi li hemm f'kull ma jagħmlu l-mexxejja arroganti federalisti ta' qalb ħadra u xierfa u mingħajr kuxjenza ta' l-Unjoni Ewropea.

Issa tafu li l-Gvern qiegħed ikollu jobdi u jagħmel dak kollu li tordnalu l-Unjoni Ewropea u jintaxxa liċ-ċittadini Maltin u Għawdxin skond kif qiegħda tordnalu.

Issa tafu wkoll għaliex il-Gvern ried li jdaħħal it-taxxa ambjentali f'Awissu u ma riedx jistenna, għaliex hekk ried jagħmel skond dawn id-Direttivi.

Aħna qegħdin nagħtu wkoll id-dettalji ta' fejn huma ppublikati dawn id-Direttivi biex min irid ikun jista' jsibhom, imma dawn huma wkoll ippubblikati fuq il-website ta' l-Unjoni Ewropea.

Tajjeb li tkunu tafu wkoll li stqarrija għall-istampa[5] maħruġa fit-13 ta' Awissu 2004 fakkret li sa dak in-nhar l-Istati Membri kellhom idaħħlu fis-seħħ id-Direttivi msemmija u li Margot Wallstrom, il-Kummissarju dwar l-Ambjent qalet li kienet iddiżappuntata li 24 minn 25 Stat Membru kienu għadhom ma daħħluhomx.

Kienet biss il-Greċja li kienet daħħlet id-Direttiva, u għalhekk kien hemm dak il-ġenn kollu mill-Prim Ministru li ried idaħħal it-taxxa ambjentali f'Awissu għaliex kien sejjer jaqla tumakka oħra.

**<u>L-Ippjanar ta' l-Ibliet u tal-Kampanja</u>**

Tajjeb li naraw ukoll x'jista' jagħmel aktar il-Kunsill tal-Ministri. Dan jista' jagħmel jew jieħu miżuri li jaffettwaw "**l-ippjanar ta' l-ibliet u tal-kampanja**"

Waqt li jista' jkun hemm min jgħid li dan huwa tajjeb għaliex hawn Malta għandna rebus sħiħ, u dan huwa ħażin u m'għandux ikun, li rridu niftakru huwa li din hija jedd u setgħa oħra meħuda mingħand l-Istati Membri mill-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea.

---

[4] Artiklu 8 Direttiva 2002/96/EC
[5] Reference IP/04/1033 Date 13/08/2004

Għaldaqstant, l-ippjanar ta' l-ibliet u l-kampanja sejjer jispiċċa wkoll mingħand l-Istati Membri li dejjem qegħdin jispiċċawlhom il-jeddijiet u s-setgħat tagħhom li dejjem kellhom skond il-liġi internazzjonali li jirregolaw dak kollu li jsir f'pajjiżhom.

Arroganza mill-akbar mill-mexxejja federalisti ta' l-Unjoni Ewropea li la jafu jisthu, u lanqas għandhom qatra żejt f'wiċċhom li huwa agħar mill-għatba tal-Klistanija.

Aħna nistaqsu. B'liema dritt jiġi l-barrani ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea u jordnalna kif għandna niżviluppaw l-ibliet u l-kampanja tagħna? Tridu li nibqgħu taħt dan il-madmad illegali, kolonjali u imperjalista tal-mexxejja ta' l-Unjoni Ewropea?

Sejrin nibqgħu qisna mejtin jew sejrin inqumu waħda sewwa fuq tagħna u nibgħatu lill-barrani ta' l-Unjoni Ewropea u lill-**ĠUDIET** ta' Malta u taċ-ċittadini Maltin, il-qaddejja **QUISLINGS** servili tiegħu, isaqqu l-ħass tal-Marsa u ta' Brussell u nerġgħu nieħdu rajna f'idejna kif għandna kull jedd u setgħa li nagħmlu?

**<u>L-Immaniġġjar ta' l-Ilma mill-Kunsill Ukoll</u>**

Il-miżuri li l-Kunsill tal-Minsitri jista' jieħu jistgħu jaffettwaw ukoll **"l-immaniġġjar kwantitattiv tar-riżorsi ta' l-ilma, jew dak kollu li jolqot, direttament jew indirettament, id-disponibbilta' ta' dawk ir-riżorsi".**

Qegħdin taraw kif l-Unjoni Ewropea permezz ta' l-istituzzjonijiet tagħha tindaħal u trid tindaħal anki dwar l-ilma?

Tant trid tindaħal fl-ilma l-Unjoni Ewropea, li xi snin ilu kien hemm kwistjoni għaliex fl-Irlanda l-ilma kien b'xejn, u l-Unjoni Ewropea riedet li kulħadd iħallas għaliex trid li xejn ma jkun b'xejn.

Li kien għall-Unjoni Ewropea kollox isir tal-privat, għaliex l-Alla tagħha huwa s-suq ħieles mingħajr l-ebda rażan immexxi mill-privat, u ma jimpurtahiex li l-ilma huwa riżors naturali li huwa taċ-ċittadini kollha ta' kull Stat Membru.

Huwa għalhekk ukoll li l-ilma mibgħut minn Alla għola mas-sema u sejjer ikompli jogħla, għaliex l-Unjoni Ewropea lanqas ilma b'xejn jew bi ftit flus ma tħalli li ċ-ċittadini ta' l-Istati Membri jixorbu, imma kollox irid ikun skond il-prezz tas-suq, aħseb u ara kemm sejra tħalli li l-ilma jkun issussidjat.

Dan fuq l-ilma, aħseb u ara jekk tmissna x-xorti li nsibu ż-żejt kemm issir pressjoni biex jiġi privatizzat biex il-qligħ minnu jmur l-aktar għand il-privat, aktarx kumpaniji minn Stati Membri oħra ta' l-Unjoni Ewropea.

Din hija raġuni oħra għalfejn għandna nqumu kontra l-barrani li reġa' ġabna kolonja tiegħu bil-konġura tiegħu mal-**ĠUDIET** Maltin u Għawdxin li huma **QUISLINGS** li lesti jmexxu u jintaxxaw lill-poplu Malti skond ma jordnalhom il-barrani arroganti, kolonjalista u federalista minn Brussell.

Għalhekk għandna nibgħatuhom jixxejru u nfittxu nitilqu minn taħt il-ħakma illegali, kolonjali u imperjalista ta' l-Unjoni Ewropea kif għandna kull jedd u setgħa li nagħmlu jgħidu x'jgħidu l-**ĠUDIET** u l-**QUISLINGS** mixtrija Maltin u Għawdxin.

**L-Użu ta' l-Art Regolat Ukoll mill-Kunsill**

Il-Kunsill tal-Ministri jieħu ukoll miżuri li jaffettwaw "**l-uzu ta' l-art, bl-eċċezzjoni ta' l-immaniġġjar ta' l-iskart".**

Fi kliem ieħor, l-art tagħna u jkun il-Kunsill tal-Ministri ta' l-Unjoni Ewropea li jgħidilna u jordnalna kif għandna nużawha. Ara mbagħad għall-iskart, għaliex dak ikollok tagħmel l-ispejjeż, dak iħallih għall-Istati Membri u ċ-ċittadini biex iħallsu għalih u jamminstrawh.

Imma barra minn hekk, din hija wkoll botta għall-Istati Membri u ċ-ċittadini tagħhom li l-Unjoni Ewropea mhux biss tindaħal f'kollox u kulħadd irid jagħmel dak li tgħidlu jew inkella jeħel il-multi, imma li l-Unjoni Ewropea u l-istituzzjonijiet tagħha jistmaw lill-Istati Membri u ċ-ċittadini tagħhom ta' żibel u tħallihom jieħdu ħsieb biss iż-żibel.

Xejn anqas u xejn aktar. Hekk biss ifisser dan is-subinċiż. Tridu tibqgħu f'dan is-saram kollu u minn fuq il-mexxejja ta' l-Unjoni Ewropea jistmawkom ta' żibel?

**Miżuri Dwar l-Enerġija mill-Kunsill**

**ċ) miżuri li jolqtu b'mod konsiderevoli l-għażla ta' Stat Membru bejn għejjun differenti ta' enerġija u l-istruttura ġenerali tal-provvista tiegħu ta' enerġija.**

**Il-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni, jista' jadotta, b'mod unanimu, deċiżjoni Ewropea li tirrendi l-proċedura ordinarja leġislattiva applikabbli għall-oqsma previsti fl-ewwel subparagrafu.**

**Fil-każijiet kollha, il-Kunsill għandu jaġixxi wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew, mal-Kumitat tar-Reġjuni u mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali.**

L-ewwel sentenza qiegħda tagħti lill-Kunsill tal-Ministri l-jedd u s-setgħa li jieħu miżuri li jaffettwaw b'mod "**konsiderevoli**", jiġifieri "**sostanzjali**", l-għażla ta' l-Istati Membri bejn għejjun differenti ta' l-enerġija.

Fi kliem ieħor, il-Kunsill tal-Ministri sejjer ikun jista' jieħu miżuri, biex nieħdu eżempju, kif diġa' ttieħdu mill-Unjoni Ewropea, li tagħmel taxxa qawwija fuq ċerti prodotti bħal ma huwa d-diesel u li jiżdiedu l-liċenzji ta' vetturi li jkunu jużaw id-diesel, u b'hekk ikun qiegħed jaffettwa b'mod "**konsiderevoli**", jew aħjar "**sostanzjali**" l-għażla ta' l-Istati Membri u taċ-ċittadini bejn għejjun ta' enerġija.

L-istess jista' jingħad dwar jekk jintużax il-petrol mingħajr ċomb, gass naturali, enerġija mir-riħ, xemx, baħar, u kull għejjun oħra ta' enerġija, kemm għandu jkun hemm riserva tiegħu jew tagħhom, kif għandhom ikunu mqassma, x'taxxi jitħallsu, u dak kollu li l-Unjoni Ewropea permezz tal-Kunsill tal-Ministru jkun jidrilha li għandha tordna.

Mhux biss, ima nnutaw kif fuq proposta tal-Kummissjoni, il-Kunsill jista' bi qbil unanimu, b'deċiżjoni Ewropea jiddeċiedi biex il-liġijiet imsemmija jibdew isiru bil-proċedura leġislattiva ordinarja ħalli b'hekk jiffrankaw il-problemi li jistgħu jinqalgħu.

Aktar 'il qudiem naraw din il-proċedura x'inhija, għaliex hemm provvedimenti apposta kif din għandha ssir.

Qegħdin taraw kif isir il-qerq mill-mexxejja fl-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea biex mis-subgħa jieħdu l-id u wara jkunu jistgħu jgħidulek li huma jkunu qalulhek u li inti kont qbilt ma' dawk l-affarijiet?

Qegħdin taraw xi jfisser li tkun membru fl-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea, u kemm trid toqgħod attent għall-qerq li dejjem imxew bih il-mexxejja ta' l-Unjoni Ewropea u ma temminx dak kollu li l-istess Unjoni Ewropea, il-**ĠUDIET** u l-qaddejja fidili u **QUISLINGS** tagħha jippruvaw ibellgħulek?

**<u>Programm ta' Azzjoni b'Liġi Ewropea</u>**

**3. Liġi Ewropeja għandha tistabbilixxi programmi ta' azzjoni ġenerali li jistabbilixxu għanijiet ta' prijorita' li għandhom jintlaħqu. Din il-liġi għandha tiġi adottata wara konsultazzjoni mal-Kumitat tar-Reġjuni u mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali.**

**Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dawn il-programmi għandhom jiġu adottati skond il-kondizzjonijiet tal-paragrafu 1 jew 2, skond il-każ.**

Innutaw li mhux biss l-Istati Membri huma obbligati li jimxu skond ma jkunu ordnati jagħmlu mid-Direttiva li toħroġ l-Unjoni Ewropea, imma l-Unjoni Ewropea għandha tagħmel liġijiet Ewropej biex tgħid liema huma l-għanijiet tagħha f'kull qasam u kif għandhom jintlaħqu.

Anki għall-oqsma msemmija fl-ewwel żewġ subartikoli ta' dan l-Artikolu li għadna kif rajna l-Unjoni Ewropea qiegħda tingħata jedd u setgħa biex tagħmel liġijiet Ewropej għalihom biex tirregolahom u biex tagħmel programmi ta' azzjoni li l-Istati Membri jridu jagħmlu u jilħqu.

Mhux biss, imma anki qiegħda tingħata s-setgħa biex tagħmel ukoll il-miżuri kollha meħtieġa biex dawn il-programmi jiġu implimentati jew, fi kliem ieħor, isiru u jiġu nfurzati mill-Istati Membri fuq iċ-ċittadini tagħhom permezz tal-**QUISLINGS** li jmexxu f'isimha.

Xejn ħlief ordnijiet, diktat, mill-mexxejja federalisti, arroganti, wiċċhom mingħajr qatra żejt u agħar mill-għatba tal-Klistanija ta' l-Unjoni Ewropea fuq l-Istati Membri u ċ-ċittadini tagħhom.

**<u>L-Unjoni Tiddeċiedu u l-Istati Membri Jiffinanzjaw</u>**

**4. Mingħajr preġudizzju għal ċerti miżuri adottati mill-Unjoni, l-Istati Membri għandhom jiffinanzjaw u jimplimentaw il-politika ambjentali.**

Qegħdin taraw l-arroganza tal-mexxejja ta' l-Unjoni Ewropea? Huma jordnaw dak li għandhom jagħmlu l-Istati Membru, u huma l-istess Stati Membri, jew aħjar iċ-ċittadini tagħhom permezz tat-taxxi tagħhom li jridu jħallsu biex jagħmlu dak li tkun ordnat l-Unjoni Ewropea.

Jistgħu il-mexxejja ta' l-Unjoni Ewropea jkunu wiċċhom aktar vili, mingħajr l-iċken qatra żejt u agħar mill-għatba tal-Klistanija meta jordnaw dak li għandu jsir u jordnaw li dan għandhom jagħmlu tajjeb għalih iċ-ċittadini ta' l-Istati Membri?

Qegħdin taraw kemm l-Unjoni Ewropea hija Stat Federali li jordna lill-Istati Membri tiegħu u liċ-ċittadini tagħhom x'għandhom jagħmlu u minn fuq iħallsu huma għal dak li jkunu ġew ordnati jagħmlu?

Jista' jibqa' xi dubju kemm l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea tilfu **l-Indipendenza, il-Ħelsien u s-Sovranita'** tagħhom bis-sħubija fl-Unjoni Ewropea?

## Spejjeż Disproporzjonati u Derogi Temporanji

**5. Mingħajr preġudizzju għall-prinċipju li min iniġġeż għandu jħallas, jekk miżura bbażata fuq il-paragrafu 1 tinvolvi spejjeż meqjusa bħala disproporzjonati għall-awtoritajiet pubbliċi ta' Stat Membru, din il-miżura għandha tipprovdi f'forma xierqa għal:**

**a) derogi temporanji, u/jew**

**b) sostenn finanzjarju mill-Fond ta' Koeżjoni.**

Innutaw li minkejja li biex jitwettaq dak li tkun ordnat l-Unjoni Ewropea jkun sejjer jikkawża spejjeż sproporzjonati għall-awtoritajiet pubbliċi ta' Stat Membru, dak l-Istat Membru jista' jingħata biss derogi temporanji, li naturalment ikunu qsar ħafna. Madankollu, fl-aħħar mill-aħħar xorta waħda jkun irid jagħmel dak li jkun ġie ordnat.

Wieħed jista' jieħu eżempju dwar dan u jirreferi għad-Direttiva 2002/96/EC, fejn fl-Artiklu 17(4)(a) jingħad li minħabba r-raġunijiet imsemmija, il-Greċja u l-Irlanda jistgħu jtawwlu l-perjodi msemmija fl-Artikli 5(5) u 7(2) ta' din id-Direttiva sa' 24 xahar.

Il-fatt li Stat Membru jingħata sostenn mill-fond imsemmi ma jfisser xejn, għaliex is-sostenn m'huwiex sejjer jibqa' għal dejjem, waqt li l-piżijiet xorta waħda jkunu jridu jintrefgħu miċ-ċittadini tiegħu permezz tat-taxxi tagħhom.

Mhux biss, imma ftakru li jekk jingħataw xi parti mill-ispejjes dawn ikunu ġejjin mit-taxxi li jħallsu l-istess ċittadini ta' l-Istati Membri. Mela l-mexxejja federalisti ta' l-Unjoni Ewropea ma jkunu qed jagħtu xejn minn tagħhom.

M'hemmx dubju li ċ-ċittadini Maltin u Għawdxin diġa' ndunaw b'dan, u sejrin ikomplu jindunaw aktar ma jgħaddi żmien jew sakemm ma jkunux jifilħu iżjed u nibgħatu l-barrani jixxejjer u nerġgħu nieħdu rajna f'idejna kif għandna kull jedd u setgħa li nagħmlu.

## Miżuri minn Stati Membri Jridu Jkunu Kompatibbli mal-Kostituzzjoni Bilfors

**6. Il-miżuri protettivi adottati skond dan l-Artikolu m'għandhomx iżommu lil xi Stat Membru milli jżomm fis-seħħ jew idaħħal miżuri protettivi aktar iebsa.**

**Dawn il-miżuri jridu jkunu kompatibbli mal-Kostituzzjoni. Għandhom jiġu notifikati lill-Kummissjoni.**

Innutaw li waqt li jingħad li l-Istati Membri jistgħu jagħmlu protezzjoni aktar iebsa, u m'hemmx dubju li dan ikun ifisser ukoll aktar ħlasijiet, taxxi u multi aktar ħorox, l-Istati Membri ma jistgħux jagħmlu anqas milli jordnaw id-Direttivi msemmija jew kull ordni oħra maħruġa mill-Unjoni Ewropea.

Mhux biss, imma dawn il-proposti jridu jkunu jaqblu mal-Kostituzzjoni li trid tagħmel l-Unjoni Ewropea u jridu jiġu notifikati lill-Kummissjoni.

Hawnhekk għandna l-akbar provi li l-Kostituzzjoni hija l-aqwa liġi li l-liġijiet l-oħra kollha jridu jkunu jaqblu magħha u ma jkollhom xejn kontriha, waqt li naraw ukoll kif biċċa Kummissjoni li ma hija mtella bl-ebda vot taċ-ċittadini ta' l-Istati Membri trid tiġi notifikata biex jekk ikun hemm xi ħaġa li ma tkunx tridha tordna biex titneħħa mill-Istati Membri.

Hemm għalfejn nikkummentaw iżjed?

**SEZZJONI 6**

**PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR**

**ARTIKOLU III-235**

**1. Sabiex jiġu promossi l-interessi tal-konsumaturi u sabiex jiġi assigurat livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur, l-Unjoni għandha tikkontribwixxi għall-protezzjoni tas-saħħa, tas-sigurtà u ta' l-interessi ekonomiċi tal-konsumaturi, kif ukoll għall-promozzjoni tad-dritt tagħhom għal informazzjoni, edukazzjoni u d-dritt li jorganizzaw ruħhom sabiex jissalvagwardjaw l-interessi tagħhom.**

**Id-Drittijiet tal-Konsumatur Sottomessi għas-Suq**

Waqt li jkun hemm min jaħseb u jgħid li huwa tajjeb li l-Unjoni Ewropea tagħmel dak li tista' biex jitħares il-konsumatur, u m'hemmx dubju li kulħadd jaqbel li l-konsumatur għandu jiġi mħares, innutaw li dan huwa wkoll indħil fl-affarijiet interni ta' l-Istati Membri.

Mhux biss, imma dan ifisser li l-Istati Membri minkejja li ħafna minnhom jiftaħru li huma fuq quddiem fil-ħarsien tal-konsumatur ma jagħtuhx il-ħarsien meħtieġ, għaliex kieku l-Unjoni Ewropea ma kienx ikollha għalfejn tindaħal, mhux hekk?

Innutaw li waqt li jingħad li dan għandu jsir biex jitħares il-konsumatur, fl-istess waqt dan qiegħed ikun sottomess għall-ħtiġijiet imsemmija fis-subartikolu 2, li jfisser li l-Unjoni Ewropea trid li l-ħarsien tal-konsumatur isir biss biex jintlaħaq it-twaqqif tas-suq intern mingħajr l-ebda xkiel, u biex tkun tista' żżomm għajnejha fuq l-Istati Membri.

Iflu s-subartikolu 2 sewwa u tindunaw li dan m'huwa xejn ħlief spjunaġġ uffiċjali mill-Unjoni Ewropea fuq l-Istati Membri biex tara li dawn ikunu qegħdin jagħmlu dak kollu li jkunu ordnaw l-istituzzjonijiet tagħha bl-iskuża tal-ħarsien tal-konsumatur. Xejn aktar u xejn anqas.

**Spjunaġġ u Kontroll fuq l-Istati Membri**

**2. L-Unjoni għandha tikkontribwixxi biex jintlaħqu l-għanijiet previsti fil-paragrafu 1 permezz ta':**

**a) miżuri adottati skond l-Artikolu III-172 fil-kuntest ta' l-istabbiliment u l-funzjonament tas-suq intern;**

**b) miżuri li jappoġġaw, jissupplimentaw u jikkontrollaw il-politika mwettqa mill-Istati Membri.**

Innutaw kif bl-arroganza kollha, il-mexxejja federalisti arroganti ta' l-Unjoni Ewropea jridu jingħataw il-jedd li jridu jiddaħħal fil-Kostituzzjoni biex ma jkunx hemm l-iċken dubju biex huma jkunu jistgħu "**jikkontrollaw il-politika mwettqa mill-Istati Membri.**"

Jista' jibqa xi dubju li l-Unjoni Ewropea hiaj u taġixxi bħala Stat Federali li jordna x'għandhom l-Istati Membri u ċ-ċittadini tagħhom u kemm l-Istati Membri tilfu **l-Indipendenza, il-Ħelsien u s-Sovranita'** tagħhom.

**<u>L-Ispjunaġġ u Kontroll b'Liġi Ewropea</u>**

**3. Il-liġi jew il-liġi kwadru Ewropea għandha tistabbilixxi l-miżuri previsti fil-paragrafu 2(b). Din il-liġi għandha tiġi adottata wara konsultazzjoni mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali.**

Mhux biss l-Unjoni Ewropea tordna b'xi Direttiva jew Regolament, imma nnutaw li skond is-subartikolu 3, il-miżuri msemmija fil-paragrafu (2)(b), li aħna sejjaħnilu subartikolu, għandhom jiddaħħlu permezz ta' liġijiet jew liġijiet kwadru Ewropej.

**<u>Miżuri Notifikati Bilfors lill-Kummissjoni</u>**

**4. Atti adottati skond il-paragrafu 3 m'għandhomx iżommu lil kwalunkwe Stat Membru milli jżomm fis-seħħ jew idaħħal disposizzjonijiet protettivi iktar iebsa. Dawn id-disposizzjonijiet iridu jkunu kompatibbli mal-Kostituzzjoni. Għandhom jiġu notifikati lill-Kummissjoni.**

Ara hawnhekk l-Unjoni Ewropea ma twaqqafx xi Stat Membru li l-mexxejja tiegħu jkun jidhrilhom li għandhom ikunu, kif ngħidu, insara aktar mill-Papa, u jagħmlu liġijiet aktar ħorox, imma ma tħallihomx jagħmluhom anqas ħorox milli tordna l-istess Unjoni Ewropea.

Madankollu, innutaw li dawn id-disposizzjonijiet iridu jkunu kompatibbli, jiġifieri jaqblu mal-Kostituzzjoni u jkunu jridu jiġu notifikati lill-Kummissjoni biex din tkun tista' teżaminahom ħalli tara jekk huwiex tassew li jaqblu u ma jiksrux il-Kostituzzjoni.

Dan ifisser li, bħala eżempju, jekk dawk id-disposizzjonijiet ikunu b'xi mod ifixklu s-suq ħieles mingħajr l-ebda rażan li huwa l-Alla falz ta' l-Unjoni Ewropea, dawk id-disposizzjonijiet ma jitħallewx isiru jew ikomplu fis-seħħ.

L-aqwa u l-isbaħ eżempju li jista' jingħata, għalkemm m'huwiex fil-qasam tal-protezzjoni tal-konsumatur imma fil-qasam ta' l-ambjent huwa l-liġi li kellna Malta dwar li ma setgħux jintużaw fliexken tal-plastik.

Il-Gvern Malti li suppost kien gvern ta' **Stat Indipendenti, Ħieles u Sovran** kellu jneħħiha u jaċċetta l-ordnijiet ta' l-Unjoni Ewropea biex iħalli l-fliexken tal-plastik jiddaħħlu hawn Malta u jobdi l-ordni l-oħra biex imbagħad jagħmel taxxa fuqhom bl-iskuża li dawn jagħmlu ħsara fl-ambjent. Anki f'dan il-qasam hekk jiġri.

Innutaw ukoll kif għednilkom qabel kif biċċa Kummissjoni li ma hija mtella bl-ebda vot taċ-ċittadini ta' l-Istati Membri tordna lill-Istati Membri x'għandhom jagħmlu.

Tridu li nibqgħu f'dan is-saram, il-madmad u jasar kolonjali ġdid ta' l-Unjoni Ewropea?

# SEZZJONI 7

# TRASPORT

## ARTIKOLU III-236

**1. L-għanijiet tal-Kostituzzjoni f'materji regolati minn din is-Sezzjoni għandhom jiġu segwiti fil-qafas ta' politika komuni dwar it-trasport.**

**2. Il-liġi jew il-liġi kwadru Ewropea għandha timplimenta l-paragrafu 1 waqt li tieħu in kunsiderazzjoni l-karatteristiċi partikolari tat-trasport. Għandha tiġi adottata wara konsultazzjoni mal-Kumitat tar-Reġjuni u mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali.**

**Il-liġi jew liġi kwadru Ewropea għandha tistabbilixxi:**

**a) regoli komuni applikabbli għat-trasport internazzjonali lejn jew mit-territorju ta' Stat Membru jew li jgħaddi mit-territorju ta' Stat Membru wieħed jew iktar;**

**b) il-kondizzjonijiet li taħthom trasportaturi mhux residenti jistgħu joperaw servizzi tat-trasport nazzonali fi Stat Membru;**

**ċ) miżuri biex titjieb is-sigurta' tat-trasport;**

**d) kull miżura oħra xierqa.**

**<u>Politika Komuni tat-Trasport b'Liġi Ewropea</u>**

Bħal ma dejjem niġbdu l-attenzjoni tagħkom, innutaw kif kollox isir b'liġijiet Ewropej biex ma jkun hemm l-ebda skuża biex l-Istati Membri ma jobduhomx. Mhux biss, imma ħalli nkomplu ninnutaw l-affarijiet l-oħra.

Subinċiż (a), fejn il-liġjiet Ewropej irid ikun fihom regolamenti li japplikaw għat-trasport imsemmi, jiġifieri, "**regoli komuni applikabbli għat-trasport internazzjonali lejn jew mit-territorju ta' Stat Membru jew li jgħaddi mit-territorju ta' Stat Membru wieħed jew iktar**"

Fi kliem ieħor, l-Unjoni Ewropea tista' tagħmel liġijiet biex tirregola t-trasport internazzjonali f'Malta jekk dan ikun ġej jew sejjer f'pajjiż li ma jkunx membru tagħha jew jgħaddi minn Malta għal għand xi Stat Membru.

Dan huwa kontra l-Kostituzzjoni tagħna għaliex skond il-Kostituzzjoni tagħna il-liġijiet li japplikaw f'Malta jista' jagħmilhom biss il-Parlament Malti u l-ebda Stat jew organizzazzjoni barranija. Fejn qegħdin il-Membri Parlamentari Maltin u Għawdxin?

Hawnhekk tajjeb li nfakkru li l-mezzi tat-trasport kollha, imma speċjalment dawk kbar bħal trakkijiet, **dalwaqt ikollhom jibdew iħallsu liċenzji għola u jwaħħlu apparat** li bih ma jkunux jistgħu jimxu aktar minn ċertu mixi skond ma ordnat l-Unjoni Ewropea u kif hemm fit-Trattat tas-Sħubija li nħeba miċ-ċittadini Maltin u Għawdxin.

## Trasportaturi Mhux Residenti

Innutaw subinċiż (**b**), fejn qiegħed jingħad bl-aktar mod ċar li l-istess liġijiet Ewropej għandhom jagħmlu l-kundizzjonijiet li trasportaturi mhux residenti jistgħu iħaddmu servizzi ta' trasport fi Stat Membru ieħor.

Fi kliem ieħor, trasportaturi barranin mill-Unjoni Ewropea mhux Maltin u Għawdxin sejrin ikunu jistgħu jaħdmu wkoll hawn Malta fis-settur tat-trasport.

Infakkru li servizzi ta' trasport ifissru wkoll anki s-servizz tat-trasport pubbliku, u minkejja dak li jingħad dwar li dan huwa regolat mill-gvern, kif tistgħu taraw l-Unjoni Ewropea malajr tista' toħroġ liġi Ewropea li tneħħih minn taħt il-kontroll tal-Gvern u tagħmel dak li jidrilha.

Fi kliem ieħor, **is-sidien tal-karozzi tal-linja għandhom theddida għal-xogħolhom** u ħobżhom għaliex meta trid l-Unjoni Ewropea sejra tkun tista' tordna li t-trasport pubbliku għandu jinfetaħ għal kull min ikun irid jipprovdih.

'Il quddiem tkunu tafu u taraw kemm għandna raġun u kemm dak li ngħidu huwa s-sewwa, is-sewwa kollu u xejn ħlief is-sewwa.

## Kull Miżura Oħra Xierqa

Jekk ikun hemm xi ħadd li jgħid li l-Unjoni Ewropea ma tistax tagħmel hekk, araw is-subinċiż (**d**), fejn jingħad li liġi Ewropea flimkien mar-regolamenti tista ssir biex tieħu **"kull miżura oħra xierqa".**

Hawn xi ħadd li jista' jgħid x'inhija, xi tfisser, u x'jidrilha issa jew aktar 'il quddiem l-Unjoni Ewropea li hija "**miżura xierqa**"?

**Issa s-sidien tal-karozzi tal-linja, il-burdnara u l-mezzi tat-trasport l-oħra** kollha jistgħu jaraw kemm għandhom xogħolhom, ħobżhom u ħobż il-familji tagħhom mhedded mhux biss bis-sħubija u bir-regolamenti ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea, imma li jittieħed mill-barranin ta' l-Unjoni Ewropea bħal ma diġa' qiegħed jiġri f'oqsma oħra.

## Jintlaqat Serjament il-Livell ta' l-Għixien u l-Impjiegi

**3. Meta l-liġi jew il-liġi kwadru Ewropea prevista fil-paragrafu 2 tiġi adottata, għandhom jitqiesu dawk il-każijiet fejn l-applikazzjoni tagħhom tista' tolqot serjament il-livell ta' l-għajxien u l-livell ta' l-impjiegi f'ċerti reġjuni kif ukoll l-operazzjoni ta' faċilitajiet tat-trasport.**

Subartikolu ieħor li ddaħħal biex taparsi l-Unjoni Ewropea qalbha taħraqha għall-ħaddiema tat-trasport, imma kif rajna aktar qabel, anki l-ħaddiema tat-trasport Maltin u Għawdxin sejrin iduqu xi tfisser is-sħubija fl-Unjoni Ewropea. Stennew u taraw.

Innutaw kif ma jingħadx li liġi li "**tista' tolqot serjament il-livell ta' l-għajxien u l-livell ta' l-impjiegi f'ċerti reġjuni kif ukoll l-operazzjoni ta' faċilitajiet tat-trasport"** ma ssirx, imma li dawn għandhom jitqiesu, naturalment fid-diskrezzjoni ta' l-Unjoni Ewropea, meta tadotta l-liġi.

## ARTIKOLU III-237

**Sakemm il-liġi jew il-liġi kwadru Ewropea prevista fl-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu III-236(2) tkun ġiet adottata, u salv jekk il-Kunsill ikun adotta b'mod unanimu deċiżjoni Ewropea li tagħti deroga, l-ebda Stat Membru ma jista' jirrendi d-disposizzjonijiet varji li jirregolaw is-suġġett nhar l-1 ta' Jannar 1958 jew, għall-Istati li ser jingħaqdu, id-data ta' l-adeżjoni tagħhom, anqas favorevoli fl-effett dirett jew indirett tagħhom fuq trasportaturi ta' Stati Membri oħra meta imqabbla ma' trasportaturi li huma ċittadini ta' dak l-Istat.**

### Stati Membri ma Jistgħu Jagħmlu Xejn Kontra

L-ewwel nett infakkru li bil-Malti ma ngħidux **"adeżjoni", i**mma **"sħubija".**

Madankollu, l-aktar importanti huwa li dan l-Artikolu jgħid li minkejja li anki jekk l-ebda liġijiet Ewropej imsemmija fl-Artikolu ta' qabel ma jkunu għadhom saru, l-ebda Stat Membru ma jista' jagħmel kundizzjonijiet għal trasportaturi minn Stati Membri li jkunu jridu jagħtu servizz f'dak l-Istat Membru li jkunu anqas favorevoli minn dawk li jkollhom it-trasportaturi tiegħu.

Fi kliem ieħor, ma jistgħax jagħmel xi kundizzjonijiet għat-trasportaturi minn Stati Membri oħra li ma jkollhomx jew ma jkunux japplikaw għat-trasportaturi tiegħu biex b'xi mod, kemm direttament jew indirettament, u li ma kinux fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1958, ifixkel trasportaturi minn Stati Membri oħra milli jaħdmu fit-territorju tiegħu.

Qegħdin jaraw issa dawk kollha mdaħħla fil-qasam tat-trasport kif l-Unjoni Ewropea sejra teqridilhom xogħolhom li sejjer jittieħed minn trasportaturi minn Stati Membri oħra?

Wieħed jista' jistaqsi għalfejn tissemma d-data ta' l-1 ta' Jannar 1958. Dan għaliex f'dak il-jum kienu daħlu fis-seħħ it-Trattati tal-Komunita' Ekonomika Ewropea u t-Trattat dwar il-Komunita' Ewropea dwar l-Enerġija Atomika.

Għaldaqstant, minn dak in-nhar, l-Istati Membri ma setgħux jagħmlu restrizzjonijet fuq trasportaturi li jkunu ġejjin minn Stati Membri oħra aktar milli kellhom qabel, anzi kellhom ineħħuhom ftit ftit sakemm tneħħew kollha. Dan kien jgħodd għas-setturi kollha li jaqgħu taħt dawk it-Trattati u mhux għat-trasport biss.

L-istess japplika għall-Istati Membri l-ġodda, fosthom Malta, li dan japplika sa mid-data tad-dħul tagħhom bħala membri ta' l-Unjoni Ewropea.

Qed taraw f'liema saram daħħluna l-**ĠUDIET** tal-poplu Malti u ta' Malta u l-**QUISLINGS** li lesti li jagħmlu dak kollu li jordnalhom il-barrani ta' l-Unjoni Ewropea minn Brussell?

Dan kollu nistgħu neħilsu minnu jekk nibgħatu lill-Unjoni Ewropea u lil-lagħaqa tagħha hawn Malta jixxejru u nerġgħu niddikjaraw **l-Indipendenza, il-Ħelsien u s-Sovranita'** tagħna minn taħt il-ħakma illegali, kolonjali u imperjalista ta' l-Unjoni Ewropea kif għandna kull jedd u setgħa li nagħmlu.

## ARTIKOLU III-238

**L-għajnuniet għandhom ikunu kompatibbli mal-Kostituzzjoni jekk ikunu jħarsu l-bżonnijiet ta' kordinazzjoni tat-trasport jew jekk ikunu jirrappreżentaw ir-rimborżi ta' ċerti piżijiet li jeżistu fil-prinċipju ta' servizz pubbliku.**

**Għajnuna Marbuta**

Fi kliem ieħor, għajnuna tista' tingħata biss jekk din tkun biex jiġu sodisfatti l-ħtiġijiet li jiġi kordinat it-trasport, jew jekk dik l-għajnuna tkun bi ħlas lura minħabba li jsiru ċerti obbligi li minnhom infushom ikunu fil-kunċett ta' trasport pubbliku.

## ARTIKOLU III-239

**Kull miżura li tiġi adottata fil-qafas tal-Kostituzzjoni dwar ir-rati u l-kondizzjonijiet tat-trasport għandha tqies iċ-ċirkostanzi ekonomiċi tat-trasportaturi.**

**Eluf ta' Liri fi Spejjes Żejda mit-Trasportaturi**

Waqt li huwa tajjeb li jittieħdu ċ-ċirkostanzi ekonomiċi tat-trasportatur u r-rati li jitħallsu, infakkru li l-Unjoni Ewropea tagħmel kemm Alla ħalaq liġijiet u regolamenti li jkunu jridu jimxu magħhom it-trasportaturi

Dawn il-liġijiet u regolamenti jfissru eluf kbar ta' liri spejjeż żejda għat-trasportaturi, li mbagħad ikollhom bilfors jgħollu l-ħlas tat-trasport tagħhom, liema żjiediet u ħlasijiet ikollhom jagħmlu tajjeb għalihom iċ-ċittadini ta' l-Istati Membri. Stennew u taraw, għaliex kif jgħidu, **iż-żmien għad jagħtina parir**.

Dak huwa li tfisser is-sħubija fl-Istat Federali ta' Unjoni Ewropea bil-ġenn tal-liġijiet u regolamenti tagħha.

## ARTIKOLU III-240

**1. Fil-każ ta' trasport fl-Unjoni, diskriminazzjoni fejn trasportaturi jitolbu rati differenti u jimponu kondizzjonijiet differenti għat-trasport ta' l-istess merkanzija fuq l-istess relazzjonijiet ta' trasport fuq bażi ta' l-Istat Membru ta' l-oriġini jew tad-destinazzjoni tal-merkanzija in kwistjoni għandha tkun ipprojbita.**

**Trasportaturi Jridu Jiġu Trattati l-Istess**

Fi kliem ieħor, Stat Membru ma jistax iħalli li trasportaturi tiegħu jagħmlu kundizzjonijiet jew ħlas differenti għal merkanzija li tkun sejra jew ġejja minn Stati Membri oħra skond mingħand jew għand liema Stat Membru tkun sejra jew ġejja.

Imma bilħaqq, dak m'għadux territorju ta' l-Istati Membri, għaliex kif rajna aktar qabel, l-Unjoni Ewropea tqis it-territorju ta' l-Istati Membri bħala territorju tagħha, u huwa għalhekk li ma trid li jkun hemm l-ebda differenza bejn Stati Membri differenti.

Qegħdin taraw dak li dejjem għedna li l-Unjoni Ewropea hija Stat Federali li ħadet il-jeddijiet kollha mingħand l-Istati Membri tagħha?

<u>**Aktar Liġijiet Ewropej**</u>

**2. Il-paragrafu 1 m'għandux jeskludi l-adozzjoni ta' liġijiet jew liġijiet kwadru Ewropej oħra skond l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu III-236(2).**

Innutaw kif minkejja dak li jingħad fl-ewwel subartikolu, it-tieni subartikolu jgħid li minkejja dak li jingħad fl-ewwel subartikolu, xorta waħda jistgħu jsiru liġijiet jew liġijiet kwadru Ewropej skond ma jingħad fl-Artikolu msemmi.

Dan l-artikolu rajnih qabel u nfakkru li dan jgħid li liġi Ewropea u regolamenti jistgħu jsiru mill-Unjoni Ewropea biex tieħu, fost kollox, **"kull miżura oħra xierqa"**, u tinsewx li jekk dik il-miżuri hijiex xierqa jew x'inhija tiddeċidih l-Unjoni Ewropea.

Fi kliem ieħor u biex wieħed jifhem aħjar, l-ewwel subartikolu qiegħed jgħid li ma jistax ikun hemm kumpanija Maltija tat-trasport li biex tgħin esportaturi jew importaturi Maltin tieħu minn għandhom ħlas anqas jekk din tkun ġejja jew sejra għand Stat Membru milli tieħu jekk din tkun sejra jew ġejja minn Stati Membri oħra, għaliex inkella tkun qiegħda tagħmel diskriminazzjoni magħhom.

<u>**Regolamenti u Deċiżjonijiet mill-Kunsill**</u>

**3. Il-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni, għandu jadotta regolamenti jew deċiżjonijiet Ewropej għall-implimentazzjoni tal-paragrafu 1. Għandu jaġixxi wara li jikkonsulta l-Parlament Ewropew u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali.**

**Il-Kunsill jista' b'mod partikolari jadotta r-regolamenti u d-deċiżjonijiet Ewropej meħtieġa sabiex l-istituzzjonijiet ikunu jistgħu jassiguraw ħarsien tar-regola prevista fil-paragrafu 1 u sabiex jiġi assigurat li min jużaha jibbenefika minnha bis-sħiħ.**

Kulħadd jista' jara li l-Unjoni Ewropea ma tħallix f'idejn l-Istati Membri biex jobdu, għaliex hawnhekk qiegħda tingħata l-jedd u s-setgħa li l-Kunsill tal-Ministri fuq proposta tal-Kummissjoni, jkun jista' jagħmel regolamenti u jieħu deċiżjonijiet Ewropej dwar subartikolu 1 u biex jinfurzahom.

Qegħdin taraw kemm jibqgħu **Indipendenti, Ħielsa u Sovrani** l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea? Tridu li nibqgħu f'dan il-jasar kolonjali ta' l-Unjoni Ewropea?

<u>**Kif Taġixxi l-Kummissjoni**</u>

**4. Il-Kummissjoni, li taġixxi fuq l-inizjattiva proprja jew fuq applikazzjoni minn Stat Membru, għandha tinvestiga kull każ ta' diskriminazzjoni li jaqa' taħt il-paragrafu 1 u, wara konsultazzjoni ma' kwalunkwe Stat Membru konċernat,**

**tadotta d-deċiżjonijiet Ewropej meħtieġa fil-qafas tar-regolamenti u deċiżjonijiet Ewropej previsti fil-paragrafu 3.**

Jedd u setgħa oħra mogħtija lill-Kummissjoni ta’ l-Unjoni Ewropea biex jekk ikun jidrilha tista’ minn jeddha jew fuq applikazzjoni ta’ xi Stat Membru, tinvestiga kull każ fejn ikun qiegħed jiġi allegat li tkun qiegħda ssir diskriminazzjoni, u tieħu deċiżjonijiet li jkun jidrilha.

Qegħdin taraw kif l-Istat Federali ta’ l-Unjoni Ewropea dejjem tkun għassa qisha seqer fuq l-Istati Membri biex tara li dak li tkun ordnat jagħmluh għal kollox skond kif ikunu ordnati mill-istess Unjoni Ewropea?

Hawnhekk irridu niġbdu l-attenzjoni li bil-Malti ma ngħidux “**proprja**” imma “**tagħha**”, jiġifieri fil-każ ta’ dan is-subartikolu, hija taġixxi fuq l-inizjattiva tagħha stess.

Jistgħu l-Istati Membri jibqgħu jissejħu **Stati Indipendenti, Ħielsa u Sovrani** jekk biċċa Kummissjoni li ma hija mtella bl-ebda vot taċ-ċittadini tagħhom tista’ tordnalhom jagħmlu kif tgħid hija u jekk ma jobdux tieħu passi kontrihom aniki fil-Qorti ta’ l-Unjoni Ewropea?

**ARTIKOLU III-241**

**1. L-imposizzjoni minn Stat Membru, fir-rigward ta’ operazzjonijiet ta’ transport imwettqa fl-Unjoni, ta’ rati u kondizzjonijiet li jinvolvu kwalunwke element ta’ sostenn jew protezzjoni fl-interess ta’ impriża jew impriżi partikolari għandha tiġi pprojbita, sakemm mhux awtorizzata minn deċiżjoni Ewropea tal-Kummissjoni.**

**<u>L-Ebda Għajnuna mill-Istati Membri</u>**

Qegħdin taraw kif l-Istati Membri ma jistgħux jagħtu xi għajnuna għat-trasport biex jgħinu xi impriża jew industrija waħda, dejjem jekk ma tkunx awtorizzata mill-Kummissjoni?

Dan mhux biss ifisser li jekk ikun hemm xi impriża jew industrija, kemm jekk tat-trasport jew li tuża t-trasport li tkun tinħtieġ l-għajnuna ma tistax tingħata l-għajnuna mill-Istat Membru, imma jekk din l-għajnuna tingħatax, kemm u għal kemm żmien tiddeċidih biss il-Kummissjoni ta’ l-Istat Federali ta’ l-Unjoni Ewropea.

Biex nieħdu eżempju, il-bdiewa, ir-raħħala u s-sajjieda Għawdxin ma jistgħux jibqgħu jitħallew iġibu l-prodotti tagħhom hawn Malta b’xejn jew jingħataw sussidju għat-trasport, imma jridu jħallsu tat-trasport kollu lill-Gozo Channel għaliex inkella jkunu qegħdin jingħataw għajnuna kontra r-regolamenti u din il-Kostituzzjoni ta’ l-Unjoni Ewropea.

**Dan qiegħed ukoll fit-Trattat tas-Sħubija fejn jingħad li jrid jispiċċa fi żmien ħames snin, jiġifieri sas-sena 2009 irid ikun spiċċa u ma jibqax jingħata iżjed. Dan huwa dak li tfisser li-Unjoni Ewropea għall-bdiewa u sajjieda Għawdxin.**

Biex inkomplu, l-istorja wriet li l-Kummissjoni jew ma tħallix li tingħata għajnuna, jew jekk tħalli li tingħata xi ftit għajnuna jkun għal ftit żmien u dik l-impriża li tingħata għajnuna jkollha tbigħ setturi li ma jkunux jagħmlu qligħ u tibgħat lil-ħaddiema 'l barra.

Dak huwa li tfisser is-sħubija fl-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea. Telfien ta' jeddijiet u setgħat mill-Istati Membri u telfien tax-xogħol u hobż tal-ħaddiema u tal-familji tagħhom. L-istess se jiġri hawn Malta kif għad taraw aktar 'il quddiem.

**<u>Il-Kummissjoni Tieħu Deċiżjoni</u>**

**2. Il-Kummissjoni, li taġixxi fuq l-inizjattiva tagħha jew fuq applikazzjoni minn Stat Membru, għandha teżamina r-rati u l-kondizzjonijiet previsti fil-paragrafu 1, waqt li jitqiesu b'mod partikolari l-ħtiġiet ta' politika ekonomika reġjonali xierqa, tal-bżonnijiet ta' żoni sottożviluppati u tal-problemi ta' żoni milquta serjament minn ċirkostanzi politiċi min-naha l-wahda, u ta' l-effetti ta' dawn ir-rati u l-kondizzjonijiet fuq il-kompetizzjoni bejn il-modi differenti ta' trasport min-naħa l-oħra.**

**Wara li tikkonsulta lil kull Stat Membru konċernat, il-Kummissjoni għandha tadotta d-deċiżjonijiet Ewropej meħtieġa.**

**3. Il-projbizzjoni prevista fil-paragrafu 1 m'għandhiex tapplika għal tariffi ffissati minħabba l-kompetizzjoni.**

Innutaw li dawn huma kollha jeddijiet u setgħat meħuda mingħand l-Istati Membri mill-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea, u spjunaġġ fuq l-Istati Membri u ċ-ċittadini tagħhom biex isir dak kollu ordnat mill-Unjoni Ewropea u l-istituzzjonijiet tagħha.

Innutaw kif l-ebda Stat Membru ma jista' jagħmel xi rati jew kundizzjonijiet maħsuba fil-paragrafu 1 jekk il-Kummissjoni ma tkunx eżaminat kollox kif jingħad u tkun hija li tagħtih permess jagħmel xi ħaġa.

Mhux biss, imma r-rati kollha jistgħu jiġu eżaminati mill-Kummissjoni u mqabbla ma rati li jkun hemm fi Stati membri oħra biex tara jekk dawk ir-rati b'xi mod humiex qegħdin ikunu ta' sussidju.

Qegħdin taraw kemm jibqgħu **Indipendenti, Ħielsa u Sovrani** l-Istati Membri fl-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea meta jkollhom joqgħodu taħt għassa stretta u kontinwa mill-istituzzjonijiet ta' l-Istat Federali?

Tridu li nibqgħu f'dan il-jasar kolonjali li daħħluna fih l-Unjoni Ewropea permezz tal-**ĠUDIET** li ma jixirqilhomx jissejħu Maltin?

Tridu li nibqgħu membri fl-Unjoni Ewropea u nkunu mmexxija minn mexxejja li ma jixirqilhomx li jissejħu Maltin għaliex ikunu biss **QUISLINGS** li jkollhom jobdu u jmexxu biss skond l-ordnijiet tal-barrani arroganti kolonjalista u federalista ta' l-Unjoni Ewropea li reġgħu ġabu lil Malta kolonja tagħhom?

## ARTIKOLU III-242

**Piżijiet jew ħlasijiet dovuti fir-rigward tal-qsim ta' fruntieri li huma mitluba minn trasportatur b'żieda għar-rati tat-trasport m'għandhomx jaqbżu livell ragjonevoli wara li jittieħdu in kunsiderazzjoni l-ispejjeż involuti effettivament.**

**L-Istati Membri għandhom jippruvaw inaqqsu dawn l-ispejjeż.**

**Il-Kummissjoni tista' tagħmel rakkomandazzjonijiet lil Stati Membri għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu.**

**<u>Qsim ta' Fruntieri</u>**

Li qiegħed jingħad huwa li jekk ikun hemm xi spejjeż li t-trasportaturi jkollhom iħallsu meta jkollhom jaqsmu minn Stat Membru għal Stat Membru ieħor, dawn mhux biss iridu jkunu raġonevoli, imma jridu jkunu skond l-ispejjes li tassew ikun hemm.

Fi kliem ieħor, jekk ikun meħtieġ li, biex nieħdu eżempju, trailer jintiżen biex jiġi żgurat li trasportatur ikun qiegħed jobdi regolamenti dwar piż li jista' jġorr, u l-użin ta' dak it-trailer ikun jiswa ħamsin ċenteżmu, dak l-Istat Membru ma jistax jitlob ħlas ta' sittin ċenteżmu.

Mhux biss, imma nnutaw li l-Istati Membru għandhom jippruvaw inaqqsu dawn l-ispejjeż, waqt li l-Kummissjoni tista' tagħmel ir-rakkomandazzjonijiet tagħha lill-Istati Membri. Tinsewx li wara r-rakkomandazzjonijiet jiġu l-ordnijiet.

Madankollu, tajjeb li tiftakru li aktar qabel rajna li l-Unjoni Ewropea tista' tagħmel ukoll liġi Ewropea u regolamenti biex "**tieħu kull miżura oħra xierqa**". Kull kumment ieħor ikun żejjed għaliex diġa' għamilnih qabel.

**<u>Hemm Fruntieri jew Le?</u>**

Tajjeb li qabel ngħaddu għall-Artikolu li jmiss niġbdu l-attenzjoni tagħkom għall-qerq u l-kontradizzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea.

Waqt li min-naħa tgħid li għandha suq intern wieħed mingħajr fruntieri bejn l-Istati Membri, min-naħa l-oħra qegħda ssemmi l-qsim tal-fruntieri mit-trasportaturi.

Hemm jew le fruntieri interni? Veru każ ta' ħawwadni ħa nifhmek.

## ARTIKOLU III-243

**Id-disposizzjonijiet ta' din is-Sezzjoni m'għandhomx jiffurmaw xkiel għall-applikazzjoni tal-miżuri meħuda fir-Repubblika Federali tal-Ġermanja sal-limitu li dawn il-miżuri huma meħtieġa sabiex jikkumpensaw għall-iżvantaġġi ekonomiċi kkawżati mid-divizjoni tal-Ġermanja lill-ekonomija ta' ċerti żoni tar-Repubblika Federali milquta minn dik id-diviżjoni. Ħames snin wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa, il-Kunsill, li jaġixxi**

**fuq proposta mill-Kummissjoni, jista' jadotta deċiżjoni Ewropea li tħassar dan l-Artikolu.**

**<u>Il-Ġermanja Speċjali</u>**

Dan l-Artikolu juri ħaġa waħda biss. Min l-aktar qiegħed fuq quddiem u jinfluwenza l-aktar lill-Unjoni Ewropea fid-deċiżjonijiet tagħha.

Ħafna ma jistgħux jifhmu kif l-Unjoni Ewropea trid iddaħħal fil-Kostituzzjoni tagħha li minħabba l-qasma li kien hemm fil-Ġermanja wara l-gwerra mqanqla mill-istess Ġermanja, liema qasma issa ilha li spiċċat erbatax-il sena, il-Ġermanja għandha tkompli tingħata setgħa u jedd speċjali biex tkompli tagħti l-għajnuna lil ċerti nħawi tagħha aktar minn Stati Membri oħra.

Tgħid sewwa jingħad f'ċerti ċrieki li wara li raw kif il-Ġermanja reġgħet ingħaqdet, kif bidlet il-Kostituzzjoni tagħha biex is-suldati tagħha jservu anki barra t-territorju Ġermaniż u kif diġa' qegħdin jieħdu sehem f'operazzjonijiet madwar id-dinja, dan qiegħed isir u huwa mdaħħal fil-Kostituzzjoni biex ma jmurx il-Ġermanja jfettlilha terġa' tagħmel xi waħda minn tagħha kif dejjem għamlet?

Nies fl-istess ċrieki li nnutaw il-ħbiberija kbira li hemm bejn Franza u l-Ġermanja jistaqsu wkoll jekk dan huwiex l-istess bħal ma sar qabel il-gwerra fejn qiegħda terġa' tkun immexxija l-politika ta' kuntentizza, jiġifieri li tħalli lill-politiċi "**kuntenti**", dik magħrufa bħala politika ta' "**appeasement**"?

Innutaw li jingħad li ħames snin wara li jidħol fis-seħħ it-Trattat dwar il-Kostituzzjoni ta' l-Unjoni Ewropea, **il-Kunsill, li jaġixxi fuq proposta mill-Kummissjoni, jista' jadotta deċiżjoni Ewropea li tħassar dan l-Artikolu".**

Innutaw li jingħad "**jista'**", mhux "**għandu**". Mela hawnhekk diġa' għandna pjan biex meta jasal iż-żmien jingħad li l-Ġermanja għandha tibqa' tingħata l-għajnuna kif imsemmi fl-Artikolu għaliex għad għandha reġjuni li għadhom ibatu mill-qasma li kien hemm fil-Ġermanja.

Wieħed jista' jistaqsi. Jekk it-tort tal-qasma tal-Ġermanja kien riżultat tat-Tieni Gwerra Dinjija li qajjmet l-istess Ġermanja, dan ifisser li bil-preferenzi li qiegħda tingħata l-Ġermanja qiegħda tiġi ppremjata għall-istraġi li kienet għamlet?

Hawnhekk tajjeb li nistaqsu. **X'jiġri jekk it-Trattat tal-Kostituzzjoni ma jidħolx fis-seħħ għaliex ma jkunx hemm qbil fuqu?**

Se tibqa' l-Ġermanja tiġi mħollija f'din il-pożizzjoni privileġġjata ħdejn Stati Membri oħra bl-iskuża tal-qasma li kien hemm qabel mingħajr limitu ta' żmien?

**ARTIKOLU III-244**

**Kumitat Konsultattiv li jikkonsisti minn esperti maħtura mill-gvernijiet ta' l-Istati Membri għandu jkun anness mal-Kummissjoni. Il-Kummissjoni, kull meta tqis li jkun opportun, għandha tikkonsulta lill-Kumitat dwar kwistjonijiet ta' trasport.**

**Kumitat Konsultattiv Ieħor**

Kumitat ieħor biex ikompli jħawwad il-borma, joħloq postijiet għal tal-qalba, u piżijiet akbar fuq iċ-ċittadini ta' l-Istat Membri, kemm piżijiet finanzjarji u kemm piżijiet minħabba liġijiet u regolamenti li jissuġġerixxi.

Madankollu, tajjeb li ninnutaw li dan il-Kumitat mhux bilfors li jiġi konsultat, imma jiġi konsultat biss kull meta l-Kummissjoni tqis li jkun opportun.

Fi kliem ieħor, tista' ma tqisu qatt li jkun opportun li tikkonsultah.

**ARTIKOLU III-245**

**1. Din is-Sezzjoni għandha tapplika għal trasport bil-ferrovija, bit-triq u bil-passaġġi ta' l-ilma interni.**

**2. Il-liġi jew il-liġi kwadru Ewropea Ewropea tista' tistabbilixxi miżuri xierqa għal trasport bil-baħar u bl-ajru. Għandha tiġi adottata wara konsultazzjoni mal-Kumitat tar-Regjuni u mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali.**

**Trasport Differenti**

Dwar l-ewwel subartikolu, li jaffettwana hawn Malta huwa dwar it-trasport bl-art, għaliex la għandna ferroviji u lanqas xmajjar. Madankollu, xorta waħda nkunu rridu ndaħħlu r-regolamenti kollha ta' l-Unjoni Ewropea tas-setturi kollha.

Anki t-tieni subartikolu jaffettwana għaliex l-Unjoni Ewropea qiegħda tingħata l-jedd u s-setgħa li tagħmel liġijiet Ewropej biex tirregola t-trasport bl-ajru u bil-baħar.

Għaldaqstant, anki aħna sejrin nintlaqtu mill-arroganza ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea u bil-liġijiet tagħha f'dawn is-setturi, u la l-ħaddiema tas-Sea Malta, la tal-Gozo Channel, u lanqas ta' l-Air Malta ma jistgħu jserrħu rashom b'xogħolhom, ħobżhom u ħobż il-familji tagħhom, kif diġa' indunaw bis-sensji u l-privatizzazzjoni ordnata mill-Unjoni Ewropea ta' dawn il-kumpaniji u l-waqfien ta' għajnuna li kienu jingħataw.

L-istess ngħidu għall-ħaddiema tat-trasport bl-art, u taħt dan il-qasam hemm ħafna setturi bħal ma huma tal-burdnara, tat-trasport pubbliku, tal-privates, tat-taxis, tal-karozzi tal-kiri, u anki s-sewwieqa privati.

Għaldaqstant, kull settur tat-trasport f'Malta jista' jintlaqat ħażin mil-liġijiet ta' l-Unjoni Ewropea, kemm bl-għoli tal-liċenzji tal-vetturi u kemm b'ħaddiema barranin f'dan is-settur li jiġu jaħdmu hawn Malta.

Aktar 'il quddiem taraw kemm dak li qegħdin ngħidulkom huwa kollu minnu.

Ħadd ma jrid jinsa li l-Unjoni Ewropea tagħti l-jedd lil kulħadd li jmur jaħdem f'kull Stat Membru ieħor, u jekk dak l-Istat li jkun mar fih jipprova jagħmillu xi xkiel,

malajr itellgħu quddiem il-Qorti u jakkużah li qiegħed jiksirlu jeddijiet mogħtija lilu mil-liġi ta' l-Unjoni Ewropea.

L-unika triq biex neħilsu minn dan il-madmad li daħħluna fih il-**ĠUDIET** u t-tradituri Maltin u Għawdxin li qarrqu bil-poplu Malti u l-mexxejja kollha li bħala **QUISLINGS** ikunu lesti jobdu dak kollu li jordnalhom il-barrani ta' l-Unjoni Ewropea minn Brussell, u l-Unjoni Ewropea li riedet taħtaf lil Malta biex tagħmilha bażi militari tagħha, tan-N**ATO** u ta' l-Amerikani kif huwa ċar daqs il-kristall, huwa li nibgħatuhom kollha jixxejjru u nerġgħu niddikjaraw **l-Indipendenza, il-Ħelsien u s-Sovranita'** tagħna u neħilsu minn taħt il-ħakkiem barrani arroganti, kolonjali u imperjalista ta' l-Unjoni Ewropea kif għandna kull jedd u setgħa li nagħmlu.